KAPITOLU 345

ATT DWAR IS-SWIEQ FINANZJARJI*

Biex jipprovdi dwar l-awtorizzazzjoni ta' swieq regolati, depożitarji ċentrali tat-titoli u dwar il-negozjar b'mod ordinat ta' titoli trasferibbli u biex jipprovdi dwar affarijiet anċillari jew inċidentali għal dan jew li għandhom x'jaqsmu ma' dan.

Emendat: XVIII. 2002.111. *Sostitwit:* XX. 2007.13.

24 ta' Jannar, 1991;
12 ta' Diċembru, 1991;
8 ta' Jannar, 1992;
21 ta' Frar, 1992

L-ATT XXXIII tal-1990, kif emendat bl-Avviż Legali 2 tal-1992; bl-Att V tal-1992; bl-Avviż Legali 76 tal-1994; bl-Atti: XIV, XVI, XXI tal-1994, XXIV, XXV tal-1995, IX tal-1997; bl-Avviżi Legali 90, 91 tal-1999, 124 tal-2000; bl-Atti XVII tal-2002 u IV tal-2003; bl-Avviż Legali 370 tal-2003; bl-Atti IV tal-2005, XX tal-2007; bl-Avviż Legali 424 tal-2007; bl-Atti III tal-2009, XIX tal-2010, X tal-2011, XX tal-2013, XIX tal-2016, XVII, XXXI tal-2017, XLIV tal-2018, IX tal-2019, XXVI tal-2019, V tal-2020 ,XLVI u LXXI tal-2021, IX u XXV tal-2023 u XI u XXIX tal-2025.

Sostitwit: XI.2023.2.

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1-2A
Taqsima II	Postijiet tan-negozju	3-10B
Taqsima III	Prospett, Elenku u Negozjar	11-23
Taqsima IV	Depożitarju Ċentrali tat-Titoli	24-31A
Taqsima IV *bis*	Bonds Koperti	31B-31I
Taqsima V	Setgħat Regolatorji u ta' Sorveljanza	32-41B
Taqsima VI	Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji	42-44
Taqsima VII	Mixxellanji	45-54
	SKEDA	

TAQSIMA I

Preliminari

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji.

Titolu fil-qosor. *Emendat:* V. 1992.2; XVII. 2002.112.

*Ara d-dispożizzjoni transitorja riprodotta fl-aħħar ta' dan l-Kapitolu.

Tifsir u skop.
Emendat:
V. 1992.2, 3;
XIV. 1994.32;
XXI. 1994.12;
XXV. 1995.433;
IX. 1997.5;
XVII. 2002.113;
IV. 2005.30;
XX. 2007.14, 15;
III. 2009.14;
XIX. 2010.17;
X. 2011.14;
XX. 2013.25;
XIX. 2016.3;
XXXI. 2017.16;
XLIV.2018.3;
V.2020.11;
XLVI.2021.11;
LXXI.2021.6;
IX.2023.3;
XXV.2023.36;
XI.2025.5;
XXIX.2025.8.

2. (1) F'dan l-Att, u fl-Iskeda li tinsab miegħu, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"abbuż fis-suq" tfisser imġieba li tammonta għall-użu projbit ta' informazzjoni interna jew manipulazzjoni tas-suq taħt l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzarji;

"aggregazzjoni ta' kopertura" tfisser sett, iddefinit b'mod ċar, ta' assi li jassiguraw l-obbligi ta' ħlas marbuta ma' bonds koperti u li jkunu segregati minn assi oħra miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ il-bonds koperti;

Kap. 476.
Kap. 330.

"amministratur speċjali" tfisser il-persuna jew l-entità maħtura sabiex tamministra programm ta' bonds koperti fil-każ tal-insolvenza ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti taħt dak il-programm, jew meta jkun ġie stabbilit li tali istituzzjoni ta' kreditu tkun qiegħda tfalli jew x'aktarx li tfalli skont ir-regolament 32(1) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-awtorità kompetenti tiddetermina li l-funzjonament xieraq ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu jkun f'riskju serju;

L.S. 330.09.

"APA" jew "arranġament approvat dwar pubblikazzjoni" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (52) tal-Artikolu 2(1) tal-MiFIR;

"ARM" jew "mekkaniżmu approvat ta' rapportaġġ" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (36) tal-Artikolu 2(1) tal-MiFIR;

"assi kollaterali" tfisser assi fiżiċi u assi fil-forma ta' skoperturi li jassiguraw assi ta' kopertura;

"assi ta' kopertura" tfisser assi inklużi f'aggregazzjoni ta' kopertura;

"awtorità kompetenti" tfisser l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

"Awtorità regolatorja barranija" tfisser awtorità f'pajjiż jew territorju barra minn Malta li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE li jeżerċita funzjoni regolatorja jew ta' sorveljanza għar-rigward ta' servizzi finanzjarji li jikkorrispondu għal funzjoni tal-awtorità kompetenti kif imfissra fl--Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

Kap. 330.

"Awtorità regolatorja Ewropea" tfisser il-korp jew korpi nominati minn Stat Membru jew Stat ŻEE skont l-Artikolu 67 tal-MIFID biex iwettqu kull wieħed mid-dmirijiet li hemm provdut dwarhom taħt id-dispożizzjonijiet differenti tal-MIFID;

"Awtorità ta' riżoluzzjoni Ewropea" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-regolament 2(1) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni; L.S. 330.09.

"Bank Ċentrali" tfisser il-Bank Ċentrali ta' Malta kif imfisser fl-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta; Kap. 204.

" "bond kopert" tfisser obbligu ta' dejn li jkun maħruġ minn istituzzjoni ta' kreditu f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations, tar-regolamenti 68(7) u 108(1) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni, u ta' kwalunkwe Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħt dan l-Att jew taħt ir-Regolamenti dwar Bonds Koperti fl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, u li jkun garantit minn assi ta' kopertura li għalihom l-investituri f'bond kopert ikollhom rikors direttt bħala kredituri preferuti; L.S. 345.27. L.S. 330.09.

"*bye-laws*" tfisser *bye-laws* magħmula skont l-artikolu 4Ċ;

"CBD" tfisser Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-materja ta' bonds koperti u superviżjoni pubblika ta' bond kopert u li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2014/59/UE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe miżuri implimentattivi li jkunu ġew jew jistgħu jiġu maħruġa taħtha;

"ċertifikati" tfisser dawk it-titoli li huma negozjabbli fis-suq kapitali u li fil-każ ta' ħlas lura tal-investiment mill-emittent huma ggradati 'l fuq mill-ishma imma taħt strumenti ta' *bonds* mhux assikurati u strumenti oħra bħalhom;

"CRAR" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu, kif emendat minn żmien għal żmien, u kliem u frażijiet użati f'dan l-Att għandu jkollhom l-istess tifsira kif mogħti lilhom fl-imsemmi Regolament UE, kemm-il darba ma jingħadx xort'oħra hawnhekk;

"CRD" tfisser id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, kif emendati minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li kienu, jew jistgħu jinħarġu taħtha;

"CRR" tfisser ir-regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe miżuri implimentattivi li jkunu ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtu;

"CSD ta' pajjiż terz" tfisser kull entità legali stabbilita f'pajjiż terz li tipprovdi servizz simili għas-servizz ewlieni msemmi fil-punt (3) tat-Taqsima A tal-Anness tas-CSDR u li mill-inqas twettaq servizz ewlieni ieħor elenkat fit-Taqsima A tal-Anness;

"CSDR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib

fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitarji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u l-MiFID u r-Regolament (UE) Nru 236/2012, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew setgħet tinħareġ taħtu;

"CTP" jew "fornitur ta' tape konsolidat" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (35) tal-Artikolu 2(1) tal-MiFIR;

"data personali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsilll tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"depożitarju ċentrali tat-titoli" tfisser persuna li tkun awtorizzata skont it-Taqsima IV ta' dan l-Att li tipprovdi xi funzjoni waħda jew aktar mill-funzjonijiet stipulati fl-artikolu 26;

"depożitarju ċentrali tat-titoli" jew "CSD" għandhom ikunu jfissru persuna ġuridika li topera sistema ta' ssetiljar ta' titoli kif imsemmi fil-punt (3) tat-Taqsima A tal-Anness għas-CSDR u li tipprovdi mill-inqas xi wieħed mis-servizzi ċentrali li ġejjin elenkati fit-Taqsima A tal-imsemmi Anness:

(i) reġistrazzjoni inizjali ta' titoli f'sistema ta' dħul fil-kotba ('servizz ta' nutar');

(ii) il-provdiment u ż-żamma ta' kontijiet tat-titoli fl-ogħla livell ('servizz ta' manutenzjoni ċentrali');

"derivati" tfisser dawk l-istrumenti finanzjarji definiti fil-punt (44)(ċ) tal-artikolu 4(1) tal-MiFID; u msemmija fl-Anness I, Sezzjoni C(4) sa (10) li jinsab magħha;

"derivati tal-komoditajiet" tfisser kuntratti ta' derivattivi marbuta mal-prodotti elenkati fl-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, u l-Anness I, Parti I sa XX u XXIV/1 għalih, kif ukoll mal-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

"detentur ta' liċenza" tifisser persuna li tkun detentur ta' liċenza taħt l-Att dwar is-Servizzi tal-Investiment; Kap. 370.

"Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti" tfisser Direttiva 2007/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 (kif wara emendata) dwar l-eżerċizzju ta' ċerti drittijiet ta' azzjonisti f'kumpanniji elenkati, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva, *standards* tekniċi implimentattivi, *standards* tekniċi regolatorji u miżuri simili li jkunu, jew jistgħu jiġu, maħruġa taħtha;

"Direttiva dwar il-Bilanċ bejn il-Ġeneri" tfisser id-Direttiva (UE) 2022/2381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar it-titjib tal-bilanċ bejn il-ġeneri fost diretturi ta' kumpaniji elenkati u miżuri relatati, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kwalunkwe strument legali vinkolanti, linji gwida u miżuri

oħra li jkunu ġew, jew jistgħu jiġu, maħruġa taħtha;

"Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover*" tfisser id-Direttiva 2004/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 fuq offerti ta' takeover, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;

"Direttiva dwar it-Trasparenza" tfisser id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 fuq l-armonizzazzjoni ta' ħtiġiet ta' trasparenza għar-rigward ta' informazzjoni dwar emittenti li għandhom it-titoli tagħhom mdaħħlin fin-negozjar f'suq regolat u li jemendaw id-Direttiva 2001/34/KE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha;

"Direttiva tal-Verifiki Statutorji" tfisser Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 (kif emendat sussegwentement) dwar il-verifiki statutorji ta' kontijiet annwali u kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE, kif tista' tiġi emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva, *standards* tekniċi implimentattivi, *standards* tekniċi regolatorji u miżuri simili li jkunu, jew jistgħu jiġu, maħruġa taħtha;

"Direttiva 95/46/KE" tfisser id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data*, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew tista' tinħareġ taħtha;

"Direttiva 2003/87/KE" tfisser id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew tista' tinħareġ taħtha;

"Direttiva 2009/65/KE" tfisser Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 13 Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi l-miżuri implimentattivi kollha li jkunu ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħtha;

"Direttiva 2013/34/UE" tfisser id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE, kif jistgħu jkunu emendati minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew tista' tinħareġ taħtha;

"Direttivi" tfisser id-Direttiva dwar it-Trasparenza, id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Azzjonisti, id-Direttiva dwar Offerti ta' *Takeover* u d-Direttiva tal-Verifiki Statutorji, kollettivament;

"EBA" tfisser l-Awtorità Bankarja Ewropea stabbilita bir-regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, kif emendat minn żmien għal żmien;

"EMIR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju, 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-transazzjonijiet kif emendat minn żmien għal żmien;

"emittent" tfisser, għall-finijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att, kull entità ġuridika li toħroġ jew tipproponi li toħroġ titoli;

"emittent frekwenti" tfisser l-emittent imsemmi fl-artikolu 9(11) tar-Regolament tal-Prospett;

"entità legali" għandha tkun tinkludi l-assoċjazzjonijiet tan-negozju reġistrati u li m'għandhomx personalità legali u trusts fil-kuntest tat-tifsira tad-Direttiva dwar it-Trasparenza;

"ESAP" tfisser Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew skont ir-Regolament ESAP;

"ESMA" tfisser l-Awtorità Ewropea dwar Titoli u Swieq mwaqqfa bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010;

"ESRB" tfisser il-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku mwaqqaf bir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 fuq is-sorveljanza makro-prudenti tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li twaqqaf Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku;

"Faċilità Kummerċjali Multilaterali" jew "MTF" tfisser sistema multilaterali, imħaddma minn ditta ta' investiment jew minn operatur fis-suq, li ġġib flimkien interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn terzi fi strumenti finanzjarji - fis-sistema u f'konformità ma' regoli mhux diskrezzjonali - b'mod li jwassal għal kuntratt kif hemm fit-Titolu II tal-MiFID;

"faċilità kummerċjali organizzata" jew "OTF" tfisser sistema multilaterali li ma tkunx suq irregolat jew MTF u li fiha interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn terzi f'*bonds*, prodotti finanzjarji strutturati, permessi ta' emissjoni jew derivati jkunu jistgħu jinteraġixxu fis-sistema b'mod li jwassal għal kuntratt kif hemm fit-Titolu II tal-MiFID;

"fond negozjat fil-kambju" tfisser fond li fih mill-inqas unità waħda jew klassi ta' ishma jiġu negozjati matul il-ġurnata mill-inqas f'post tan-negozju wieħed u mill-inqas ma' funzjonarju wieħed fis-suq li jaġixxi biex jiżgura li l-prezz tal-unitajiet jew ishma fuq il-post tan-negozju ma jkunx ivarja b'mod sinifikanti mill-valur nett tal-assi

tiegħu u, fejn applikabbli, mill-valur indikattiv tal-assi netti tiegħu;

"forma dematerjalizzata" tfisser il-fatt li l-istrumenti finanzjarji jeżistu biss bħala reġistrazzjonijiet fil-kotba tal-kontijiet;

"format ta' data li tista' tiġi estratta" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tar-Regolament ESAP;

"ġeneratur tas-suq" tfisser persuna li tqis lilha nfisha fis-swieq finanzjarji fuq bażi kontinwa bħala li tkun lesta li tinnegozja in akkont tagħha nfisha billi tixtri u tbigħ strumenti finanzjarji kontra l-kapital proprjetarju ta' dik il-persuna bi prezzijiet definiti minn dik il-persuna;

"immobilizzazzjoni" tfisser l-att ta' konċentrazzjoni tal-lokazzjoni ta' titoli fiżiċi f'CSD b'tali mod li jkun jippermetti li trasferimenti sussegwenti jsiru permezz ta' dħul fil-kotba;

"informazzjoni regolata" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik assenjata lilha fir-Regoli tas-Swieq Kapitali;

"irċevuti tad-depożiti" tfisser dawk it-titoli li huma negozjabbli fis-suq kapitali u li jirrappreżentaw sjieda tat-titoli ta' emittent mhux domiċiljat filwaqt li jkunu jistgħu jiġu ammessi għal negozjar f'suq regolat u negozjati indipendentement mit-titoli tal-emittent mhux domiċiljat;

"istituzzjoni ta' kreditu" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tal-CRR;

"konsulent delegat" tfisser persuna ġuridika li tanalizza, fuq bażi professjonali u kummerċjali, l-iżvelar korporattiv u, fejn rilevanti, informazzjoni oħra ta' kumpaniji elenkati bil-għan li investituri li jkollhom vot jieħdu deċiżjonijiet infurmati dwar il-vot billi tipprovdi riċerka, pariri jew rakkomandazzjonijiet dwar il-votazzjoni li jikkonċernaw l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot, li jipprovdu tali servizzi lil azzjonisti fir-rigward ta' ishma ta' kumpaniji li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fi Stat Membru jew Stat taż-ŻEE u li l-ishma tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat li jinsab jew li jopera fi Stat Membru jew fi Stat taż-ŻEE;

"korp ta' ġbir" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tar-Regolament ESAP;

"korp tat-tmexxija" tfisser il-korp jew korpi ta' operatur tas-suq jew provditur ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-data li jinħatru skont il-liġijiet ta' Malta, li għandhom is-setgħa li jistabbilixxu l-istrateġija, l-għanijiet u d-direzzjoni ġenerali tal-entità, u li jkunu jissorveljaw u jimmonitorjaw it-teħid ta' deċiżjonijiet tat-tmexxija u jinkludi persuni li effettivament imexxu n-negozju tal-entità;

" "Kumitat ta' Riżoluzzjoni" tfisser il-Kumitat ta' Riżoluzzjoni maħtur mill-Awtorità ta' Riżoluzzjoni skont l-artikolu 7B(2) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta; Kap. 330.

"kumpannija" tinkludi:

(i) kumpannija ffurmata u reġistrata skont l-Att dwar il-Kumpanniji; u Kap. 386.

(ii) kumpannija kostitwita jew inkorporata, jew li tkun se tiġi kostitwita jew inkorporata barra minn Malta, kemm jekk il-kumpannija jkollha jew le post ta' negozju stabbilit f'Malta;

"kumpannija elenkata" tfisser kumpannija li l-istrumenti finanzjarji tagħha jkunu ġew ammessi fil-lista fuq il-post tan-negozju kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"kumpannija kwotata" tfisser kumpannija li l-istrumenti finanzjarji tagħha jkunu ddaħħlu biex jiġu elenkati u għall-kummerċ fuq post tan-negozju kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

"kumpannija msieħba" dwar kumpannija, tfisser kull enti morali li jkun is-sussidjarju jew l-assoċjat ta' dik il-kumpannija, jew *holding company* tagħha, jew hu l-*manager* jew hu mmexxi minn dik il-kumpannija jew jagħti jew jieħu pariri jew hu b'xi mod ieħor ikkontrollat minn jew jikkontrolla dik il-kumpannija, *holding company* tagħha jew hu s-sussidjarju jew l-assoċjat tal-*holding company* ta' dik il-kumpannija;

"lista rikonoxxuta" tfisser lista mħejjija u pubblikata minn suq regolat skont il-*bye-laws* ta' dak is-suq regolat;

"MAD" tfisser id-Direttiva 2014/57/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar sanzjonijiet kriminali għal abbuż tas-suq (direttiva dwar l-abbuż tas-suq), kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew setgħet tinħareġ taħtha;

"MAR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 t'April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE, kif emendat minn żmien għal żmien, u inkluża kull miżura implimentattiva li kienet, jew tista' tinħareġ taħtu;

"membri" dwar suq regolat" tfisser il-membri ta' dak is-suq regolat;

"metadata" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħti lilha fl-artikolu 2 tar-Regolament ESAP;

"MiFID" tfisser id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE, kif emendata minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li tkun inħarġet, jew li tista' tinħareġ taħtha;

"MiFIR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li jemenda Regolament (UE) Nru 648/2012, kif emendat minn żmien għal żmien, u tinkludi kull miżura implimentattiva li tkun inħarġet, jew li tista' tinħareġ taħtu;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-regolamentazzjoni tas-Servizzi Finanzjarji;

"negozjar" tfisser l-attività ta' xiri u bejgħ ta' strumenti finanzjarji kwotati;

"negozjar għan-nom proprju" tfisser kummerċ kontra kapital proprjetarju li jirriżulta fl-għemil ta' transazzjonijiet f'xi strument finanzjarju wieħed jew aktar;

"offerent" tfisser, għall-finijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att, entità ġuridika jew individwu li joffru titoli lill-pubbliku;

"offerta ta' titoli lill-pubbliku" tfisser, għall-finijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att, komunikazzjoni lil persuni f'kull forma u b'kull mezz, li fiha tiġi ppreżentata informazzjoni suffiċjenti dwar il-kundizzjonijiet tal-offerta u t-titoli li jkunu se jiġu offruti, biex investitur ikun jista' jiddeċiedi dwar jekk jixtrix jew jabbonax f'dawk it-titoli. Din it-tifsira tapplika wkoll għat-tqegħid ta' titoli permezz ta' intermedjarji finanzjarji;

"operatur fis-suq" tfisser persuna jew persuni li jiġġestixxu u, jew joperaw in-negozju ta' suq irregolat u jistgħu jkunu s-suq irregolat innifsu;

"persuna f'kumpannija" tfisser persuna li jew:

(i) tkun direttur ta' dik il-kumpannija jew ta' kumpannija msieħba, jew

(ii) tkun uffiċjal jew impjegat ta' dik il-kumpannija jew ta' kumpannija msieħba, jew

(iii) tkun tokkupa pożizzjoni li tinvolvi relazzjoni kummerċjali jew professjonali bejnha nnifisha, il-prinċipal tagħha, jew kumpannija li tagħha tkun direttur, u dik il-kumpannija jew kumpannija msieħba, jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku li tkun qiegħda tikseb tagħrif fil-kapaċità uffiċjali tagħha;

"post tan-negozju" tfisser suq regolat, MTF jew OTF;

"preskritt" tfisser stipulat b'regolamenti magħmula taħt dan l-Att;

" "programm ta' bonds koperti" tfisser il-karatteristiċi strutturali ta' ħruġ ta' bonds koperti li jkunu determinati bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u bir-regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu u d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni li jittrasponu s-CBD u b'pattijiet u kundizzjonijiet kuntrattwali, f'konformità mal-approvazzjoni mogħtija lill-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ il-bonds koperti; L.S. 330.09.

"provditur ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-*data*" tfisser l-istess bħat-tifsira mogħtija lilha fil-punt (36a) tal-Artikolu 2(1) tal-MiFIR;

"Regolament dwar Bonds Ekoloġiċi" tfisser ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu ġew, jew jistgħu jiġu, maħruġa taħtu;

"Regolament DORA" tfisser ir-Regolament (UE) 2022/2554 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar ir-reżiljenza operazzjonali diġitali għas-settur finanzjarju u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 909/2014 u (UE) 2016/1011, kif emendat minn żmien

għal żmien, u jinkludi kwalunkwe strumenti legali vinkolanti, linji gwida u miżuri oħra li jkunu ġew, jew jistgħu jiġu, maħruġa taħtu;

"ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT" tfisser ir-Regolament (UE) 2022/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar reġim pilota għall-infrastrutturi tas-suq ibbażati fuq it-teknoloġija ta' reġistru distribwit, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 909/2014 u d-Direttiva 2014/65/UE, kif emendata minn żmien għal żmien, u jinkludi kwalunkwe miżuri ta' implimentazzjoni li nħarġu jew li jistgħu jinħarġu taħtu;

"Regolament ESAP" tfisser ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien u jinkludi kwalunkwe miżuri ta' implimentazzjoni li ħarġu, jew jistgħu jinħarġu taħtu;

"Regolament (UE) Nru 1095/2010" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew tista' tinħareġ taħtu;

"Regolament (UE) Nru 1308/2013" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007, kif emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura implimentattiva li kienet, jew tista' tinħareġ taħtu;

"Regolament tal-Prospett" tfisser Regolament (UE) Nru 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar il-prospett li għandu jiġi pubblikat meta jiġu offruti titoli lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ f'suq regolat, u li jħassar id-Direttiva 2003/71/KE, kif jista' jiġi emendat minn żmien għal żmien, u jinkludi kull miżura implimentattiva, *standards* tekniċi implimentattivi, *standards* tekniċi regolatorji u miżuri simili li jkunu, jew jistgħu jiġu, maħruġa taħtu;

"Regoli dwar Bonds Koperti" tfisser dawk ir-Regoli maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt it-Taqsima IV *bis* jew taħt kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtha;

"Regoli tas-Swieq Kapitali" tfisser dawk ir-Regoli maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt it-Taqsima III ta' dan l-Att;

" "riżoluzzjoni" għandu jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fir-regolament 2(1) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni;

L.S. 330.09.

"segregazzjoni" tfisser l-azzjonijiet imwettqa minn istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti biex tidentifika assi ta' kopertura u legalment tqegħedhom lil hinn mill-portata tal-krediturі għajr l-investituri f'bond kopert u l-kontropartijiet ta' kuntratti ta' derivattivi;

"sistema multilaterali" tfisser kull sistema jew faċilità li fihom interessi kummerċjali ta' xiri u ta' bejgħ multipli ta' terzi fi strumenti finanzjarji jkunu jistgħu jaġixxu bejniethom fis-sistema;

"sovrakollateralizzazzjoni" tfisser, fl-intier tiegħu, il-livell statutorju, kuntrattwali jew volontarju ta' kollaterali li jeċċedi r-rekwiżit ta' kopertura stabbilit fir-regolament 12 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations; L.S. 345.27.

"spettur" tfisser spettur maħtur bis-saħħa tal-artikolu 33;

"sponsor" tfisser persuna reġistrata mal-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 12B, sabiex tipprovdi pariri, gwida u għarfien espert lil emittenti li japplikaw, jew jixtiequ japplikaw, għall-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali taħt dan l-Att, u kif jista' jiġi preskritt;

"strument legali vinkolanti" tfisser kwalunkwe miżura direttament applikabbli, inklużi iżda mhux limitati għal, kwalunkwe standard tekniku ta' implimentazzjoni, kwalunkwe standard tekniku regolatorju jew miżuri simili, maħruġa taħt leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea;

"struttura ta' maturità estendibbli" tfisser mekkaniżmu li jipprovdi għall-possibbiltà li tiġi estiża l-maturità skedata ta' bonds koperti għal perjodu ta' żmien predeterminat u fil-każ li jseħħ avveniment skattatur speċifiku;

"superviżjoni pubblika ta' bonds koperti" tfisser is-superviżjoni ta' programmi ta' bonds koperti li tiżgura konformità ma', u l-infurzar ta', ir-rekwiżiti applikabbli għall-ħruġ ta' bonds koperti;

"suq regolat lokali" tfisser, għall-finijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att, suq regolat li jkun awtorizzat taħt dan l-Att;

"titoli" tfisser, għall-finijiet tat-Taqsima III ta' dan l-Att, titoli trasferibbli, bl-eċċezzjoni ta' strumenti tas-suq tal-flus kif imfissra fil-punt (17) tal-artikolu 4(1) tal-MiFID, li jkollhom maturità ta' inqas minn tnax-il (12) xahar;

"SSR" tfisser ir-Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-*swaps* ta' inadempjenza tal-kreditu, kif emendat minn żmien għal żmien;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Komunitajiet Ewropej;

"Stat Membru domestiku" tfisser, fil-każ ta' suq regolat, l-Istat Membru jew Stat ŻEE li fih ikun reġistrat is-suq regolat jew, jekk taħt il-liġi ta' dak l-Istat Membru jew Stat ŻEE ma jkollu l-ebda uffiċċju reġistrat, l-Istat Membru jew Stat ŻEE fejn ikun jinsab l-uffiċċju ewlieni tas-suq regolat;

"Stat Membru li jospita" tfisser l-Istat Membru jew Stat ŻEE li fih is-suq regolat jipprovdi arranġamenti xierqa sabiex jiffaċilita l-aċċess

għall-kummerċ fis-sistema tiegħu minn membri mbegħdin jew minn parteċipanti stabbiliti f'dak l-Istat Membru nnifsu jew Stat ŻEE;

"Stat ŻEE" tfisser Stat li jkun parti kontraenti fil-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea iffirmat f'Oporto fit-2 ta' Mejju, 1992 kif emendat bil-Protokoll iffirmat fi Brussel fis-17 ta' Marzu, 1993 u kif emendat b'attijiet sussegwenti;

"strumenti finanzjarji" tfisser dawk l-istrumenti speċifikati fit-Taqsima Ċ tal-Anness I tal-MiFID, inklużi dawk l-istrumenti maħruġa permezz ta' teknoloġija tar-reġistru distribwit;

"strumenti finanzjarji nominati" tirreferi għall-istrumenti regolati bid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28;

"suq regolat" tfisser sistema multilaterali operata u, jew amministrata minn operatur fis-suq, li ġġib flimkien jew tiffaċilita li jinġiebu flimkien interessi multipli ta' xiri u bejgħ minn terzi fi strumenti finanzjarji - fis-sistema u kif iridu r-regoli mhux diskrezzjonali tagħha - b'mod li jirriżulta f'kuntratt, fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji ammessi għall-kummerċ taħt ir-regoli u, jew sistemi tagħha, u li tkun awtorizzata u tiffunzjona regolarment u kif hemm fit-Titolu III tal-MiFID. Għall-finijiet ta' din it-tifsira, "interessi ta' xiri u bejgħ" tinkludi ordnijiet, kwotazzjonijiet u indikazzjonijiet ta' interess;

"teknoloġija ta' reġistru distribwit" għandha l-istess tifsira bħal dik assenjata lilha fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT;

"titoli trasferibbli" tfisser dawk il-klassijiet ta' titoli li huma negozjabbli fis-suq tal-kapital, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti tal-pagament, bħalma huma:

(*a*) l-ishma f'kumpanniji u titoli oħra ekwivalenti għal ishma f'kumpanniji, soċjetajiet jew entitajiet oħra, u rċevuti depożitarji li għandhom x'jaqsmu mal-ishma;

(*b*) *bonds* jew għamliet oħra ta' dejn sekurizzat, inklużi rċevuti depożitarji dwar titoli bħal dawk;

(*ċ*) kull titolu ieħor li jagħti dritt għall-ksib jew bejgħ ta' titoli trasferibbli bħal dawk jew li jagħtu lok għal ħlas assaldu bi flus stabbilit b'referenza għal titoli trasferibbli, muniti, rati ta' mgħax jew rendimenti, komoditajiet jew indiċijiet jew miżuri oħra;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji mwaqqaf taħt l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

(1A) F'dan l-Att u fi kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, jekk ikun hemm xi kunflitt bejn it-test Ingliż u dak Malti, għandu jipprevali t-test Ingliż.

(2) L-għan ta' dan l-Att huwa *inter alia* sabiex jirregola postijiet tan-negozju, depożitarji ċentrali tat-titoli, kontropartijiet ċentrali, bonds koperti u l-ħruġ tagħhom minn istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom liċenzja skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, u biex jipprovdi dwar kummerċ bl-ordni f'titoli trasferibbli u dwar affarijiet anċillari jew inċidentali għalihom jew li jkollhom x'jaqsmu magħhom,

Kap. 371.

u biex jittrasponi u, jew jimplimenta, in parti, id-dispożizzjonijiet rilevanti tas-CBD, CRAR, CSDR, ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT, EMIR, MIFID, MiFIR, tar-Regolament tal-Prospett, tas-SSR u tad-Direttivi, u konsegwentement ta' dan l-Att u r-regolamenti adottati taħtu għandhom jiġu interpretati u applikati skont dan.

(3) Taqsima IV *bis* għandha tkun tapplika għal bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu li jkollhom liċenzja skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju. Kap. 371.

2A. (1) L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u, b'mod partikolari, għandha tara li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. L-awtorità kompetenti għandha twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att. *Miżjud: XIX. 2016.4. Emendat: XXV.2023.37; XI.2025.6.*

(2) L-awtorità kompetenti għandha wkoll twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet bħala awtorità kompetenti għall-finijiet kollha tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-CRAR, CSDR, ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT, EMIR, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn il-Ġeneri, ir-Regolament dwar Bonds Ekoloġiċi, MiFID, MiFIR u l-SSR, u l-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea, ESMA, u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej għandhom ikunu infurmati b'dan.

(3) L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandha tkun l-awtorità kompetenti f'Malta għall-finijiet li jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet relevanti tal-CRAR,CSDR, ir-Regolament dwar ir-Reġim Pilota tad-DLT, EMIR, id-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn il-Ġeneri, ir-Regolament dwar Bonds Ekoloġiċi, MiFID, MiFIR u SSR, u kull riferenza f'dan l-Att għall-awtorità kompetenti għandha tinqara u tinftiehem b'dan il-mod. Kap. 330.

TAQSIMA II

Sostitwita: XIX. 2016.5.

Postijiet tan-Negozju

3. (1) Il-Ministru, bil-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu - Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 16; XXXI. 2017.17; XI.2025.7.*

(*a*) il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti minn suq jekk dan għandu jikkwalifika bħala suq regolat li għar-rigward tiegħu tista' tinħareġ awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(*b*) il-ħtiġiet inklużi ħtiġiet għal rapporti u trasparenza u kondizzjonijiet li suq regolat għandu jkompli jissodisfa biex jibqa' suq regolat;

(*ċ*) iċ-ċirkostanzi u l-mod li bih awtorizzazzjoni jew il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li għalih ikun suġġett jistgħu jkunu mibdula, sospiżi jew revokat;

(*d*) ħtiġiet għar-regolamentazzjoni u sorveljanza ta' operatur fis-swieq u, jew fi swieq regolati;

(*e*) arranġamenti għall-investigazzjoni ta' lmenti dwar operatur fis-swieq u, jew suq regolat;

(*f*) il-funzjonijiet tat-Tribunal dwar il-proċedimenti taħt

bye-laws ta' swieq regolati minn persuni soġġetti għal tali *bye-laws*;

(*g*) arranġamenti għall-iskrutinju ta' prattiċi ta' operatur fis-swieq u, jew *bye-laws* u prattiċi ta' swieq regolati u għall-prevenzjoni ta' prattiċi restrittivi skont l-Att dwar il-Kompetizzjoni u regolamenti magħmulin taħtu;

Kap. 379.

(*h*) kategoriji ta' operazzjonijiet li jistgħu jitwettqu biss fuq suq regolat u ċ-ċirkostanzi li fihom investitur ikun eżentat minnhom;

(*i*) eżenzjonijiet mill-ħtieġa ta' awtorizzazzjoni magħmula taħt l-artikolu 4(1) li jistgħu jkunu soġġetti għal varjazzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifiki hekk kif stipulat u li jistgħu jkunu soġġetti għal kondizzjonijiet jew ħtiġiet oħra, inklużi forom ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' notifika oħra, kif stipulat;

(*ia*) drittijiet u ħlasijiet fir-rigward ta' kwalunkwe talba, applikazzjoni jew kull ħaġa oħra li tista' tiġi sottomessa lill-Awtorità taħt dan l-Att, inkluż id-drittijiet u l-ħlasijiet fir-rigward ta' kwalunkwe permess, liċenzja, awtorizzazzjoni, reġistrazzjoni, eżenzjoni jew xi benefiċċju ieħor, kif ukoll kwalunkwe drittijiet jew ħlasijiet fir-rigward tal-funzjonijiet regolatorji, superviżorji jew investigattivi tal-Awtorità skont dan l-Att jew xi regolamenti magħmula jew Regoli maħruġa taħtu;

(*j*) jipprekrivu kull ħaġa li hi inċidentali ma' xi ħaġa li ssemmiet hawn fuq jew konnessa magħha.

Mižjud: XXXI. 2017.17.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jimponu:

(*a*) penalitajiet amministrattivi li ma jistgħux ikunu ta' iżjed minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) għal kull kontravvenzjoni jew nuqqas ta' tħaris, hekk kif jista' jkun il-każ;

(*b*) pieni jew penalitajiet oħra dwar xi kontravvenzjoni jew nuqqas ta' tħaris ta' mhux iżjed minn multa ta' erba' mija sitta u sittin elf euro (€466,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-piena u priġunerija flimkien;

(*ċ*) penalitajiet amministrattivi ogħla minn mija u ħamsin elf Euro (€150,000) u multi ogħla minn erba' mija sitta u sittin elf euro (€466,000), meta jitqies hekk meħtieġ jew xieraq għal kull kontravvenzjoni jew nuqqas ta' ħarsien ta' kull Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE jew ta' kull regolament magħmul taħt dan l-artikolu biex jittrasponi jew jagħti effett għal kull Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE.

(3) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jkunu jippreskrivu wkoll il-penalitajiet u multi kif hemm previst fis-

subartikolu (2)(*ċ*), għal kull kontravvenzjoni ta' xi dispożizzjoni tal-Att jew xi kontravvenzjoni ta' Regoli ta' Swieq Finanzjarji, li jittrasponu u, jew jimplimentaw xi Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE.

Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat; XX. 2007.14, 17; XIX. 2010.18; XX. 2013.26; XXXI. 2017.18; XLVI.2021.12; LXXI.2021.7; IX.2023.4.*

4. (1)(*a*) Ebda persuna ma għandha tipprovdi, jew turi li qed tipprovdi servizzi ta' suq regolat f'Malta jew minn ġewwa Malta kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex f'idejha awtorizzazzjoni.

(*b*) Kull korp, inkorpat jew le, jista' japplika lill-awtorità kompetenti għal awtorizzazzjoni taħt din it-Taqsima ta' dan l-Att biex jiddikjarah bħala suq regolat awtorizzat għall-finijiet ta' dan l-Att.

(*ċ*) Suq regolat għandu biss ikun awtorizzat meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li kemm l-operatur fis-suq kemm is-sistemi tas-suq regolat ikunu jikkonformaw mal-ħtiġiet applikabbli stabbiliti f'dan l-Att u f'kull regolament jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu.

(*d*) Meta suq regolat ikun persuna legali u jkun maniġġat jew operat minn operatur fis-suq li ma jkunx is-suq regolat innifsu, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi permezz ta' Regoli ta' Swieq Finanzjarji kif l-obbligi differenti imposti fuq l-operatur fis-suq taħt MiFID għandhom ikunu allokati bejn is-suq regolat u l-operatur fis-suq.

(2) (*a*) L-operatur fis-suq tas-suq regolat għandu jipprovdi kull informazzjoni, li tkun meħtieġa biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tissodisfa ruħha li s-suq regolat ikun stabbilixxa, fil-waqt tal-awtorizzazzjoni inizjali, l-arranġamenti kollha meħtieġa biex ikun jikkonforma mal-obbligi li għandu taħt l-Att jew regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu.

(*b*) L-applikazzjoni għandha ssir b'dak il-mod li l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi bir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji u magħha għandu jintehmeż:

(i) programm ta' operazzjonijiet li jistabbilixxu fost l-oħrajn it-tipi ta' kummerċ previst;

(ii) deskrizzjoni sħiħa tal-istruttura organizzattiva u *bye-laws* proposti jew arranġamenti simili tal-applikant;

(iii) informazzjoni dettaljata bħal ma hi meħtieġa mill-awtorità kompetenti dwar:

(*a*) il-persuni li effettivament imexxu n-negozju u l-operazzjonijiet tas-suq regolat;

(*b*) dawk il-persuni li huma sidien tas-suq regolat; u

(*ċ*) l-operatur fis-suq; u

(iv) kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtorità kompetenti.

(3) L-operatur fis-suq għandu javża lill-awtorità kompetenti

minnufih meta jsiru xi bidliet jew korrezzjonijiet fl-informazzjoni provduta skont is-subartikolu (2):

Iżda fil-każ ta' bidliet għall-persuni li effettivament imexxu n-negozju u l-operazzjonijiet tas-suq regolat għandha tenħtieġ l-awtorizzazzjoni mogħtija bil-quddiem tal-awtorità kompetenti:

Iżda wkoll meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u demonstrabbli biex jitqies li n-nomina jew l-elezzjoni ta' uffiċjal tippreżenta jew tista' tippreżenta theddida materjali għall-immaniġġar sod u prudenti u għall-operazzjoni tas-suq regolat, l-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta milli tapprova dik in-nomina jew elezzjoni.

(4) Sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aħjar mod id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli ta' Swieq Finanzjarji li jkunu jorbtu lis-swieq regolati u lil oħrajn li jistgħu jiġu speċifikati fihom. Dawk ir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji jistgħu jistabbilixxu ħtiġiet u kondizzjonijiet addizzjonali għar-rigward ta' attivitajiet ta' swieq regolati u kwalunkwe persuni oħra li jistgħu jiġu speċifikati fihom, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-partijiet pubbliċi u dawk oħrajn, ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ħtiġiet ta' rappurtar, riżorsi finanzjarji, adegwatezza kapitali u ħtiġiet relatati, u kull ħaġa oħra skont ma l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li tkun adatta inklużi -

(*a*) il-mod u l-forma li biha għandha ssir applikazzjoni;

(*b*) il-partikolaritajiet u dawk il-ħwejjeġ l-oħra li għandhom jingħataw minn applikant;

(*ċ*) dik l-informazzjoni l-oħra li l-awtorità kompetenti tista' b'mod raġonevoli teħtieġ sabiex tiddeċiedi l-applikazzjoni;

(*d*) kull ħaġa oħra inċidentali jew konnessa mal-ħwejjeġ ta' hawn fuq.

(5) L-informazzjoni li tista' teħtieġ l-Awtorità dwar applikazzjoni għandha tingħata f'dik il-forma, u għandha tiġi verifikata b'dak il-mod, li l-awtorità kompetenti tista' tordna.

(6) Jistgħu jinħarġu Regoli ta' Swieq Finanzjarji differenti mill-awtorità kompetenti taħt is-subartikolu (4) dwar klassijiet jew kategoriji differenti ta' applikazzjonijiet.

(7) Fid-deċiżjoni ta' applikazzjoni l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra kull informazzjoni li jidhrilha li tkun rilevanti għall-applikazzjoni.

(8) L-awtorità kompetenti tista', fuq applikazzjoni magħmula taħt is-subartikoli (1) u (2) u bla ħsara għar-Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġa taħt is-subartikolu (4) tagħmel jew tirrifjuta li toħroġ awtorizzazzjoni. Meta l-awtorità kompetenti toħroġ awtorizzazzjoni, l-operatur fis-suq ikun responsabbli li jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-Att, regolamenti u Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħthom u kull miżura ta' implimentazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea skont is-setgħat mogħtijin lilha bil-

MIFID, li jkunu applikabbli għal swieq regolati, jitħarsu.

(9) Awtorizzazzjoni għandha turi d-data effettiva tagħha.

(10) Meta l-awtorità kompetenti tirrifjuta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, din għandha tagħti lill-applikant avviż dwar dan fejn tagħti r-raġunijiet għar-rifjut.

(11) (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.12*).

(12) Awtorizzazzjoni tista', skont dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu preskritti, tinbidel, tkun sospiża jew tiġi revokata mill-awtorità kompetenti.

Liġi li tapplika meta Malta tkun l-Istat Membru domestiku.
Miżjud:
XX. 2007.18.
Sostitwit:
XXXI. 2017.19.

4A. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet relevanti tal-MAR jew l-MAD, il-liġi pubblika li tirregola l-kummerċ li jitmexxa taħt is-sistemi tas-suq regolat għandha tkun dik ta' Malta meta Malta tkun l-Istat Membru domestiku tas-suq regolat.

Influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar ta' suq regolat.
Miżjud:
XX. 2007.18.

4B. (1) Persuni li jinsabu f'posizzjoni li jeżerċitaw, direttament jew indirettament, influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar tas-suq regolat għandhom ikunu adatti u idonei.

(2) Ebda persuna ma għandha takkwista *holding* dirett jew indirett f'suq regolat u, jew l-operatur fis-suq li jkun jirrappreżenta għaxra (10) fil-mija jew aktar mill-kapital azzjonarju maħruġ minn dak il-korp jew mid-drittijiet tal-votazzjoni li jappartjenu għal dak il-kapital azzjonarju jew li tagħmilha ħaġa possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq l-immaniġġar tas-suq regolat ("parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti") jew li tiżdied dik il-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti biex hekk il-proporzjon tad-drittijiet tal-votazzjoni jew tal-kapital azzjonarju miżmum minnha fis-suq regolat jilħaq jew jeċċedi l-għoxrin (20) fil-mija, it-tlieta u tletin (33) fil-mija jew il-ħamsin (50) fil-mija kemm-il darba l-awtorità kompetenti ma tkunx ġiet avżata b'dik l-intenzjoni minn dik il-persuna jew mis-suq regolat rilevanti u l-awtorità kompetenti tkun approvat l-akkwist ta' jew iż-żjieda f'dik il-parteċipazzjoni azzjonarja kwalifikanti.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tirrifjuta li tapprova kull bidla fil-kontroll tal-interessi kif proposta mis-suq regolat u, jew l-operatur fis-suq skont is-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi u demonstrabbli biex jitqies li dawn jippreżentaw theddida għall-immaniġġar sod u prudenti ta' dak is-suq regolat.

(4) L-operatur fis-suq ta' suq regolat għandu:

(*a*) jipprovdi lill-awtorità kompetenti, u jagħmel pubblika, informazzjoni li tkun tirrigwarda l-proprjetà tas-suq regolat u, jew l-operatur fis-suq, u b'mod partikolari, l-identità u skala ta' interessi ta' dawk il-partijiet li jkunu f'posizzjoni li jeżerċitaw influwenza sinifikanti fuq l-amministrazzjoni;

(*b*) jinforma lill-awtorità kompetenti u jagħmel pubbliku, kull trasferiment ta' proprjetà li jagħti lok għal bidla fl-identità tal-persuni li jeżerċitaw influwenza

sinifikanti fuq l-operazzjoni tas-suq regolat.

Bye-laws ta' suq regolat u arranġamenti. *Miżjud: XX. 2007.18. Emendat: XIX. 2016.6; XXXI. 2017.20.*

4Ċ. (1) Swieq regolati għandhom ikunu obbligati:

(i) li jkollhom *bye-laws* ċari u trasparenti li jkunu jirrigwardaw l-ammissjoni ta' strumenti finanzjarji fin-negozjar li għandhom jiżguraw li kull strument finanzjarju mdaħħal fin-negozjar fis-suq regolat ikun jista' jiġi regolat b'mod ġust, ordinat u effiċjenti u, li titoli trasferibbli jkunu jistgħu jiġu negozjati liberament:

Iżda fil-każ ta' derivattivi dawk il-ħtiġiet għandhom ukoll jiżguraw li d-disinn tal-kuntratt derivattiv ikun jippermetti l-fissazzjoni ta' prezz ordinat tad-derivattiv kif ukoll l-eżistenza ta' kondizzjonijiet ta' risoluzzjoni effettivi;

(ii) li jkollhom arranġamenti effettivi biex jivverifikaw li l-emittenti ta' titoli trasferibbli li jiġu mdaħħla fin-negozjar ikunu jikkonformaw mal-obbligi tagħhom taħt il-Liġi tal-Unjoni għar-rigward ta' obbligi ta' żvelar inizjali, kontinwi jew *ad hoc*;

(iii) li jistabbilixxu arranġamenti li jiffaċilitaw lill-membri jew parteċipanti jiksbu aċċess għal informazzjoni li tkun intgħamlet pubblika taħt il-Liġi tal-Unjoni;

(iv) li jistabbilixxu l-arranġamenti meħtieġa li regolarment jirrevedu konformità mal-ħtiġiet ta' ammissjoni tal-istrumenti finanzjarji li huma mdaħħla fin-negozjar.

(2) Titolu trasferibbli li jkun ġie mdaħħal fin-negozjar f'suq regolat jista' jiġi sussegwentement mdaħħal fin-negozjar ta' swieq regolati oħra, ukoll mingħajr il-kunsens tal-emittent u f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru, 2003 fuq il-prospett li għandu jiġi pubblikat meta jiġu offruti titoli lill-pubbliku jew imdaħħal fin-negozjar, u li jemendaw id-Direttiva 2001/34/KE u kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun ġiet maħruġa jew li tista' tinħareġ taħtha.

(3) L-emittent għandu jiġi informat mis-suq regolat bil-fatt li t-titoli trasferibbli tiegħu jkunu qegħdin jiġu negozjati f'dak is-suq regolat. L-emittent ma għandu jkun soġġett għal ebda obbligazzjoni biex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa taħt is-subartikolu (1)(ii) direttament lil xi suq regolat li jkun ammetta t-titoli trasferibbli tal-emittent fin-negozjar mingħajr il-kunsens relattiv.

(4) F'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, is-swieq regolati għandhom ikunu wkoll jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-MiFIR.

Drittijiet ta' operatur tas-suq. *Miżjud: XXXI. 2017.21.*

4D. Operatur tas-suq għandu d-dritt li jeżerċita dawk id-drittijiet li jikkorrispondu għas-suq regolat li huwa jamministra bis-saħħa tal-MiFID.

Limitazzjoni għall-operaturi tas-suq. *Miżjud: XXXI. 2017.21.*

4E. L-operaturi tas-suq m'għandhomx jesegwixxu l-ordnijiet tal-klijenti kontra l-kapital proprjetarju, jew jidħlu f'kummerċ prinċipali mqabbel dwar kull suq regolat li dawn joperaw.

Reżiljenza fis-sistema, salvaviti u kummerċ elettroniku. *Miżjud: XXXI. 2017.21. Emendat: XI.2025.8; XXIX.2025.9.*

4F. (1) Suq regolat għandu jistabbilixxi u jżomm fis-seħħ ir-reżiljenza operazzjonali tiegħu skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament DORA sabiex jiżgura li s-sistemi tan-negozju tiegħu huma reżiljenti, ikollhom kapaċità suffiċjenti sabiex jittrattaw l-ogħla volumi ta' ordnijiet u messaġġi, li jkunu kapaċi jiżguraw kummerċ ordnat taħt kondizzjonijiet ta' stress sever fuq is-suq, li jiġu ttestjati kompletament sabiex jiġi żgurat li dawk il-kondizzjonijiet jintlaħqu u li jkunu soġġetti għal arranġamenti ta' kontinwità effettiva tan-negozju, inkluża politika u pjanijiet għal kontinwità sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tan-negozju fl-ICT u r-rispons u l-irkuprar tal-ICT stabbiliti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament DORA, sabiex jiżgura l-kontinwità fis-servizzi tiegħu jekk ikun hemm xi nuqqas fis-sistemi tan-negozju tiegħu.

(2) Suq regolat għandu jkollu japplikaw:

(*a*) kull ftehim bil-miktub mad-ditti ta' investiment kollha li jimxu fuq strateġija li toħloq is-suq f'suq regolat;

(*b*) skemi li jiżguraw li għadd biżżejjed ta' ditti tal-investiment jipparteċipaw f'kull ftehim bħal dawk li jeħtiġuhom jagħmlu kwotazzjonijiet sodi bi prezzijiet kompetittivi bir-riżultat li jipprovdu likwidità fis-suq fuq bażi regolari u prevedibbli, meta dik il-ħtieġa tkun adatta għax-xorta u l-iskala tal-kummerċ f'dak is-suq regolat.

(3) Il-ftehim bil-miktub imsemmi fis-subartikolu (2) għandu mill-inqas jispeċifika:

(*a*) l-obbligi ta' ditta ta' investiment fir-rigward tal-provdiment ta' likwidità u meta japplika kull obbligu ieħor li jirriżulta minn parteċipazzjoni fl-iskema msemmija fis-subartikolu (2)(*b*);

(*b*) kull inċentiva f'dak li hu roħs jew xort'oħra offruti mis-suq regolat lil ditta ta' investiment biex tiġi provduta l-likwidità fis-suq fuq bażi regolari u prevedibbli u, meta dan ikun japplika, kull dritt ieħor li jinġabar li jkun favur id-ditta ta' investiment bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fl-iskema msemmija fis-subartikolu (2)(*b*).

(4) Suq regolat għandu jissorvelja u jinforza konformità mid-ditti ta' investiment mal-ħtiġiet ta' kull ftehim bil-miktub li jkun jorbot. Is-suq regolat għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar il-kontenut tal-ftehim bil-miktub li jkun jorbot u għandu, meta hekk jintalab jagħmel, jipprovdi kull informazzjoni ulterjuri meħtieġa lill-awtorità kompetenti biex jippermetti lill-awtorità kompetenti tissodisfa ruħha mill-konformità tas-suq regolat mas-subartikolu (3) u ma' dan is-subartikolu.

(5) Suq regolat għandu jkollu japplikaw sistemi, proċeduri u

arranġamenti effettivi biex jirrifjutaw l-ordnijiet li jaqbżu l-limiti ta' volum u prezz li jkunu stabbiliti minn qabel jew li jkunu żbaljati b'mod l-aktar ċar.

(6) Suq regolat jista' jwaqqaf temporanjament jew jirrestriġi l-kummerċ f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fl-eventwalità li jkun hemm ċaqliq sinifikanti fil-prezz fi strument finanzjarju f'tali suq jew f'suq relatat matul perjodu qasir u, f'każijiet eċċezzjonali, jista' jikkanċella, ivarja jew jikkoreġi kwalunkwe operazzjoni:

Iżda tali suq regolat għandu jiżgura illi l-parametri sabiex jitwaqqaf jew jirrestriġi l-kummerċ għandhom ikunu kalibrati kif xieraq b'mod li jitqiesu l-likwidità ta' klassijiet u subklassijiet differenti ta' attiv, ix-xorta tal-mudell tas-suq u t-tipi ta' utenti u li jkun biżżejjed sabiex jiġi evitat tfixkil sinifikanti fil-mod ordinat kif isir il-kummerċ.

(7) Suq regolat għandu jirrapporta l-parametri biex jitwaqqaf il-kummerċ u kull tibdil materjal f'dawk il-parametri lill-awtorità kompetenti b'mod konsistenti u komparabbli. L-awtorità kompetenti għandha mbagħad tagħmel rapport dwar dan lill-ESMA.

(8) Meta suq regolat li jkun wieħed materjali f'dik li hi likwidità f'dak l-istrument finanzjarju jwaqqaf il-kummerċ tiegħu, f'xi Stat Membru jew Stat ŻEE inkluża Malta, dak il-post tan-negozju għandu jkollu japplikaw is-sistemi u l-proċeduri meħtieġa sabiex jiġi żgurat li jinnotifika lill-awtorità kompetenti jew lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej, kif jista' jkun il-każ, sabiex dawn jikkordinaw tweġiba f'suq mifrux u jiddeterminaw jekk ikunx xieraq li jwaqqfu l-kummerċ f'postijiet oħra fejn jiġi kummerċjat l-istrument finanzjarju sakemm ikompli jsir il-kummerċ fis-suq oriġinali.

(8a) Suq regolat għandu jiżvela pubblikament fuq is-sit elettroniku tiegħu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li jwasslu sabiex il-kummerċ jitwaqqaf jew jiġi ristrett u dwar il-prinċipji sabiex jiġu stabbiliti l-parametri tekniċi prinċipali użati sabiex isir dan.

(8b) Fejn suq regolat ma jwaqqafx jew ma jirrestriġix il-kummerċ kif imsemmi fis-subartikolu (6), minkejja l-fatt li ċaqliq sinifikanti fil-prezz fi strument finanzjarju jew strumenti finanzjarji relatati jkun wassal għal kondizzjonijiet diżordinati ta' kummerċ f'suq wieħed jew aktar, l-Awtorità tista' tieħu miżuri xierqa sabiex terġa' tistabbilixxi l-funzjonament normali tas-swieq, inkluż li tagħti tali direttivi kif imsemmija fil-paragrafi (h) sa (k) tal-artikolu 15(2) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

Kap. 370.

(9) Suq regolat għandu jkollu fis-seħħ sistemi, proċeduri u arranġamenti effettivi, inklużi:

(*a*) dawk is-sistemi li jeħtieġu lil membri jew parteċipanti li jwettqu ttestjar xieraq ta' algoritmi u li jipprovdu ambjent li jiffaċilita tali testijiet, skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitoli II u IV tar-Regolament DORA sabiex:

(i) jiżgura li sistemi kummerċjali algoritmiċi ma jistgħux joħolqu jew jikkontribwixxu għal kondizzjonijiet diżordinati tan-negozju fis-suq; u

(ii) jamministraw kondizzjonijiet diżordinati tal-kummerċ li ġejjin minn dawk is-sistemi algoritmiċi tan-negozju; u

(*b*) sistemi sabiex jillimitaw il-proporzjon ta' ordnijiet mhux eżegwiti għal tranżazzjonijiet li jistgħu jiddaħħlu fis-sistema minn membru jew parteċipant sabiex:

(i) ikun jista' jiġi mnaqqas il-fluss ta' ordnijiet jekk ikun hemm riskju li tkun tista' tintlaħaq il-kapaċità tas-sistema tiegħu; u

(ii) jiġi limitat u infurzat id-daqs minimu li bih jista' jiġi eżegwit fis-suq.

(10) Suq regolat li jippermetti aċċess elettroniku dirett għandu jkollu japplikaw sistemi ta' proċeduri u arranġamenti effettivi biex jiżguraw li l-membri jew il-parteċipanti jkunu permessi biss li jipprovdu dawk is-servizzi jekk dawn ikunu ditti ta' investiment awtorizzati taħt il-MiFID jew istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati taħt is-CRD, li jiġu stabbiliti kriterji adatti u applikati fir-rigward tal-idoneità ta' persuni li jista' jiġi provdut lilhom aċċess bħal dak u li l-membru jew parteċipant iżomm ruħu responsabbli għall-ordnijiet u kull kummerċ esegwit bl-użu ta' dak is-servizz fir-rigward tal-ħtiġiet tal-MiFID.

(11) Suq regolat għandu wkoll jistabbilixxi *standards* adatti dwar kontrolli tar-riskju u limiti dwar il-kummerċ permezz ta' dak l-aċċess u jkun kapaċi li jiddistingwi u, jekk ikun meħtieġ, iwaqqaf l-ordnijiet jew il-kummerċ minn persuna bl-użu ta' aċċess elettroniku dirett separatament minn ordnijiet oħra jew kummerċ ieħor mill-membru jew mill-parteċipant.

(12) Suq regolat għandu jkollu arranġamenti japplikaw biex jissospendi jew itemm il-provdiment ta' aċċess elettroniku dirett minn membru jew parteċipant lil klijent fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mas-subartikoli (10) u (11).

(13) Suq regolat għandu jiżgura li r-regoli tiegħu dwar servizzi ko-lokazzjoni jkunu trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji.

(14) Suq regolat għandu jiżgura li l-istrutturi dwar drittijiet li lilu jitħallsu li jinkludu drittijiet għall-eżekuzzjoni, drittijiet anċillari u kull roħs ikunu trasparenti, ġusti u mhux diskriminatorji

u li dawn ma jkunu joħolqu ebda inċentivi li jqiegħdu, jimmodifikaw jew jikkanċellaw ordnijiet jew li jwettqu operazzjonijiet b'tali mod li dawn ikunu jikkontribwixxu għal kondizzjonijiet ta' kummerċ diżordinati jew abbuż tas-suq. B'mod partikolari, suq regolat għandu jimponi obbligi ta' għemil tas-suq f'ishma individwali jew f'basket adatt ta' ishma fi skambju għal xi roħs li jingħata.

(15) Suq regolat għandu jitħalla jaġġusta d-drittijiet tiegħu għal ordnijiet imħassra skont it-tul ta' żmien li għalih l-ordni kien miżmum u biex jikkalibra d-drittijiet għal kull strument finanzjarju li dawn ikunu japplikaw għalih.

(16) Suq regolat jista' jitħalla jimponi dritt ogħla għat-tqegħid ta' ordni li tiġi sussegwentement imħassra minn ordni li tiġi esegwita u li jimponi ħlas ogħla fuq parteċipanti li jqiegħdu proporzjon għoli ta' ordnijiet imħassra minn ordnijiet esegwiti u fuq dawk li joperaw teknika kummerċjali algoritmika bi frekwenza għolja sabiex jirriflettu l-piż addizzjonali fuq il-kapaċità tas-sistema.

(17) Suq regolat għandu jkun kapaċi jidentifika, billi dawn jiġu hekk indikati lilu mill-membri jew parteċipanti, ordnijiet iġġenerati mill-kummerċ algoritmiku, l-algoritmi differenti użati għall-ħolqien ta' ordnijiet u l-persuni rilevanti li jibdew dawk l-ordnijiet. Dik l-informazzjoni għandha tkun disponibbli lill-awtorità kompetenti u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej malli din tintalab.

(18) Fuq talba mill-awtorità kompetenti, suq regolat għandu jagħmel disponibbli lill-awtorità, *data* li jkollha x'taqsam mar-reġistru tal-ordni jew jagħti lill-awtorità kompetenti aċċess għar-reġistru tal-ordnijiet sabiex hekk ikun kapaċi jissorvelja l-kummerċ.

L-inqas żidiet li bihom jista' jogħla l-prezz. *Miżjud: XXXI. 2017.21. Emendat: XXIX.2025.10.*

4G. (1) Is-swieq regolati għandhom jadottaw l-inqas żieda li biha jistgħu jogħlew ir-reġimi fil-prezz fl-ishma, irċevuti depożitarji, fondi negozjati bil-kambju, ċertifikati u strumenti finanzjarji oħra bħal dawk u f'kull strument finanzjarju ieħor li dwarhom jiġu żviluppati standards tekniċi regolatorji mill-ESMA:

Iżda l-applikazzjoni ta' fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet ma għandhiex twaqqaf lis-swieq regolati milli jqabblu ordnijiet fuq skala kbira f'nofs il-proċess skont il-prezzijiet attwali tat-talba u tal-offerta.

(2) L-inqas żieda li biha jistgħu jogħlew ir-reġimi fil-prezz imsemmija fis-subartikolu (1) għandha:

(*a*) tkun ikkalibrata biex tirrifletti l-profil tal-likwidità tal-istrument finanzjarju fis-swieq differenti u d-differenzjali medja bejn flus u t-talba, filwaqt li titqies ix-xewqa li jiġu permessi prezzijiet raġonevolment stabbli mingħajr ebda limitazzjoni mhux dovuta għal restrinġiment ulterjuri ta' kull firxa;

(*b*) tadatta l-inqas żieda li biha jista' jogħla l-prezz għal

kull strument finanzjarju kif jixraq.

(3) Fir-rigward ta' ishma b'Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (ISIN) maħruġ barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), jew ishma li jkollhom ISIN taż-ŻEE u li huma nnegozjati f'ċentru ta' pajjiż terz fil-munita lokali jew f'munita mhux taż-ŻEE, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 23(1) tal-MiFIR li għalihom iċ-ċentru li huwa l-aktar suq rilevanti f'termini ta' likwidità jkun f'pajjiż terz, swieq regolati jistgħu jipprovdu għall-istess fluttwazzjoni minima fil-prezzijiet li tkun tapplika f'dak iċ-ċentru.

4H. *Imħassar bl-Att XXIX.2025.11.*

Sinkronizzar ta' arloġġi kummerċjali. *Miżjud: XXXI. 2017.21.*

5. (1) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli ta' Swieq Finanzjarji li jeħtieġu suq regolat li jagħtiha -

Regoli ta' Swieq Finanzjarji. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: XX. 2007.14, 19.*

(*a*) avviż ta' dawk il-ġrajjiet dwar dak is-suq regolat kif jista' jiġi speċifikat mill-awtorità kompetenti; u

(*b*) dik l-informazzjoni dwar dawk il-ġrajjiet kif jista jiġi speċifikat mill-awtorità kompetenti;

(*ċ*) dik l-informazzjoni l-oħra dwar is-suq regolat, f'dawk iż-żminijiet u dwar dak il-perijodu kif jista' jiġi speċifikat mill-awtorità kompetenti.

(2) Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġin mill-awtorità kompetenti jistgħu jkunu jeħtieġu li tingħata informazzjoni f'xi forma speċifika u li din tiġi verifikata b'xi mod speċifiku u kull informazzjoni li tkun hekk meħtieġa għandha tingħata malajr kemm jista' jkun.

6. (1) L-awtorità kompetenti tista' tordna li xi Regola ta' Swieq Finanzjarji maħruġa taħt l-artikolu 5 ma għandhomx japplikaw dwar xi suq regolat jew li japplikaw għal dak is-suq regolat b'dawk il-modifiki li jistgħu jkunu speċifikati fir-Regola ta' Suq Finanzjarju, jekk tkun sodisfatt li -

Regoli ta' Swieq Finanzjarji ma japplikawx jekk ikunu modifikati. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: XX. 2007.14, 20.*

(*a*) it-tħaris mis-suq regolat tar-Regoli ta' Swieq Finanzjarji, jew tar-Regoli ta' Swieq Finanzjarji mhux modifikati, ikun ta' piż bla bżonn jew ma jilħaqx l-għan li għalih ikunu saru r-Regoli ta' Swieq Finanzjarji; u

(*b*) in-nuqqas ta' tħaris jew modifikazzjoni tar-Regoli ta' Suq Finanzjarju kif imsemmi qabel ma jkunx jirriżulta f'riskju żejjed lil persuni li l-interessi tagħhom dawk ir-Regoli ta' Swieq Finanzjarji huma maħsuba li jipproteġu.

(2) Regola ta' Suq Finanzjarju maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt is-subartikolu (1) tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li l-awtorità kompetenti jidhirlha xierqa.

Sorveljanza.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
XX. 2007.14, 21;
XIX. 2016.7;
XLVI.2021.13.

7. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.13*)

Revoka ta' awtorizzazzjoni.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
XX. 2007.14, 22;
XX. 2013.27;
XXXI. 2017.22.

8. (1) Awtorizzazzjoni tista' tiġi revokata b'ordni magħmul mill-awtorità kompetenti fuq it-talba, jew bil-kunsens tas-suq regolat jew xort'oħra kif provdut f'dan l-Att.

(2) Jekk ikun jidher lill-awtorità kompetenti li suq regolat -

(*a*) ikun qed jonqos, jew ikun naqas, li jissodisfa l-ħtiġiet għal awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, jew

(*b*) ikun qed jonqos jew ikun naqas li jħares xi obbligu ieħor impost fuqu b'dan l-Att jew taħtu, jew

(*ċ*) ma jkunx qiegħed juża l-awtorizzazzjoni fi żmien tnax-il xahar, jirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma jkunx opera matul is-sitt xhur ta' qabel; jew

(*d*) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezz ieħor irregolari; jew

(*e*) ma jibqax aktar jikkonforma ruħu mal-kondizzjonijiet li -awtorizzazzjoni tkun ingħatat taħthom, jew

(*f*) ikun serjament u sistematikament kiser id-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa tal-MiFID jew il-MiFIR,

tista' tagħmel ordni li jirrevoka l-ordni ta' awtorizzazzjoni għal dak il-korp ukoll jekk dak il-korp ma jixtieqx jew ma jagħtix il-kunsens tiegħu għar-revoka tal-awtorizzazzjoni.

(3) Ordni taħt is-subartikoli (1) u (2) li jirrevoka awtorizzazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ordni ta' revoka" għandu jispeċifika d-data li fiha għandu jibda jseħħ.

(4) Ordni ta' revoka jista' jkun fih dawk id-dispożizzjonijiet tranżitorji, kif l-awtorità kompetenti jidhrilha meħtieġa jew spedjenti.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-ESMA b'kull ordni li jirrevoka.

Avviż ta' direttiva jew revoka.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
XX. 2007.14;
LXXI.2021.8.

9. (1) Qabel ma toħroġ direttiva taħt l-artikolu 39K, jew qabel ma' tagħmel ordni ta' revoka taħt l-artikolu 8(2), l-awtorità kompetenti għandha -

(*a*) tagħti avviż bil-miktub tal-ħsieb tagħha li hekk tagħmel lis-suq regolat konċernat; u

(*b*) tieħu dawk il-passi li jidhrilha raġonevolment prattikabbli biex iġġib l-avviż għall-attenzjoni ta' kull persuna oħra li, fil-fehma tagħha, x'aktarx tkun milquta bih.

(2) Avviż taħt is-subartikolu (1) għandu -

(*a*) jagħti r-raġunijiet għaliex l-awtorità kompetenti tkun bi ħsiebha toħroġ id-direttiva jew tagħmel l-ordni ta' revoka; u

(*b*) jiġbed l-attenzjoni għad-dritt li jsiru dikjarazzjonijiet mogħtija bis-subartikolu (3).

(3) Qabel it-tmiem tal-perijodu għall-għemil ta' dikjarazzjonijiet -

(*a*) suq regolat; u

(*b*) kull persuna oħra li x'aktarx tkun milquta bl-ordni ta' revoka propost u notifikata skont is-subartikolu (1)(*b*),

tista' tagħmel dikjarazzjonijiet lill-awtorità kompetenti.

(4) Iż-żmien għall-egħmil ta' dikjarazzjonijiet huwa -

(*a*) xahrejn li jibdew -

(i) mid-data li fiha l-avviż ikun ġie notifikat lis-suq regolat fil-każ tas-suq regolat; jew

(ii) mid-data li fiha l-avviż ikun inġieb għall-attenzjoni ta' kull persuni oħra notifikati skont is-subartikolu (1)(*b*) fil-każ ta' dawk il-persuni l-oħra;

(*b*) dak iż-żmien itwal imsemmi fl-avviż kif l-awtorità kompetenti jidhrilha xieraq li tagħti fil-każ partikolari.

(5) Fid-deċiżjoni jekk toħroġx direttiva jew tagħmilx ordni ta' revoka, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsidra kull dikjarazzjoni magħmula skont is-subartikolu (3).

(6) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li toħroġ id-direttiva proposta jew li tagħmel l-ordni ta' revoka propost, din għandha:

(*a*) tagħti lis-suq regolat avviż bil-miktub tad-deċiżjoni tagħha; u

(*b*) meta tiddeċiedi li toħroġ id-direttiva jew li tagħmel l-ordni, tieħu dawk il-passi li jidhrilha raġonevolment prattikabbli biex iġġib id-deċiżjoni tagħha għall-attenzjoni ta' kull persuna oħra li, fil-fehma tal-awtorità kompetenti, x'aktarx ikunu milquta biha.

Notifikazzjoni ta' azzjoni maħsuba. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: XX. 2007.14, 23.*

10. Suq regolat li jkun bi ħsiebu jieħu xi waħda mill-azzjonijiet li ġejjin għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti bil-miktub u jkun meħtieġ il-kunsens tal-awtorità kompetenti qabel ma suq regolat ikun leġittimament jista':

(*a*) jibdel jew jirrevoka il-*bye-laws* tiegħu; jew

(*b*) jagħmel jew joħroġ *bye-laws* ġodda; jew

(*ċ*) jagħmel tibdil fl-arranġamenti għall-provvista ta' servizzi ta' *clearing* dwar operazzjonijiet li jsiru fis-suq regolat konċernat jew fil-kriterji li japplika meta jiddeċiedi biex jipprovdi servizzi ta' *clearing*.

Clearing u konklużjoni ta' operazzjonijiet. *Miżjud: XX. 2007.24. Emendat: XXXI. 2017.23.*

10A. Is-swieq regolati għandhom joffru lill-membri jew lill-parteċipanti kollha tagħhom id-dritt li jagħżlu s-sistemi għall-*clearing* u konklużjoni ta' operazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji adoperati f'dak is-suq regolat bla ħsara għal:

(*a*) dawk il-konnessjonijiet u arranġamenti bejn is-sistema ta' *clearing* u konklużjoni magħżula u kull sistema jew faċilità oħra li tista' tkun meħtieġa biex tiżgura l-konklużjoni effiċjenti u ekonomika tal-operazzjoni in kwistjoni; u

(*b*) ftehim mill-awtorità kompetenti responsabbli għas-sorveljanza tas-suq regolat li l-kondizzjonijiet tekniċi għall-*clearing* u konklużjoni ta' operazzjonijiet magħmulin fis-suq regolat permezz ta' sistema ta' *clearing* u konklużjoni li ma tkunx dik magħżula mis-suq regolat ikunu tali li jippermettu l-funzjonament bla

L-awtorità kompetenti għandha tħejji lista meta tkun Stat Membru domestiku ta' suq regolat. *Miżjud: XX. 2013.28. Sostitwit: XXXI. 2017.24.*

10B. (1) L-awtorità kompetenti għandha tħejji lista tas-swieq regolati reġistrati f'Malta u għandha tgħaddi dik il-lista lil Stati Membri oħra, l-Istati ŻEE u ESMA. Għandha tingħata komunikazzjoni bħal dik dwar kull tibdil f'dik il-lista.

(2) L-operaturi tas-suq għandhom jikkomunikaw, fuq bażi regolari, il-lista tal-membri jew parteċipanti tas-suq regolat lill-awtorità kompetenti tas-suq regolat.

TAQSIMA III

Prospett, Elenku u Negozjar

Sostitwita: XLVI.2021.14

Il-funzjonijiet u s-setgħat tal-awtorità kompetenti. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.25, 27; XIX. 2010.19; XX. 2013.29; Sostitwit; XLVI.2021.15. Emendat: XL2025.9; XXIX.2025.12.*

11. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa jew funzjoni oħra lilha mogħtija b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra, l-awtorità kompetenti għandu jkollha wkoll il-funzjoni li:

(a) tapprova, jew xort'oħra, il-prospett ta' kull offerta ta' titoli lill-pubbliku f'Malta;

(b) tapprova, jew xort'oħra, l-ammissibilità ta' titoli lil suq regolat lokali;

(ba) tapprova, jew tiċħad, ir-reġistrazzjoni ta' sponsor, kif jista' jiġi preskritt;

(ċ) tagħmel Regoli tas-Swieq Kapitali għall-aħjar implimentazzjoni u għall-finijiet ta' din it-Taqsima;

(d) tiżgura l-konformità minn emittenti ta' titoli tar-rekwiżiti jew il-kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament tal-Prospett, fid-Direttivi, f'dan l-Att u fi kwalunkwe regolamenti u Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom;

(da) teżamina jekk, u tiżgura li, l-informazzjoni regolata ta' emittent tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regoli tas-Swieq Kapitali;

(db) tiżgura konformità minn konsulent delegat mar-rekwiżiti ta' trasparenza kif stabbiliti fir-Regoli tas-Swieq Kapitali;

(e) tissorvelja l-iżvelar f'waqtu ta' informazzjoni mill-emittenti jew minn kull persuna oħra soġġetta għar-Regoli tas-Swieq Kapitali bil-għan li tiżgura aċċess effettiv u ugwali lill-pubbliku f'Malta u fl-Istati Membri kollha jew fl-Istati taż-ŻEE meta t-titoli jiġu mdaħħla għan-negozjar f'suq regolat lokali;

(f) taġixxi bħala l-awtorità kompetenti maħtura f'Malta għall-finijiet tal-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Prospett u tad-Direttivi, tiżgura li d-dispożizzjonijiet adottati skont id-Direttivi jiġu applikati u toħroġ Regoli tas-Swieq Kapitali insegwitu tar-responsabbilità tagħha taħt xi dispożizzjoni ta' kwalunkwe Direttiva, u dawk ir-regoli għandhom ikunu jorbtu lill-emittenti, lill-azzjonisti u lil kull persuna oħra li tista' tkun indikata f'tali Regoli:

Iżda, fir-rigward tad-Direttiva tal-Verifiki Statutorji, dan il-paragrafu għandu japplika biss safejn tali Direttiva tkun tapplika għall-emittenti;

(g) tikkoopera mal-ESMA għall-finijiet tar-Regolament tal-Prospett, tad-Direttivi jew ta' kull liġi oħra applikabbli, u kif meħtieġ minnhom.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra regolatorja u investigattiva lilha mogħtija b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra, l-awtorità kompetenti għandu jkollha dawn is-setgħat li ġejjin:

(a) teħtieġ lil xi persuna tipprovdi informazzjoni supplimentari fi prospett jew permezz ta' kull mezz ieħor li jista' jiġi speċifikat mill-awtorità kompetenti, meta dan ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-investitur;

(b) tipprojbixxi jew tissospendi reklami jew teħtieġ lil xi persuna ittemm jew tissospendi reklami għal żmien mhux iżjed minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol konsekuttivi, f'kull okkażjoni waħda, meta jkun hemm raġunijiet validi ta' suspett li r-Regolament tal-Prospett, dan l-Att jew kull regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom ikunu ġew miksura f'suq regolat lokali;

(ċ) tippubblika l-fatt li persuna tkun qiegħda tonqos li tikkonforma mal-obbligi tagħha;

(d) tissospendi l-iskrutinju ta' prospett li jkun ġie ppreżentat quddiemha għall-approvazzjoni tagħha jew tissospendi jew tirrestrinġi xi offerta ta' titoli lill-pubbliku jew dħul fl-elenku u, jew in-negozju f'suq regolat lokali meta l-awtorità kompetenti tkun qegħda tagħmel użu mis-setgħa li timponi xi projbizzjoni jew restrizzjoni, sa meta dik il-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni jkunu intemmu;

(e) tiċħad l-approvazzjoni ta' xi prospett abbozzat minn xi persuna għal żmien mhux iżjed minn ħames (5) snin, fil-każ fejn persuna tkun ripetutament u severament kisret ir-Regolament tal-Prospett, dan l-Att jew kull regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom;

(f) tiżvela, jew teħtieġ lil xi persuna tiżvela, kull informazzjoni materjali li jista' jkollha effett fuq il-valutazzjoni tal-titoli offruti lill-pubbliku jew imdaħħla għan-negozjar f'suq regolat lokali sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-investitur jew l-operat bla xkiel u l-integrità tas-suq;

(g) tissospendi jew teħtieġ lis-suq regolat awtorizzat rilevanti jissospendi l-istrumenti finanzjarji fl-elenku min-negozjar f'suq regolat awtorizzat meta din tqis li l-qagħda tal-emittenti tkun tali li n-negozjar jkun ta' detriment għall-interessi tal-investituri;

(h) tagħmel spezzjonijiet fuq il-post jew investigazzjonijiet f'siti li ma jkunux ir-residenzi privati ta' persuni fiżiċi, u għall-fini li tidħol f'xi fond biex ikollha aċċess għal dokumenti u informazzjoni oħra fi kwalunkwe forma:

(i) meta jkun hemm suspett raġonevoli li xi dokumenti u informazzjoni oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-ambitu tal-ispezzjoni jew l-investigazzjoni jistgħu jkunu rilevanti biex issir prova tal-ksur tar-Regolament tal-Prospett, ta' dan l-Att jew ta' kull regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom; u, jew

(ii) għall-fini li jiġi żgurat it-tħaris tal-emittent ma' obbligi kontinwattivi skont ir-Regolament tal-Prospett, dan l-Att jew kull regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġin taħthom;

(i) titlob li emittent jerġa' joħroġ mill-ġdid informazzjoni regolata, sabiex joħroġ nota korrettiva u, jew biex jirrifletti korrezzjoni f'kull informazzjoni korrettiva futura;

(j) tħassar jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' sponsor f'dawk iċ-ċirkostanzi kif jistgħu jiġu preskritti.

Aktar funzjonijiet tal-Awtorità dwar l-Elenku.
Miżjud: XIX. 2010.20.
Emendat: X. 2011.15.
Kap. 370.

11A. (*Imħassar bl-Att XIX. 2016.8*).

Ammissibbiltà għall-Elenku. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 26. Sostitwit: XLVI.2021.17. Emendat: XI.2025.10.*

12.(1) Sakemm ma jkunx provdut xort'oħra f'dan l-Att jew fid-dispożizzjonijiet ta' kwalunkwe liġi oħra applikabbli, l-ebda titolu ma għandu:

(a) jiġi offrut lill-pubbliku f'Malta sakemm u safejn ma jiġix approvat prospett mill-awtorità kompetenti; u

(b) jkun eliġibbli għall-ammissibilità għall-elenku u għan-negozjar f'suq regolat lokali sakemm u safejn l-awtorità kompetenti ma tkunx approvat l-ammissibilità fl-elenku ta' dawk it-titoli.

(2) *Imħassar bl-Att XI.2025.10.*

(3) Suq regolat lokali jista' jdaħħal għall-elenku u għan-negozjar fl-elenku li jkun rikonoxxut, dawk it-titoli li jistgħu jitqiesu adatti u li:

(a) ma jaqgħux taħt xi deskrizzjoni jew kategorija speċifikata fi kwalunkwe regolamenti magħmula skont l-artikolu 14A bħala mhux ammissibbli fl-elenku f'xi suq regolat lokali; u

(b) jkunu ġew awtorizzati bħala ammissibbli fl-elenku mill-awtorità kompetenti.

L-eżenzjonijiet. *Miżjud: XLVI.2021.17.*

12A. (1) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 4 tar-Regolament tal-Prospett, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Prospett, dan l-Att u kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom ma għandhomx japplikaw għal offerta ta' titoli lill-pubbliku b'korrispettiv totali fl-Unjoni Ewropea u fiż-ŻEE ta' inqas minn miljun euro (€1,000,000), li għandu jiġi kkalkulat tul perjodu ta' tnax-il (12) xahar.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), kif ukoll l-Artikoli 1(4) u 4 tar-Regolament tal-Prospett, offerti ta' titoli lill-pubbliku għandhom ikunu eżenti mill-obbligu ta' pubblikazzjoni ta' prospett skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Prospett kemm-il darba:

(a) dawk l-offerti ma humiex soġġetti għall-għoti ta' avviż skont l-Artikolu 25 tar-Regolament tal-Prospett; u

(b) l-ammont totali ta' kull offerta bħal dik fl-Unjoni Ewropea u fiż-ŻEE jkun inqas minn somma monetarja kalkolata tul perjodu ta' tnax-il (12) xahar li ma għandux jeċċedi ħames miljun (€5,000,000) euro.

Reġistrazzjoni ta' sponsors u dispożizzjoni tranżitorija. *Miżjud: XI.2025.11.*

12B. (1) Kwalunkwe persuna li tkun biħsiebha taġixxi bħala sponsor f'Malta, jew li tippreżenta ruħha li taġixxi bħala tali, għandha tapplika mal-awtorità kompetenti għal reġistrazzjoni sabiex tagħmel dan. Għaldaqstant, l-ebda persuna ma għandha tipprovdi, jew tippreżenta ruħha bħala li tipprovdi s-servizzi ta' sponsor f'Malta sakemm ma tkunx debitament reġistrata mal-awtorità kompetenti skont dan l-Att bil-mod preskritt u kif jista' jiġi provdut fir-Regoli dwar Swieq Kapitali.

(2) Applikazzjoni għal reġistrazzjoni bħala sponsor għandha ssir mal-awtorità kompetenti bil-mod preskritt u kif jista' jiġi provdut fir-Regoli dwar Swieq Kapitali.

(3) Kwalunkwe persuna li, fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, tkun diġà qiegħda tipprovdi jew tippreżenta ruħha bħala li tipprovdi s-servizzi ta' sponsor, tista' tkompli toffri dawk is-servizzi għal għaxar (10) xhur biss minn tali data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu, jekk tkun tissodisfa ż-żewġ (2) kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk tkun issottomettiet mal-awtorità kompetenti applikazzjoni għal reġistrazzjoni debitament kompluta skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u kwalunkwe regolamenti u regoli maħruġa taħt l-Att, sa mhux aktar tard minn xahrejn (2) mill-imsemmija data ta' bidu fis-seħħ ta' dan l-artikolu; u

(b) jekk tkun ġiet reġistrata mill-awtorità kompetenti qabel ma jiskadu l-imsemmija għaxar (10) xhur mid-data ta' tali bidu fis-seħħ:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha jew tirreġistra tali persuna li tkun applikat għar-reġistrazzjoni jew inkella tiċħad l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni magħmula skont dan is-subartikolu, qabel l-iskadenza ta' tali għaxar (10) xhur ġaladarba l-applikazzjoni debitament kompluta tkun giet sottomessa lill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula u regoli maħruġa taħt l-Att. "Applikazzjoni debitament kompluta" għandha tinkludi kwalunkwe informazzjoni jew dokumentazzjoni nieqsa jew addizzjonali li tista' tiġi mitluba sussegwentement mill-awtorità kompetenti. Ir-reġistrazzjoni jew iċ-ċaħda, skont il-każ, għandha ssir mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti magħmula jew regoli maħruġa taħtu.

Setgħa tal-awtorità kompetenti li tirreġistra jew tiċħad applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' sponsor. *Miżjud: XI.2025.11.*

12Ċ. (1) L-awtorità kompetenti tista' tirreġistra jew tiċħad applikazzjoni għal reġistrazzjoni magħmula skont l-artikolu 12B, bil-mod u fiċ-ċirkostanzi preskritti.

(2) Fl-għoti ta' reġistrazzjoni l-awtorità kompetenti tista' tissoġetta l-applikant għal dawk il-kundizzjonijiet li jkun jidhrilha xierqa. Wara li tkun ħarġet ir-reġistrazzjoni, l-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, tibdel jew tirrevoka kwalunkwe kundizzjoni hekk imposta jew mod ieħor timponi kundizzjonijiet ġodda.

(3) L-awtorità kompetenti għandha toħloq reġistru tal-isponsors kollha li jkunu ġew mogħtija reġistrazzjoni skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Ir-reġistru għandu jkun miftuħ għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti, għandu jindika l-ismijiet tal-persuni li lilhom tkun ingħatat tali reġistrazzjoni u għandu jiġi aġġornat fuq bażi regolari.

12D. L-awtorità kompetenti tista', fi kwalunkwe waqt, fiċ-ċirkostanzi preskritti, tħassar jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' sponsor mogħtija skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Setgħa tal-awtorità kompetenti li tħassar jew tissospendi reġistrazzjoni ta' sponsor. *Miżjud: XI.2025.11.*

13. (1) L-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli tas-Swieq Kapitali li għandhom jorbtu lill-persuni kollha approvati minnha jew li jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew superviżorji tagħha u oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom.

Regoli għall-Elenku. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 27. Sostitwit: XLVI.2021.18.*

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa mill-awtorità kompetenti jistgħu:

(a) jistipulaw ir-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet addizzjonali għar-rigward ta' persuni approvati minnha, li jkunu qegħdin ifittxu l-approvazzjoni tagħha, jew li jkunu jaqgħu taħt il-funzjonijiet regolatorji jew superviżorji tal-awtorità kompetenti, l-attivitajiet tagħhom, it-tmexxija tan-negozju tagħhom, ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti, mal-pubbliku u ma' partijiet oħra, ir-responsabbiltajiet tagħhom lejn l-awtorità kompetenti, ir-rekwiżiti ta' rappurtar, ir-riżorsi finanzjarji, l-adegwatezza tal-kapital u rekwiżiti relatati, u kull ħaġa oħra li l-awtorità kompetenti tista' tqis adatta;

(b) jipprovdu dwar il-prospetti, id-dikjarazzjonijiet u l-avviżi li għandhom isiru jew jingħataw għal kull fini li dwarhom l-awtorità kompetenti teżerċita il-funzjonijiet superviżorji jew regolatorji, u l-forma u l-kontenut tagħhom;

(ċ) jippreskrivu l-informazzjoni li dawk il-persuni għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti;

(d) jittrasponu, jimplimentaw u jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tar-Regolament tal-Prospett, lid-Direttivi u lil kull miżura leġiżlattiva oħra tal-Unjoni Ewropea li tkun teħtieġ li tiġi trasposta jew implimentata; u, jew

(e) jirregolaw kull ħaġa li tkun inċidentali jew konnessa ma' xi materja msemmija iktar 'il fuq hekk kif l-awtorità kompetenti tista' tqis adatt fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha.

(3) Ir-Regoli tas-Swieq Kapitali jistgħu jsiru bla ħsara għal dawk l-eżenzjonijiet jew il-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fihom, jistgħu jipprovdu b'mod differenti għall-każijiet, iċ-ċirkostanzi jew finijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti dawk is-setgħat ta' adattament tar-Regoli tas-Swieq Kapitali kif jista' wkoll jiġi hekk speċifikat.

Delega tal-funzjonijiet u setgħat tal-Awtorità dwar l-Elenku.
Kap. 330.
Sostitwit: XVII. 2002.114.
Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.28; XIX. 2010.21.
Sostitwit: IX.2019.2.

14. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.19*).

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.
Miżjud: XI.2025.12.

14A. Il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti sabiex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u, bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, jista', permezz ta' tali regolamenti, b'mod partikolari jagħmel kwalunkwe ħaġa minn dawn li ġejjin:

(a) jipprovdi li kwalunkwe titolu li jaqa' taħt id-deskrizzjoni jew kategorija kif jista' jiġi speċifikat f'tali regolamenti, ma għandux ikun ammissibbli li jiġi elenkat fuq xi suq regolat lokali;

(b) jirregola kwalunkwe drittijiet u, jew ħlasijiet oħra li għandhom jitħallsu lill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' kwalunkwe applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' prospectus u għall-ammissibilità ta' titoli fl-elenku ta' suq regolat lokali, kif ukoll kwalunkwe dritt u ħlas fir-rigward tal-funzjonijiet regolatoriji, superviżorji jew investigattivi tal-awtorità kompetenti taħt din it-Taqsima, taħt kwalunkwe regolamenti magħmula jew Regoli dwar Swieq Kapitali maħruġa taħtu, kif jista' jiġi preskritt; u

(ċ) jipprovdi għal kwalunkwe ħaġa inċidentali għal, jew konnessa ma' kwalunkwe ħaġa hawn fuq imsemmija.

L-applikazzjoni
Sostitwit: XLVI.2021.20.

15. (1) L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' prospett u, jew l-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali għandha ssir lill-awtorità kompetenti b'dak il-mod li jista' jkun meħtieġ bir-Regoli tas-Swieq Kapitali.

(2) L-awtorità kompetenti ma għandhiex tapprova prospett jew l-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali sakemm ma tkunx sodisfatta li:

(a) ir-rekwiżiti ta' xi dispożizzjoni applikabbli tar-Regolament tal-Prospett, ta' dan l-Att jew ta' regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom; u

(b) kwalunkwe rekwiżiti oħra imposti mill-awtorità kompetenti,

ikunu ġew sodisfatti.

(3) L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' prospett u, jew

għall-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali għandha tiġi miċħuda jekk l-awtorità kompetenti tqis li l-għoti tagħha jkun ta' ħsara għall-interess pubbliku.".

L-approvazzjoni ta' prospett. *Mižjud: XLVI.2021.21.*

15A. (1) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha dwar l-approvazzjoni mitluba ta' prospett fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta jiġi sottomess l-abbozz tal-prospett.

(2) It-terminu stipulat fis-subartikolu (1) għandu jiġi estiż għal għoxrin (20) jum tax-xogħol meta l-offerta lill-pubbliku tkun tinvolvi titoli maħruġa minn emittent li ma jkollu l-ebda titolu mdaħħal fin-negozjar f'suq regolat u li ma jkunx offra qabel titoli lill-pubbliku:

Iżda t-terminu ta' għoxrin (20) jum tax-xogħol għandu biss japplika għall-ewwel sottomissjoni tal-abbozz tal-prospett. Meta jkunu meħtieġa sottomissjonijiet sussegwenti skont is-subartikolu (3), għandu japplika t-terminu stipulat fis-subartikolu (1).

(3) Meta l-awtorità kompetenti jirriżultalha li l-abbozz tal-prospett ma jkunx konformi ma' *standards* ta' kompletezza, komprensibilità u konsistenza meħtieġa għall-approvazzjoni tiegħu u, jew li jkunu meħtieġa bidliet jew informazzjoni supplimentari:

(*a*) hija għandha minnufih tgħarraf lill-applikant b'dak il-fatt u mhux aktar tard mit-termini stipulati fis-subartikolu (1) jew, fejn applikabbli, fis-subartikolu (2), kif kalkolati mis-sottomissjoni tal-abbozz tal-prospett u, jew mill-informazzjoni supplimentari; u

(*b*) hija għandha tispeċifika b'mod ċar il-bidliet jew l-informazzjoni supplimentari li jkunu meħtieġa:

Iżda, f'każijiet bħal dawk, it-terminu stipulat fis-subartikolu (1) għandu japplika sussegwentement unikament mid-data meta l-abbozz tal-prospett rivedut jew l-informazzjoni supplimentari mitluba jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti.

(4) Meta l-applikant ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jagħmel il-bidliet meħtieġa jew jipprovdi l-informazzjoni supplimentari mitluba skont is-subartikolu (3), l-awtorità kompetenti hija intitolata li tiċħad l-approvazzjoni tal-prospett u ttemm il-proċess ta' reviżjoni. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha u tindika r-raġunijiet għaċ-ċaħda tagħha.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (3), it-termini stipulati f'dawk is-subartikoli għandhom jitnaqqsu għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol meta jkun prospett li jkun jikkonsisti f'dokumenti separati abbozzati minn emittenti frekwenti, inklużi emittenti frekwenti li jużaw il-proċedura tal-avviż li hemm provduta dwarha fl-Artikolu 26 tar-Regolament tal-Prospett. L-emittent frekwenti għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti mill-inqas ħamest

(5) ijiem tax-xogħol qabel id-data prevista għas-sottomissjoni ta' applikazzjoni għall-approvazzjoni:

Iżda emittent frekwenti għandu jissottometti applikazzjoni lill-awtorità kompetenti li jkun fiha l-emendi meħtieġa għad-dokument ta' registrazzjoni universali, fejn applikabbli, in-nota dwar it-titoli u s-sommarju ppreżentati għall-approvazzjoni.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (3), it-termini stipulati fis-subartikoli msemmija għandhom jitnaqqsu għal sebat (7) ijiem tax-xogħol dwar prospett ta' Rkupru tal-UE ifformulat skont ir-Regolament tal-Prospett. L-emittent għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti mill-inqas ħamest (5) ijiem tax-xogħol qabel id-data li fiha tkun se tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-approvazzjoni:

Iżda din id-dispożizzjoni għandha tkun tapplika unikament sal-31 ta' Diċembru 2022, u wara dik id-data ma għandu jkollha l-ebda effett.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tonqos milli tiddeċiedi dwar il-prospett fit-termini stipulati fis-subartikoli (1), (2) u (5), dak in-nuqqas ma għandux jitqies bħala approvazzjoni tal-applikazzjoni.

(8) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapprova prospett, din għandha tagħti lill-applikant avviż bil-miktub skont dan.

(9) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tiċħad prospett, din għandha tagħti avviż bil-miktub lill-applikant dwar id-deċiżjoni tagħha fejn tispeċifika r-raġunijiet għaċ-ċaħda tagħha.

(10) L-awtorità kompetenti għandha tavża lil ESMA bl-approvazzjoni ta' xi prospett u ta' xi suppliment tiegħu kemm jista' jkun malajr, u f'kull każ mhux iżjed tard minn tmiem l-ewwel jum tax-xogħol wara li jkun ingħata avviż tal-approvazzjoni lill-applikant.

Ir-responsabbilità marbuta mal-prospett. *Miżjud: XLVI.2021.21.*

15B. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, l-emittent, l-offerent, il-persuna li tkun qiegħda titlob li tiġi ammessa fl-elenku u, jew għan-negozjar f'suq regolat awtorizzat, il-garanti jew, meta xi wieħed minn dawk imsemmija hawn qabel ikun entità ġuridika, il-membri tal-korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew superviżorji tiegħu, kif jista' jkun il-każ, għandhom ikunu ċivilment responsabbli *in solidum* għall-informazzjoni mogħtija fil-prospett, u kwalunkwe suppliment relattiv.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, m'għandha tinkombi l-ebda responsabilità ċivili fuq xi persuna minn dawk imsemmija fis-subartikolu (1) unikament abbażi tas-sommarju skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Prospett jew mas-sommarju speċifiku tal-prospett ta' Tkabbir fl-UE skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Prospett, inkluża xi traduzzjoni tiegħu, sakemm:

(a) dan ma jkunx qarrieqi, mhux eżatt jew inkonsistenti, meta moqri flimkien mat-taqsimiet l-oħra tal-prospett; jew

(b) dan ma jkunx jipprovdi, meta moqri flimkien mat-taqsimiet l-oħra tal-prospett, informazzjoni ewlenija intiża biex tgħin lill-investituri meta dawn ikunu qegħdin jikkunsidraw jekk għandhomx jinvestu fit-titoli.

(3) Il-persuni responsabbli għall-prospett, u kull suppliment relattiv skont is-subartikolu (1), għandhom jiġu identifikati b'mod ċar fil-prospett b'isimhom u l-funzjonijiet jew, fil-każ ta' entitajiet legali, b'isimhom u l-uffiċċji reġistrati tagħhom, kif ukoll b'dikjarazzjonijiet tagħhom li, sa fejn jafu huma, l-informazzjoni li tkun tinsab fil-prospett tkun fattwalment korretta u l-prospett ma jinkludi l-ebda ommissjoni li x'aktarx taffettwa is-sens tiegħu.

(4) Il-persuna msemmija fis-subartikolu (1) għandha tkun responsabbli għall-informazzjoni mogħtija fid-dokument ta' reġistrazzjoni jew fid-dokument ta' reġistrazzjoni universali unikament f'dawk il-każijiet meta d-dokument ta' registrazzjoni jew id-dokument ta' registrazzjoni universali jkun qed jintuża bħala parti kostitwenti ta' prospett approvat:

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva dwar it-Trasparenza meta l-informazzjoni taħt dawk l-Artikoli tkun inkluża fid-dokument ta' registrazzjoni universali.

Notifika ta' deċiżjoni. *Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: XX. 2007.30; XX. 2013.30. Sostitwit: XLVI.2021.22.*

16. (1) L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha dwar l- approvazzjoni mitluba tal-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol minn meta tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

(2) It-terminu stipulat fis-subartikolu (1) għandu jiġi estiż għal għoxrin (20) jum tax-xogħol meta l-offerta lill-pubbliku tkun tinvolvi titoli maħruġa minn emittent li ma jkollu l-ebda titoli mdaħħla fin-negozjar f'suq regolat u li ma jkunx offra titoli lill-pubbliku preċedement:

Iżda t-terminu ta' għoxrin (20) jum tax-xogħol għandu japplika unikament għall-ewwel sottomissjoni tal-applikazzjoni. Meta jkunu meħtieġa sottomissjonijiet sussegwenti skont is-subartikolu (3), għandu japplika t-terminu stipulat fis-subartikolu (1).

(3) Meta l-awtorità kompetenti jirriżultalha li l-applikazzjoni ma tkunx eżatta jew kompleta u, jew li tkun meħtieġa informazzjoni supplimentari:

(a) hija għandha tgħarraf lill-applikant b'dak il-fatt minnufih u mhux aktar tard mit-termini stipulati fis-subartikolu (1) jew, fejn applikabbli, fis-subartikolu (2), kif kalkolati mid-data tas-sottomissjoni tal-

applikazzjoni; u

(b) hija għandha tispeċifika b'mod ċar il-bidliet jew l-informazzjoni supplimentari li jkunu meħtieġa:

Iżda, f'tali każijiet, it-terminu stipulat fis-subartikolu (1) għandu sussegwentement japplika unikament mid-data meta l-applikazzjoni riveduta jew l-informazzjoni supplimentari mitluba jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti.

(4) Meta l-applikant ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jagħmel il-bidliet meħtieġa fl-applikazzjoni jew jipprovdi l-informazzjoni supplimentari mitluba skont is-subartikolu (3), l-awtorità kompetenti għandu jkollha d-dritt li tiċħad l-approvazzjoni ta' ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali u ttemm il-proċess ta' reviżjoni. F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha u tindika r-raġunijiet għaċ-ċaħda tagħha.

(5) Meta l-awtorità kompetenti tonqos milli tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni fit-termini stipulati fis-subartikoli (1) u (2), dak in-nuqqas ma għandux jitqies bħala approvazzjoni tal-applikazzjoni.

(6) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapprova l-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali, din għandha tagħti lill-applikant avviż bil-miktub skont dan.

(7) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tiċħad l-ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali, din għandha tagħti avviż bil-miktub lill-applikant dwar id-deċiżjoni tagħha fejn tispeċifika r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda.

(8) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "applikazzjoni" tfisser applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' ammissibilità fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali magħmula skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u ta' kull regolamenti, jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom.

Twaqqif jew sospensjoni.
Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 27, 31; XX. 2013.31; XXXI. 2017.25.

17.(*Imħassar bl-Att XLVI.2021.23*).

Avviż ta' twaqqif jew sospensjoni.
Sostitwit: XVII. 2002.114. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 32.

18. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.24*).

19. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.25*).

Penali dwar kontravvenzjonijiet.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
IV. 2005.30;
XX. 2007.27, 33;
A.L. 424 tal-2007;
X. 2011.16;
XIX. 2016.9.

19A. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.26*).

Penalitajiet amministrattivi.
Miżjud:
XIX. 2016.10.

19B. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.27*).

Sanzjonijiet għall-membri ta' korpi amministrattivi, ta' tmexxija jew ta' sorveljanza tal-entità legali.
Miżjud:
XIX. 2016.10.

19Ċ. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.28*).

Sospensjoni tal-eżerċizzju ta' drittijiet ta' votazzjoni.
Miżjud:
XIX. 2016.10.

19D. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.29*).

Ċirkostanzi relevanti.
Miżjud:
XIX. 2016.10.

20. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.30*).

Avviż ta' penali.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
IV. 2005.30;
XX. 2007.34;
XIX. 2016.11.

20A. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.31*).

Setgħa li jinħarġu direttivi.
Miżjud:
XXVI.2019.84.

21. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.32*).

Setgħat regolatorji u investigattivi tal-Awtorità dwar l-Elenku.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
IV. 2005.30.

21A. L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull meta dan ikun meħtieġ għall-fini li twettaq dmirijietha u li teżerċita s-setgħat tagħha taħt id-Direttivi u r-Regolament tal-Prospett. Hija għandha tagħti l-għajnuna meħtieġa lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, partikolarment billi tiskambja informazzjoni u tikkoopera f'kull funzjoni investigattiva jew superviżorja.

Kooperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra.
Miżjud:
XX. 2013.32.
Emendat:
XLVI.2021.33.

Referenza ta' każijiet lill-ESMA. *Miżjud: XX. 2013.32. Emendat: XLVI.2021.34.*

21B. L-awtorità kompetenti tista' tirreferi lill-ESMA każijiet meta talba għal kooperazzjoni, partikolarment għall-iskambju ta' informazzjoni, tkun ġiet miċħuda jew ma jkun sar xejn dwarha fi żmien raġonevoli.

Obbligu ta' segretezza professjonali. *Miżjud: XX. 2013.32. Emendat: XLVI.2021.35.*

21Ċ. L-obbligu tas-sigriet professjonali m'għandux jipprevjeni lill-awtorità kompetenti milli tiskambja informazzjoni kunfidenzjali jew milli tittrasmetti informazzjoni kunfidenzjali lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, lill-ESMA jew lill-ESRB, bla ħsara għal impedimenti li jkollhom x'jaqsmu ma' informazzjoni speċifika dwar xi ditta u l-effetti fuq pajjiżi terzi kif previst fir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 u fir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makro-prudenti tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u dwar it-twaqqif ta' Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistematiku rispettivament. Informazzjoni skambjata bejn l-awtorità kompetenti u awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, l-ESMA jew l-ESRB għandha tkun koperta bl-obbligu ta' segretezza professjonali, li jkunu soġġetti għaliha l-persuni impjegati jew li qabel kienu impjegati mill-awtorità kompetenti li tkun qegħda tirċievi l-informazzjoni.

Avviż li jingħata lill-ESMA. *Miżjud: XX. 2013.32. Emendat: XLVI.2021.36.*

21D. L-awtorità kompetenti għandha tavża lill-ESMA dwar kull ftehim ta' kooperazzjoni li tagħmel u li jkun jipprovdi għall-iskambju ta' informazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji jew korpi li jkunu jistgħu jagħmlu dan bis-saħħa tal-liġijiet rispettivi tagħhom, biex iwettqu ħidmiet taħt id-Direttivi u r-Regolament tal-Prospett.

Aċċessibilità għal informazzjoni fuq l-ESAP. *Miżjud: XXIX.2025.13.*

21E. (1) Għall-fini li l-informazzjoni regolata tkun aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir għandu jkun il-Borża ta' Malta, billi dan il-korp hu l-mekkaniżmu uffiċjalment appuntat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(2) tad-Direttiva dwar it-Trasparenza:

Iżda għall-fini tat-teħid tad-deċiżjonijiet imsemmija fl-artikolu 39G, sal-limitu li tali deċiżjonijiet jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' trasparenza relatati ma' informazzjoni regolata, li hi aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir għandu jkun l-awtorità kompetenti. Tali obbligu għandu japplika b'effett mill-10 ta' Lulju 2026.

(2) L-informazzjoni msemmija fil-proviso għas-subartikolu (1) għandha tkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f'format ta' data li tista' tiġi estratta kif imfisser fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament ESAP;

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-persuni fiżiċi jew tal-entità ġuridika li għalihom tirreferi l-informazzjoni;

(ii) fejn ikun disponibbli, l-identifikatur tal-entità ġuridika, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4)(b) tar-Regolament ESAP;

(iii) it-tip ta' informazzjoni, kif ikklassifikata skont l-Artikolu 7(4)(c) tar-Regolament ESAP;

(iv) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tinkludix data personali.

22. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.37*).

Delega ta' setgħat.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.
Emendat:
IV. 2005.30;
XX. 2007.14, 27, 35;
XLVI.2021.37.

23. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.38*).

M'hemmx responsabbiltà għal atti li jkunu saru *in bona fide*.
Sostitwit:
XVII. 2002.114.

TAQSIMA IV

Depożitarju Ċentrali tat-Titoli

Sostitwit:
XX. 2007.36.

24. (1) Ebda persuna m'għandha tistabbilixxi u topera depożitarju ċentrali tat-titoli f'Malta jew tippreżenta ruħha bħala, jew tipprovdi, is-servizz ta' depożitarju ċentrali tat-titoli f'Malta jew minn Malta kemm-il darba dik il-persuna ma jkollhiex fil-pussess tagħha awtorizzazzjoni bil-miktub maħruġa mill-awtorità kompetenti taħt din it-Taqsima, skont is-CSDR:

Ħtieġa ta' awtorizzazzjoni.
Emendat:
V. 1992.2;
XIV. 1994.32;
XXV. 1995.433;
XVII. 2002.110; 115;
IV. 2005.30.
Sostitwit:
XX. 2007.36;
Emendat:
XXXI. 2017.26.

Iżda li CSD awtorizzat f'Malta u li jkun irid jipprovdi s-servizzi msemmija fil-punti 1 u 2 tat-Taqsima A tal-Anness mas-CSDR, fit-territorju ta' Stat Membru jew fi Stat ŻEE, jista' jagħmel dan skont l-Artikolu 23 tas-CSDR:

Iżda wkoll li CSD, li jkun awtorizzat fi Stat Membru jew fi Stat ŻEE u li jkun irid jipprovdi s-servizzi msemmija fil-punti 1 u 2 tat-Taqsima A tal-Anness mas-CSDR, fit-territorju ta' Malta, jista' jagħmel dan skont l-Artikolu 23 tas-CSDR:

Iżda wkoll li s-CSD ta' pajjiż terz jista' jipprovdi s-servizzi msemmija fl-Anness mas-CSDR fit-territorju ta' Malta, skont l-Artikolu 25 tas-CSDR.

(2) Kwalunkwe persuna ġuridika tista' tapplika bil-miktub lill-awtorità kompetenti għal awtorizzazzjoni taħt din it-Taqsima skont is-CSDR, li tawtorizzaha taġixxi bħala depożitarju ċentrali tat-titoli għall-finijiet ta' dan l-Att.

(3) Awtorizzazzjoni sabiex taġixxi bħala depożitarju ċentrali tat-titoli tista' tingħata biss meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-applikant ikun jikkonforma u ser ikun f'posizzjoni li jikkonforma ruħu mal-ħtiġiet li japplikaw stipulati taħt is-CSDR u mal-ħtiġiet applikabbli stabbiliti f'dan l-Att u f'regolamenti u Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġin taħtu.

(4) Ebda ħaġa f'dan l-Att jew f'regolamenti magħmulin taħtu ma għandha tiftiehem bħala li tagħmel depożitarju ċentrali tat-titoli kapaċi jew tagħtih is-setgħa li jwettaq xi funzjoni jew attività li tkun teħtieġ l-approvazzjoni jew l-awtorizzazzjoni skont l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta jew kull liġi oħra.

Kap. 204.

Tismija tal-awtorità kompetenti.
Mižjud: XXXI. 2017.27

24A. L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta mwaqqfa bl-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandha tkun l-awtorità kompetenti nominata f'Malta għall-finijiet li timplimenta d-dispożizzjonijiet rilevanti tas-CSDR, u kull referenza għall-awtorità kompetenti għandha tinqara u tinftiehem f'dan is-sens.

Deċiżjoni dwar applikazzjoni.
Emendat: V. 1992.2; XVII. 2002.110. Sostitwit: XX. 2007.36. Emendat: XXXI. 2017.28.

25. (1) Meta tkun qegħda tiddeċiedi dwar xi applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra dik l-informazzjoni u dawk il-fatturi l-oħra li hija tista' tqis li jkunu rilevanti jew sinifikanti għall-applikazzjoni.

(2) L-awtorità kompetenti tista', wara li tirċievi applikazzjoni magħmula kif imiss skont din it-Taqsima, kif hemm fis-CSDR, toħroġ jew tiċħad milli toħroġ awtorizzazzjoni. Meta l-awtorità kompetenti toħroġ awtorizzazzjoni, id-depożitarju ċentrali tat-titoli għandu jkun responsabbli biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet tas-CSDR kif ukoll id-dispożizzjonijiet tal-Att, regolamenti magħmulin taħtu u Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġa mill-awtorità kompetenti, li huma applikabbli għad-depożitarju ċentrali tat-titoli, jitħarsu.

(3) L-awtorizzazzjoni għandu jkun fiha d-data meta din tibda sseħħ.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tiċħad applikazzjoni għal awtorizzazzjoni hija għandha tagħti lill-applikant avviż f'dak is-sens fejn tiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dak iċ-ċħid.

(5) *(Imħassar bl-Att XXXI. 2017.28.)*

(6) L-awtorizzazzjoni tista', skont dawk ir-regolamenti li jistgħu jiġu ordnati, tinbidel, tiġi sospiża jew revokata mill-awtorità kompetenti.

(7) Awtorizzazzjoni maħruġa lil depożitarju ċentrali tat-titoli taħt dan l-artikolu għandha tidentifika l-istrumenti finanzjarji, nominati jew xort'oħra, li d-depożitarju ċentrali tat-titoli jkun awtorizzat li jipprovdilhom servizzi u għandha aktar minn hekk tidentifika l-funzjonijiet li hija tkun awtorizzata twettaq.

Funzjonijiet ta depożitarju ċentrali tat-titoli.
Emendat: V. 1992.2; XVII. 2002.110; 116; IV. 2005.30. Sostitwit: XX. 2007.36. XXXI. 2017.29.

26. Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa jew funzjoni oħra mogħtija lilu bil-liġi jew b'regolamenti, il-funzjonijiet ta' depożitarju ċentrali tat-titoli għandhom jinkludu s-servizzi elenkati fl-Anness mas-CSDR.

Revoka ta' awtorizzazzjoni. *Miżjud: XVII. 2002.117. Sostitwit: XX. 2007.36. Emendat: XXXI. 2017.30.*

27. (1) L-awtorizzazzjoni tista' tkun revokata b'ordni maħruġa bil-miktub mill-awtorità kompetenti fuq talba, jew bil-kunsens, tad-depożitarju ċentrali tat-titoli jew xort'oħra kif provdut f'dan l-Att.

(2) L-awtorizzazzjoni tista' tkun revokata b'ordni maħruġa bil-miktub mingħajr il-kunsens ta' depożitarju ċentrali tat-titoli, jekk ikun jidher lill-awtorità kompetenti li d-depożitarju ċentrali tat-titoli:

(*a*) ikun qiegħed jonqos, jew ikun naqas, milli jissodisfa l-ħtiġiet għal awtorizzazzjoni taħt is-CSDR jew taħt dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu jew ikun serjament jew sistematikament kiser ir-rekwiżiti stabbiliti fis-CSDR jew, fejn applikabbli, fil-MiFID jew fil-MiFIR; jew

(*b*) ikun qiegħed jonqos, jew ikun naqas, milli jikkonforma ruħu ma' kull obbligazzjoni oħra imposta fuqu minn jew taħt is-CSDR jew dan l-Att, regolamenti jew Regoli ta' Swieq Finanzjarji magħmulin taħtu; jew

(*ċ*) ma jagħmilx użu mill-awtorizzazzjoni matul tnax-il xahar, jirrinunzja espressament l-awtorizzazzjoni jew ma jkun ipprovda l-ebda servizzi jew wettaq l-ebda attività matul is-sitt xhur preċedenti; jew

(*d*) ikun kiseb l-awtorizzazzjoni billi għamel dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mezzi oħra mhux leġittimi; jew

(*e*) ma jkunx għadu jikkonforma aktar mal-kondizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat awtorizzazzjoni u ma jkunx ħa l-azzjonijiet ta' rimedju mitlubin mill-awtorità kompetenti f'perjodu ta' żmien stipulat.

(3) Ordni taħt is-subartikoli (1) u (2) li tkun tirrevoka awtorizzazzjoni hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ordni ta' revoka" għandha tispeċifika d-data meta din għandha tibda sseħħ.

(4) Ordni ta' revoka jista' jkun fiha dawk id-dispożizzjonijiet transitorji u pattijiet u kondizzjonijiet oħrajn skont ma l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li jkunu meħtieġa jew spedjenti.

(5) *(Imħassar bl-Att XXXI. 2017.30.).*

Dritt ta' appell. *Miżjud: XXXI. 2017.31.*

27A. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.39*).

Strumenti finanzjarji nominati. *Emendat: V. 1992.2; XVII. 2002.110; 118. Sostitwit: XX. 2007.36. Emendat: XIX. 2010.22; X. 2011.17.*

28. *(Imħassar bl-Att XXXI. 2017.32.)*

Applikazzjoni ta' artikoli oħra. *Emendat: V. 1992.2; XVII. 2002.110; 119. Sostitwit: XX. 2007.36. Emendat: XIX. 2010.23; XLVI.2021.40.*

29. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 4B, 6, 7, u 9 tat-Taqsima II ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-depożitarji ċentrali tat-titoli awtorizzati taħt din it-Taqsima29. Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 4B, 6 u 9 tat-Taqsima II ta' dan l-Att għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-depożitarji ċentrali tat-titoli.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti. *Emendat: V. 1992.2; XVII. 2002.110; 120. Sostitwit: XX. 2007.36. Emendat: XIX. 2010.24; XXXI. 2017.33.*

30. (1) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti li jistabbilixxu:

(*a*) il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti minn persuna jekk din ikollha tipprovdi s-servizzi ta' depożitarju ċentrali tat-titoli li għar-rigward tiegħu l-awtorità kompetenti tista' toħroġ awtorizzazzjoni taħt dan l-Att;

(*b*) il-ħtiġiet li depożitarju ċentrali tat-titoli għandu jkompli jissodisfa jekk dan għandu jibqa' jkun awtorizzat, inklużi l-ammont ta' ħlasijiet li għandhom isiru lill-awtorità kompetenti;

(*ċ*) iċ-ċirkostanzi u l-mod li bihom l-awtorizzazzjoni jew il-ħtiġiet u l-kondizzjonijiet li din tkun soġġetta għalihom jistgħu jkunu mibdula, sospiżi jew revokati;

(*d*) ħtiġiet dwar l-awtorizzazzjoni, l-operazzjoni, il-funzjonijiet, ir-regolamentazzjoni u s-sorveljanza ta' depożitarju ċentrali tat-titoli;

(*e*) ħtiġiet għall-kreazzjoni, żamma jew wiri tat-titolu għal drittijiet u drittijiet għar-rigward ta' Strumenti Finanzjarji f'forma dematerjalizzata jew rappreżentata f'forma ta' reġistrazzjoni fil-kotba bħala immobilizzazzjoni;

(*f*) arranġamenti għall-investigazzjoni ta' ilmenti u, jew l-anjanzi dwar depożitarji ċentrali tat-titoli u r-rimedji fir-rigward tagħhom;

(*g*) arranġamenti biex jiġi aċċertat li jkun hemm konformità mid-depożitarji ċentrali tat-titoli u l-iskrutinju ta' regoli u ħtiġiet ta' depożitarji ċentrali tat-titoli;

(*h*) eżenzjonijiet mill-ħtieġa għal awtorizzazzjoni jew minn xi dispożizzjoni ta' dan l-Att li jistgħu jkunu soġġetti għal dawk il-bidliet, żidiet, adattazzjonijiet u modifiki skont ma jista' jkun ordnat u li tista' tkun soġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet jew ħtiġiet oħra, inklużi forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' avviż;

(*i*) *(Imħassar bl-Att XXXI. 2017.33.)*

(*j*) li jkunu jordnaw kull ħaġa li tkun inċidentali għal, jew li jkollha x'taqsam ma' xi waħda mill-affarijiet hawn qabel imsemmija.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru bla ħsara għal kull eżenzjoni jew kondizzjoni oħra skont ma tista' tiġi

speċifikata fir-regolamenti, jistgħu jipprovdu b'mod differenti għal kategoriji jew klassijiet ta' strumenti finanzjarji u għal ċirkostanzi jew għanijiet differenti.

(3) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jimponu penali amministrattivi u multi li jkunu iżjed minn mija u ħamsin elf euro (€150,000), meta jitqiesu hekk meħtieġa jew adatti għal kull kontravvenzjoni ta', jew nuqqas ta' konformità ma', xi Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE jew ta' kull regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu sabiex jiġu trasposti jew jingħata effett lil xi Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE.

Miżjud: XXXI. 2017.33.

31. L-awtorità kompetenti tista' minn żmien għal żmien toħroġ Regoli ta' Swieq Finanzjarji li għandhom ikunu vinkolanti fuq depożitarji ċentrali tat-titoli u fuq oħrajn skont ma jista' jkun speċifikat, u dawk ir-Regoli jistgħu jkunu maħruġa għar-rigward ta' kull ħaġa li tissemma f'din it-Taqsima, inklużi Regoli dwar regolamentazzjoni aħjar u biex tiġi żgurata konformità minn depożitarji ċentrali tat-titoli u l-uffiċjali tagħhom mal-ħtiġiet u l-obbligi li joriġinaw taħt dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu.

Regoli ta' Swieq Finanzjarji. *Emendat: V. 1992.2; XVII. 2002.110; 121. Sostitwit: XX. 2007.36. Emendat: XIX. 2010.25.*

31A. Din it-Taqsima għandha tinqara u tinftiehem kif hemm fis-CSDR u, safejn u sakemm id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att u ta' kull regoli magħmulin taħtu huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tas-CSDR, għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet tas-CSDR u d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att u ta' kull regoli magħmulin taħtu m'għandhomx japplikaw sa fejn twassal l-inkonsistenza.

Jipprevali s-CSDR f'każ ta' xi inkonsistenza. *Miżjud: XXXI. 2017.34.*

Miżjud: IX.2023.5.

TAQSIMA IV *bis*
BONDS KOPERTI

31B. (1) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħat jew funzjonijiet oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, l-awtorità kompetenti għandha wkoll il-funzjoni li taġixxi bħala l-awtorità kompetenti maħtura f'Malta għall-finijiet li timplimenta d-dispożizzjonijiet tas-CBD u li twettaq s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti.

Funzjonijiet u setgħat tal-awtorità kompetenti. *Miżjud: IX.2023.5.*

(2) L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-ħruġ ta' bonds koperti sabiex tivvaluta u tiżgura konformità mar-rekwiżiti stipulati f'din it-Taqsima u fi kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikoli (1) u (2) u għal kwalunkwe setgħat jew funzjonijiet oħra mogħtija lill-awtorità kompetenti b'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, is-setgħat tal-awtorità kompetenti għandhom jinkludu s-setgħa li:

(*a*) tingħata jew tiġi miċħuda approvazzjoni għal programmi ta' bonds koperti skont l-artikoli 31D u 31E;

(*b*) tiġi valutata konformità mar-rekwiżiti stipulati

f'din it-Taqsima u fi kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha;

(*ċ*) jiġu regolarment riveduti programmi ta' bonds koperti sabiex tiġi valutata konformità mad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima u fi kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha;

(*d*) jinħarġu Regoli dwar Bonds Koperti sabiex jiġu implimentati u mwettqa aħjar id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u, jew ta' kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtu u, jew bi tkomplija tar-responsabbiltà li għandha taħt xi dispożizzjonijiet tas-CBD, u dawk ir-regoli għandhom ikunu vinkolanti fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu u fuq il-persuni l-oħra kollha skont ma jista' jiġi speċifikat fihom;

(*e*) jiġi investigat ksur possibbli tar-rekwiżiti ta' din it-Taqsima jew ta' xi regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha;

(*f*) isiru spezzjonijiet fuq il-post u lil hinn mis-sit;

(*g*) jiġu imposti penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra f'konformità mal-artikolu 39ĊA; u

(*h*) jiġu adottati u implimentati linji gwida superviżorji relatati mal-ħruġ ta' bonds koperti.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea u lill-EBA dwar il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha skont is-subartikolu (1).

(5) L-awtorità kompetenti għandu jkollha l-kompetenza, ir-riżorsi, il-kapaċità operattiva, is-setgħat u l-indipendenza meħtieġa sabiex twettaq il-funzjonijiet relatati mas-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti.

Regoli dwar Bonds Koperti.
Miżjud: IX.2023.5.

31Ċ. (1) L-awtorità kompetenti tista', minn żmien għal żmien, toħroġ u tippubblika Regoli dwar Bonds Koperti skont ma jista' jkun meħtieġ sabiex jagħtu effett lil kwalunkwe dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħtu, u sabiex jittrasponu, jimplimentaw u jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tas-CBD.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), ir-Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa mill-awtorità kompetenti jistgħu:

(*a*) jistipulaw rekwiżiti u kondizzjonijiet addizzjonali relatati ma' istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu jridu jiksbu approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti, istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu ħarġu bonds koperti, u kull kwistjoni oħra li

l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra xieraq;

(*b*) jipprovdu dwar prospetti, dikjarazzjonijiet u avviżi li jkollhom isiru jew jingħataw, għal liema raġuni tkun, li fir-rigward ta' liema l-awtorità kompetenti teżerċita funzjonijiet superviżorji jew regolatorji, u l-forma u l-kontenut tagħhom;

(*ċ*) jistipulaw it-tagħrif li tali persuni għandhom jippreżentaw lill-awtorità kompetenti;

(*d*) jittrasponu, jimplimentaw u jġibu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tas-CBD;

(*e*) jirregolaw kull ma jkun inċidentali għal jew ikun konness ma' dak kollu msemmi f'dan l-artikolu hekk kif l-awtorità kompetenti tista' tqis li jkun xieraq fil-prestazzjoni tal-funzjonijiet tagħha; u

(*f*) jistipulaw rekwiżiti u kondizzjonijiet sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati aħjar u għall-finijiet ta' din it-Taqsima u ta' kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtha.

(3) Ir-Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa skont dan l-artikolu għandhom ikunu vinkolanti fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u fuq il-persuni l-oħra kollha skont ma jista' jiġi speċifikat fihom.

Rekwiżit ta' programm ta' bonds koperti. *Miżjud: IX.2023.5.*

31D. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III u għall-artikolu 54, ma għandhom jinħarġu l-ebda bonds koperti f'Malta minn istituzzjoni ta' kreditu kemm-il darba u sakemm programm ta' bonds koperti ma jkunx approvat mill-awtorità kompetenti.

(2) Meta ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' programm ta' bonds koperti din għandu jkollha dik il-forma u jkollha magħha dawk id-dokumenti u dak it-tagħrif u għandha tkun konformi ma' dawk ir-rekwiżiti li jiġu speċifikati fir-Regoli dwar Bonds Koperti.

(3) L-awtorità kompetenti ma għandhiex tapprova programm ta' bonds koperti kemm-il darba ma tkunx sodisfatta li –

(*a*) l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha programm ta' operazzjonijiet adegwat li jistabbilixxi kif ikun se jsir il-ħruġ ta' bonds koperti;

(*b*) l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha politiki, proċessi u metodoloġiji adegwati li jkollhom l-għan li jħarsu lill-investitur għall-approvazzjoni, fl-emenda, fit-tiġdid u fil-finanzjament mill-gdid ta' self inkluż fl-aggregazzjoni ta' kopertura;

(*ċ*) l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha ġestjoni u persunal dedikati għall-programm ta' bonds koperti u li dawn

ikollhom kwalifiki u għarfien xieraq f'dak li hu l-ħruġ ta' bonds koperti u l-amministrazzjoni tal-programm ta' bonds koperti;

(*d*) l-istabbiliment amministrattiv tal-aggregazzjoni ta' kopertura tal-istituzzjoni ta' kreditu u l-monitoraġġ relattiv ikunu konformi mar-rekwiżiti applikabbli stipulati f'dan l-Att u fi kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu;

(*e*) l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Att, u kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu; u

(*f*) l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti.

(4) Għall-finijiet tas-subregolament (3), istituzzjoni ta' kreditu għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bit-tagħrif kollu meħtieġ sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tissodisfa lilha nnifisha li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun miexja b'mod konformi mar-rekwiżiti ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu.

(5) Dak it-tagħrif li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ f'dak li għandu x'jaqsam ma' applikazzjoni għandu jiġi provdut f'dik il-forma, u għandu jiġi verifikat b'dak il-mod, li tista' tordna l-awtorità kompetenti.

(6) Meta tkun qiegħda tiddetermina applikazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tqis dak it-tagħrif kollu li hija tqis li jkun rilevanti għall-applikazzjoni.

(7) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ u tippubblika Regoli dwar Bonds Koperti skont ma jista' jkun meħtieġ sabiex tkun tista' timplimenta aħjar id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Approvazzjoni tal-programm ta' bonds koperti. *Miżjud: IX.2023.5.*

31E. (1) Meta l-awtorità kompetenti jirriżultalha li applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' programm ta' bonds koperti ma jkunx konformi mal-artikolu 31D(2) jew li l-programm ta' bonds koperti ma jkunx konformi ma' livelli ta' kompletezza, komprensibbiltà u konsistenza meħtieġa sabiex din tiġi approvata jew li jkunu meħtieġa xi bidliet fl-applikazzjoni jew fil-programm ta' bonds koperti jew ikun meħtieġ xi tagħrif addizzjonali:

(*a*) hija għandha tgħarraf lill-applikant b'dak il-fatt; u

(*b*) hija għandha tispeċifika b'mod ċar il-bidliet jew it-tagħrif addizzjonali li jkunu meħtieġa.

(2) Meta l-applikant ma jkunx jista' jew ma jkunx irid jagħmel il-bidliet meħtieġa jew jipprovdi t-tagħrif addizzjonali mitlub f'konformità mas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti jkollha jedd

tirrifjuta l-approvazzjoni tal-applikazzjoni u tittermina l-proċess ta' evalwazzjoni. F'każijiet bħal dawk, l-awtorità kompetenti għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub u tispeċifika r-raġunijiet għal dik iċ-ċaħda.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' programm ta' bonds koperti billi taġixxi b'xi mod wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(*a*) billi tingħata approvazzjoni mingħajr kondizzjonijiet;

(*b*) billi tingħata approvazzjoni bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li tista' tqis li jkunu xierqa;

(*ċ*) billi tiċħad milli tagħti approvazzjoni:

Iżda l-awtorità kompetenti tista', fi kwalunkwe żmien, tibdel jew tirrevoka xi kondizzjoni waħda jew aktar li jkunu ġew imposti skont il-paragrafu (b).

(4) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tapprova programm ta' bonds koperti, hija għandha tagħti avviż bil-miktub lill-applikant skont dan.

(5) Jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tiċħad programm ta' bonds koperti, hija għandha tagħti avviż bil-miktub lill-applikant tad-deċiżjoni tagħha li fih tiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għaċ-ċaħda tagħha.

Bidliet fit-tagħrif. *Miżjud: IX.2023.5.*

31F. Istituzzjoni ta' kreditu għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti bid-dettalji ta' bidliet fit-tagħrif provdut taħt dan l-Att jew fi kwalunkwe regolamenti jew Regoli maħruġa taħtu malli dik l-istituzzjoni ta' kreditu ssir taf b'bidliet bħal dawk.

Reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet relatati mal-programm ta' bonds koperti. *Miżjud: IX.2023.5.*

31G. Istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu bonds koperti għandhom jirreġistraw it-tranżazzjonijiet kollha tagħhom relatati mal-programm ta' bonds koperti u għandu jkollhom fis-seħħ sistemi ta' dokumentazzjoni u ta' proċessi adegwati u xierqa.

Setgħat sabiex isiru regolamenti. *Miżjud: IX.2023.5.*

31H. (1) Il-Ministru, li jaġixxi bil-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti li jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak hawn qabel imsemmi jista', b'tali regolamenti b'mod partikolari, jagħmel xi waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(*a*) jirregola bonds koperti u l-ħruġ tagħhom, inkluż fil-każ tal-insolvenza jew ir-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti; u jistabbilixxi u jipprovdi dwar il-karatteristiċi strutturali ta' bonds koperti, inklużi rekwiżiti

għal assi ta' kopertura, assi kollaterali u assi oħra li jassiguraw bonds koperti kif ukoll il-metodoloġija u l-proċess għall-valutazzjoni tagħhom; ir-rekwiżiti għal aggregazzjoni ta' kopertura, għall-kompożizzjoni tagħha u għad-diversifikazzjoni tar-riskju fiha; ir-rekwiżiti għas-segregazzjoni ta' assi ta' kopertura inkluża s-segregazzjoni tagħhom fil-każ tal-insolvenza jew tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti;

ir-rekwiżiti dwar it-tagħrif li għandu jiġi provdut lill-investituri inkluż dak dwar il-frekwenza u l-pubblikazzjoni relattiva; ir-rekwiżit ta' koperturi inklużi dawk dwar il-valutazzjoni ta' kuntratti ta' derivattivi u dwar l-imgħax kollu li jitħallas fir-rigward ta' bonds koperti pendenti u mgħax riċevibbli fir-rigward ta' assi ta' kopertura; u r-rekwiżiti għal riżerva ta' likwidità;

(*b*) jirregola l-abbozzar, l-approvazzjoni, il-pubblikazzjoni u d-distribuzzjoni f'Malta ta' programmi ta' bonds koperti, inklużi dawk relatati ma' bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu awtorizzati f'xi pajjiż barra minn Malta u f'każ bħal dak, tipprovdi dwar l-approvazzjoni ta' programmi ta' bonds koperti bħal dawk filwaqt li jitqiesu l-impenji internazzjonali ta' Malta;

(*ċ*) jipprovdi dwar ir-rappurtar ta' rekwiżiti u l-forma u l-frekwenza relattiva, fil-każ ukoll tal-insolvenza jew ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti, u dwar ir-rekwiżiti u kondizzjonijiet oħra li istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti għandha tissodisfa matul żmien kontinwu u kostanti u jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi u l-mod kif ir-rekwiżiti u l-kondizzjonijiet jistgħu jvarjaw, jiġu sospiżi jew revokati;

(*d*) jipprovdi dwar kif l-awtorità kompetenti teżerċita s-setgħat tagħha fuq istituzzjonijiet ta' kreditu u fuq oħrajn skont ma jista' jiġi speċifikat fihom;

(*e*) jipprovdi sabiex jiġu stabbiliti u imposti penalitajiet amministrattivi jew miżuri amministrattivi oħra għal kwalunkwe ksur ta' dan l-Att jew tar-regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu, u dwar appelli relattivi li jsiru fit-Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji, kif ukoll biex jiġu stabbiliti u imposti multi u penalitajiet oħra;

(*f*) jipprovdi sabiex jiġu stabbiliti u imposti multi, pieni oħra u żmien ta' priġunerija għal kontravvenzjonijiet, jew nuqqas ta' tħaris, ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu, u għal appelli relattivi;

(*g*) jipprovdi dwar dak kollu li l-Ministru jista' jqis li

jkun spedjenti, anke l-ħolqien u l-eżerċizzju ta' drittijiet minn jew għall-benefiċċju tal-pubbliku, l-impożizzjoni ta' dmirijiet u obbligazzjonijiet fuq istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu bonds koperti jew fuq persuni responsabbli għall-ġestjoni jew amministrazzjoni tagħhom u r-regolament ta' drittijiet u, jew ħlasijiet oħra imposti direttament jew indirettament fuq l-investituri;

(*h*) jipprovdi dwar iż-żamma ta' reġistri u r-rekwiżiti ta' żvelar;

(*i*) jirregola l-promozzjoni jew bejgħ ta' bonds koperti;

(*j*) jipprovdi dwar u jirregola l-ħlas minn istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti jew minn xi persuna oħra, kif jista' jkun il-każ, ta' drittijiet dwar l-applikazzjoni, l-approvazzjoni jew drittijiet oħra, u dawk il-ħlasijiet oħra li jitħallsu lill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' kull materja li jista' jiġi provdut dwarha, minn jew taħt dan l-Att jew xi regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu, hekk kif jista' jiġi stipulat;

(*k*) jeżenta bonds koperti jew xi kategoriji tagħhom jew xi bonds koperti maħruġa qabel it-8 ta' Lulju 2022 li jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE, kif applikabbli fid-data tal-ħruġ tagħhom, minn xi dispożizzjoni waħda jew aktar ta' dan l-Att jew minn regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu bla ħsara għal dawk il-varjazzjonijiet, addizzjonijiet, adattamenti u modifiki hekk kif jista' jiġi stipulat u bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet jew rekwiżiti oħra, inklużi forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' komunikazzjoni, hekk kif jista' jiġi stipulat;

(*l*) jittrasponi, jimplimenta u jagħti effett lid-dispożizzjonijiet u r-rekwiżiti tas-CBD u ta' Direttivi oħra, regolamenti jew miżuri leġiżlattivi oħra tal-Unjoni Ewropea li jkunu jeħtieġu li jiġu trasposti u, jew implimentati, kif jistgħu jkunu emendati minn żmien għal żmien, inklużi dawk il-miżuri ta' implimentazzjoni li jkunu ġew jew li jistgħu jiġu maħruġa taħthom; ir-regolamenti magħmula taħt dan il-paragrafu, u li huma strettament relatati mat-traspożizzjoni jew implimentazzjoni kif imsemmi hawn qabel, jistgħu jkunu jipprovdu li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra ma jkunux japplikaw għal materji li jinkwadraw taħt ir-regolamenti, u li fil-każ li xi dispożizzjonijiet tar-regolamenti jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra, għandhom jipprevalu tali dispożizzjonijiet f'dawk ir-regolamenti;

(*m*) jistipula kwalunkwe materja li għandha tiġi

stipulata jew li tista' tiġi stipulata;

(*n*) jipprovdi dwar materji li jkunu inċidentali ma' jew konnessi mal-materji msemmija fil-paragrafi (a) sa (m).

(2) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru bla ħsara għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet skont ma jista' jiġi speċifikat fihom, jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet differenti għal każijiet, ċirkostanzi jew finijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti dawk is-setgħat ta' adattament tar-regolamenti kif jista' wkoll jiġi hekk speċifikat.

(3) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jimponu:

(*a*) penalitajiet amministrattivi ta' mhux iżjed minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' tħaris, kif jista' jkun il-każ;

(*b*) pieni jew penalitajiet oħra fir-rigward ta' xi kontravvenzjoni jew nuqqas ta' tħaris ta' mhux iżjed minn multa ta' erba' mija u sitta u sittin elf euro (€466,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien;

(*ċ*) penalitajiet amministrattivi ogħla minn mija u ħamsin elf euro (€150,000), u multi ogħla minn erba' mija u sitta u sittin elf euro (€466,000), meta dawn jitqiesu li jkunu meħtieġa jew xierqa għal xi kontravvenzjoni jew nuqqas ta' konformità ma' xi Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE jew regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu sabiex jittrasponu jew jagħtu effett lil xi Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE;

(*d*) penalitajiet amministrattivi fil-forma ta' penali fissi, penali għal kull ġurnata, jew it-tnejn flimkien.

(4) Ir-regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu jistgħu jistipulaw penalitajiet amministrattivi u multi kif provdut fis-subartikolu (3)(ċ), għal ksur ta' xi dispożizzjoni tal-Att jew ta' regolamenti maħruġa taħt dan l-artikolu jew għal ksur ta' Regoli dwar Bonds Koperti, li jittrasponu u, jew jimplimentaw Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE.

(5) Meta jkunu nħarġu regolamenti skont dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli dwar Bonds Koperti għat-twettiq aħjar, u sabiex timplimenta aħjar, id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.

Pretensjonijiet u pretensjonijiet privileġġati. *Miżjud: IX.2023.5.* L.S. 345.27.

31I. (1) L-investituri f'bond kopert u kontropartijiet ta' kuntratti ta' derivattivi li jkunu konformi mar-regolament 8 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations għandhom ikunu intitolati għal dan li ġej:

(*a*) pretensjoni kontra l-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ il-bonds koperti;

(*b*) fil-każ tal-insolvenza jew tar-riżoluzzjoni tal-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ il-bonds koperti, pretensjoni privileġġata kontra l-kapital u kwalunkwe mgħax akkumulat u futur fuq l-assi ta' kopertura;

(*ċ*) fil-każ tal-insolvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ il-bonds koperti u fil-każ li l-pretensjoni privileġġata msemmija fil-paragrafu (b) ma jkunux jistgħu jiġu sodisfatti fl-intier tagħhom, pretensjoni kontra l-patrimonju ta' insolvenza ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu, li tkun tiggradwa *pari passu* mal-pretensjonijiet tal-krediturimhux garantiti ordinarji tal-istituzzjoni ta' kreditu determinati f'konformità mal-liġijiet applikabbli li jkunu fis-seħħ f'Malta f'dak il-waqt li jirregolaw il-gradwazzjoni fil-proċeduri ta' insolvenza normali:

Iżda l-pretensjonijiet imsemmija f'dan is-subartikolu għandhom ikunu limitati għall-obbligazzjonijiet ta' ħlas intier marbuta mal-bonds koperti.

(2) L-istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu bonds koperti għandhom jiżguraw li investituri f'bond kopert u kontropartijiet ta' kuntratti ta' derivattivi li jkunu konformi mar-regolament 8 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations, huma intitolati għall-pretensjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1), bla ħsara għall-kondizzjonijiet stipulati fir-regolament 68(7) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni. L.S. 345.27. L.S. 330.09.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (4), il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel, jemenda jew jirrevoka regolamenti sabiex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2).

(4) L-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli dwar Bonds Koperti sabiex jiġu implimentati aħjar id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2).

TAQSIMA V

Setgħat Regolatorji u ta' Sorveljanza

Setgħat li teħtieġ informazzjoni.
Miżjud: XVII. 2002.122. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 37. XXXI. 2017.35; XLVI.2021.41; LXXI.2021.9; IX.2023.6; IX.2025.13.
Kap. 370.

32. (1) L-awtorità kompetenti tista', b'avviż bil-miktub, teħtieġ -

(i) lil kull suq regolat jew depożitarju ċentrali tat-titoli;

(ii) lil kull persuna li jkollha jew kellha liċenza taħt l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, jew li tidher li tkun jew li kienet qed taġixxi bħala detentur ta' liċenza taħt dak l-Att;

(iii) lil kull persuna li hi jew kienet uffiċjal, impjegat jew aġent ta' suq regolat jew depożitarju ċentrali tat-Titoli, jew lil xi persuna oħra li hi jew kienet involuta fl-operat ta' suq regolat jew depożitarju ċentrali tat-titoli;

(iv) lil kull persuna li tkun jew li kienet tmexxi, jew li tidher li tkun jew li kienet tmexxi xi attività dwar strumenti finanzjarji kwotati;

(v) lil kull awditur ta' post tan-negozju jew provditur ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-*data* li jidher li jkollu fil-pussess tiegħu informazzjoni relevanti;

(va) lil kull provditur ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-data;

(vb) kwalunkwe sponsor jew kwalunkwe persuna li tkun jew kienet uffiċjal, impjegat jew aġent ta' dak l-isponsor;

(vi) lil kull emittent, offerent jew persuna li jkunu qegħdin jitolbu li jiġu ammessi fl-elenku u, jew negozjar f'suq regolat, u kull persuna li tikkontrollahom jew tkun kontrollata minnhom;

(via) lil kull istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti, li jkollha liċenzja skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew lil xi persuna li jkun jew kien uffiċjal, impjegat jew aġent ta' tali istituzzjoni ta' kreditu jew lil kull persuna li tikkontrolla tali istituzzjoni ta' kreditu; u, jew

Kap. 371.

(vii) lil kull persuna oħra li apparentement ikollha pussess ta' informazzjoni rilevanti,

li tagħmel dak kollu li ġej jew xi ħaġa minnu:

(*a*) li tagħti lill-awtorità kompetenti, f'dak iż-żmien u post u f'dik il-forma li tista' tispeċifika, dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ, inkluża s-setgħa li teħtieġ *records* tat-telefon eżistenti u tat-traffiku ta' *data* eżistenti;

(*b*) li tagħti lill-awtorità kompetenti kull informazzjoni jew dokumentazzjoni li tista' teħtieġ biex tivverifika kull ħaġa kif tista' tispeċifika;

(*ċ*) biex tidher quddiem l-awtorità kompetenti, jew quddiem persuna maħtura minnha, f'dak il-ħin u f'dak

il-post li tista' tispeċifika, biex twieġeb għal mistoqsijiet u tipprovdi dik l-informazzjoni u dokumentazzjoni li tista' teħtieġ;

(*d*) li tagħti lill-awtorità kompetenti kull għajnuna li tista' teħtieġ u li dik il-persuna tista' b'mod reġonevoli tagħti.

(2) Bla ħsara għal kull ħaġa li l-awtorità kompetenti tista' teħtieġ taħt is-subartikolu (1), l-informazzjoni kollha dwar strumenti finanzjarji elenkati miżmuma fir-Reġistru tad-Depożitarju Ċentrali tat-Titoli għandha tkun aċċessibbli għall-awtorità kompetenti b'mod liberu.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tagħmel kopji ta' kull dokumenti mogħtija, provduti jew li għandha aċċess għalihom taħt dan l-artikolu.

Ħatra ta' spetturi. *Sostitwit: XVII. 2002.123; XX. 2007.38; XLVI.2021.42. Emendat: LXXI.2021.10; XI.2025.14.*

33. (1) L-awtorità kompetenti tista', kull meta jidhrilha meħtieġ jew spedjenti, taħtar spettur jew spetturi biex jinvestigaw u jirrapportaw fuq l-affarijiet ta' kull persuna msemmija fl-artikolu 32(1)(i) sa (vii).

(2) Spettur maħtur taħt is-subartikolu (1) -

(*a*) jista', jekk jidhirlu meħtieġ jew spedjenti għall-finijiet ta' investigazzjoni, jinvestiga l-affarijiet ta' kull persuna msemmija fis-subartikolu (1);

(*b*) ikollu u jista' jeżerċita s-setgħa kollha mogħtija lill-awtorità kompetenti bl-artikolu 32, u kull ħtieġa magħmula minnu għandha titqies li tkun u jkollha l-istess forza u effett bħal ħtieġa tal-awtorità kompetenti;

(*ċ*) jista', u jekk ordnat mill-awtorità kompetenti għandu jagħmel rapport interim u mal-konklużjoni tal-investigazzjoni tiegħu jagħmel rapport finali lill-awtorità kompetenti.

(3) Fil-ħatra ta' spettur jew spetturi taħt is-subartikolu (1) l-awtorità kompetenti tista' tordna li l-investigazzjoni titmexxa f'dak iż-żmien u li tkun limitata għal dawk il-ħwejjeġ speċifiċi jew ġenerali li l-awtorità kompetenti jidhrilha xierqa.

(4) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-ispetturi jistgħu jinkludu avukat, persuna awtorizzata li teżerita l-professjoni ta' *accountant* jew awditur skont l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*, jew persuna li tkun ikkunsidrata mill-awtorità kompetenti bħala li għandha maestrija adatta biex tkun tista' teżerċita dik il-funzjoni. Kap. 281.

(5) L-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tordna li l-ispejjeż kollha dwar, jew inċidentali għal, investigazzjoni konformement ma' dan l-artikolu titħallas mill-persuni kkonċernati.

Dritt għal dħul. *Miżjud: XVII. 2002.124.*

34. (1) Kull uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti, mal-produzzjoni, jekk mitlub, tal-prova tal-awtorità tiegħu, jista' jidħol f'post okkupat minn persuna li lilha jkun ġie notifikat avviż taħt l-artikolu 32 jew li l-affarijiet tagħha jkunu qed jiġu investigati taħt l-artikolu 33, sabiex minn hemm jikseb l-informazzjoni jew dokumenti meħtieġa b'dak l-avviż, jew

xort'oħra għall-fini tal-investigazzjoni, u sabiex jeżerċita kull waħda mis-setgħat mogħtija bl-imsemmija artikoli.

(2) Meta uffiċjal, impjegat jew aġent tal-awtorità kompetenti jkollu raġuni jemmen li jekk l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) kien ikun notifikat ma kienx jiġi mħares jew li xi dokumenti li għalihom jista' jirrelata jitneħħew, ikunu mbagħbsa jew distrutti, dak l-uffiċjal, impjegat jew aġent jista', mal-produzzjoni, jekk mitlub, tal-prova tal-awtorità tiegħu, jidħol f'kull post imsemmi fis-subartikolu (1) sabiex minn hemm jikseb kull informazzjoni jew dokumenti speċifikati fl-awtorità, liema informazzjoni jew dokumenti setgħu kienu meħtieġa b'dak l-avviż kif imsemmi fis-subartikolu (1).

(3) Għall-finijiet ta' kull azzjoni meħuda taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' titlob l-għajnuna tal-Kummissarju tal-Pulizija, li jista' għal dan l-għan jeżerċita dawk is-setgħat li huma vestiti fih bil-liġi.

Obbligazzjoni li jiġu dikjarati l-motivi ta' deċiżjonijiet. *Miżjud: XX. 2007.39. Emendat: XLVI.2021.43; IX.2023.7.*

34A. Kull deċiżjoni li tittieħed taħt dan l-Att mill-awtorità kompetenti skont dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom jew Regoli dwar is-Swieq Finanzjarji, Regoli tas-Swieq Kapitali jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħthom, għandhom jiddikjaraw xi jkunu l-motivi għal dik id-deċiżjoni.

Ebda stħarriġ dwar l-affarijiet ta' xi persuna li tinnegozja fuq swieq regolati. *Sostitwit: XVII. 2002.125. Emendat: XX. 2007.14, 40; XLVI.2021.44; IX.2023.8.* Kap. 476.

35. Ebda ħaġa f'dan l-Att jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, jew xi *bye-laws* ta' post tan-negozju ma tawtorizza lill-Ministru, lill-awtorità kompetenti xi post tan-negozju jew xi persuna tkun li tkun, li tistħarreġ jew iġġiegħel li jsir stħarriġ fl-affarijiet ta' xi persuna, ħlief sabiex ikun żgurat it-tħaris tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Prospett, ta' dan l-Att u ta' kwalunkwe regolamenti jew Regoli dwar is-Swieq Finanzjarji, Regoli tas-Swieq Kapitali jew Regoli dwar Bonds Koperti magħmula taħtu,il-*bye-laws* ta' post tan-negozju konċernat u l-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji jew xi regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu.

Rapport dwar abbuż mis-suq. *Miżjud: XVII. 2002.126. Sostitwit: IV. 2005.30. Emendat: XX. 2007.14, 41; IX.2023.9.* Kap. 476.

36. Meta kull suq regolat xi post tan-negozju

jissuspetta li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jindikaw li jkun seħħ, qiegħed iseħħ jew li probabbli jseħħ fiċ-ċirkostanzi xi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzarji, dan għandu jirrapporta mingħajr dewmien żejjed dak is-suspett lill-awtorità kompetenti.

Koperazzjoni mal-awtoritajiet regolatorji Ewropej. *Miżjud: XVII. 2002.126. Emendat: IV. 2003.20; XX. 2007.42; XXXI. 2017.36; XLVI.2021.45.*

37. (1) L-awtorità kompetenti għandha taġixxi bħala l-punt ta' riferiment skont u għall-finijietas-subartikolu (1) tal-Artikolu 79 tal-MiFID.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkopera ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra kull meta dan ikun meħtieġ bil-għan li twettaq dmirijietha taħt il-MiFID u, jew il-MiFIR. Hija għandha tagħti kull għajnuna meħtieġa lil awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra, b'mod partikolari billi tiskambja l-informazzjoni u tikkopera f'kull funzjoni investigattiva jew ta' sorveljanza. Kif hemm fil-MiFID u, jew fl-MiFIR, l-awtorità kompetenti tista' tuża s-setgħat

li għandha għall-finijiet ta' koperazzjoni wkoll f'każijiet meta l-aġir li jkun qed jiġi investigat ma jkunx jikkostitwixxi kontravvenzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, ta' xi regolament jew ta' xi Regoli ta' Swieq Finanzjarji maħruġin taħtu:

Iżda l-awtorità kompetenti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, tikkopera wkoll ma' awtoritajiet regolatorji Ewropej oħra biex jiġi faċilitat l-irkupru ta' multi.

(3) Malli tiġi riċevuta talba mingħand l-awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment fi ħdan l-Istati Membri individwali jew fi Stati ŻEE taħt is-subartikolu (1) tal-Artikolu 79 tal-MiFID, l-awtorità kompetenti għandha minnufih tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiġbor l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu jistgħu jwettqu dmirijiethom konformement mal-MiFIR jew mal-MiFID. Jekk l-awtorità kompetenti ma tkunx tista' tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa minnufih, din għandha tavża lill-awtorità regolatorja Ewropea bir-raġunijiet għal dan.

(4) Fil-waqt li l-informazzjoni tkun qegħda tiġi komunikata lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej, sew jekk nominati bħala punti ta' riferiment sew jekk ma jkunux, l-awtorità kompetenti tista' tistipula li l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, f'liema każ dik l-informazzjoni tista' tiġi skambjata unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità kompetenti tkun tat il-kunsens tagħha.

(5) Meta awtorità regolatorja Ewropea li tkun qegħda tiskambja informazzjoni mal-awtorità kompetenti tistipula fil-waqt li tkun qegħda tikkomunika dik l-informazzjoni li dik l-informazzjoni ma għandhiex tiġi żvelata jekk mhux bil-kunsens espress tagħha, dik l-informazzjoni tista' tiġi użata mill-awtorità kompetenti unikament għall-finijiet li dwarhom l-awtorità regolatorja Ewropea kienet tkun tat il-kunsens tagħha.

(6) Dik l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta mill-awtorità kompetenti minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE tista' tiġi trasmessa lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra, sakemm:

(*a*) jinkiseb il-kunsens espress tal-punti ta' riferiment li żvelaw l-informazzjoni; u

(*b*) l-informazzjoni tiġi użata unikament għall-finijiet li dwarhom il-punti ta' riferiment ikunu taw il-kunsens tagħhom:

Iżda wkoll f'dawk iċ-ċirkostanzi li jkunu ġustifikati kif imiss l-awtorità kompetenti tista' tittrasmetti informazzjoni lil korpi jew lil persuni naturali jew legali oħra mingħajr ma tissodisfa l-kondizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafi (*a*) u (*b*), f'liema każ l-awtorità kompetenti għandha minnufih tinforma lill-punt ta' riferiment li tkun bagħtet l-informazzjoni.

(7) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi informazzjoni kunfidenzjali minn punti ta' riferiment fl-Istati Membri l-oħra jew fi Stati ŻEE jew minn awtoritajiet regolatorji barranin taħt l-artikolu 37Ċ, jew meta korpi jew persuni naturali jew legali oħra jirċievu informazzjoni kunfidenzjali mingħand l-awtorità

kompetenti, dawn jistgħu biss jużaw dik l-informazzjoni kunfidenzjali fil-kors tal-qadi ta' dmirijiethom, b'mod partikolari:

(*a*) li jissorveljaw il-funzjonament adatt ta' lokalitajiet tan-negozju il-kuntest tat-tifsir tal-MiFID;

(*b*) li jimponu penali jew jadottaw miżuri amministrattivi oħra u li jikkunsidraw dawk l-ilmenti li jaslulhom dwarhom;

(*ċ*) f'appelli taħt dan l-Att.

(8) Mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew kull liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti jkollha tassew għaliex tissuspetta li attijiet li jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-MiFID jew tal-MiFIR jkunu qegħdin jitwettqu jew ikunu ġew imwettqa fit-territorju ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha, hija għandha tavża b'dan lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru l-ieħor jew tal-Istat ŻEE u lil ESMA b'mod kemm jista' jkun speċifiku.

(9) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja barranija, din ma tistax tiġi żvelata lil awtorità regolatorja Ewropea jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress tal-awtorità regolatorja Ewropea jew tal-awtorità regolatorja barranija li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(10) Meta awtorità regolatorja Ewropea tissuspetta li attijiet imwettqin minn entijiet li ma jkunux soġġetti għas-sorveljanza tagħha u li jkunu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-MiFID jew tal-MiFIR ikunu qegħdin jitwettqu jew ikunu twettqu f'Malta u tavża lill-awtorità kompetenti b'dan, l-awtorità kompetenti għandha tieħu kull azzjoni li tkun adatta. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-awtorità regolatorja Ewropea u lil ESMA li tkun qegħda tavża bl-eżitu ta' kull tali azzjoni u, sakemm ikun possibbli, bl-iżviluppi sinifikanti li jseħħu fil-frattemp:

Iżda kull tali azzjoni li tittieħed mill-awtorità kompetenti għandha tkun mingħajr ebda preġudizzju għas-setgħat u l-funzjonijiet tal-awtorità regolatorja Ewropea li tkun tat l-informazzjoni.

(11) L-awtorità kompetenti tista' teżerċita s-setgħat li ġejjin fuq it-talba ta' jew sabiex tgħin lil awtorità regolatorja Ewropea:

(*a*) is-setgħat għal stħarriġ taħt l-artikolu 32;

(*b*) is-setgħa li taħtar spetturi taħt l-artikoli 33 u 36;

(*ċ*) kull setgħa li jinħarġu direttivi taħt l-artikolu 39K;

(*d*) kull setgħa għal dħul taħt l-artikolu 34;

(*e*) is-setgħa li tikkomunika mal-awtorità regolatorja Ewropea informazzjoni li tkun fil-pussess tal-awtorità kompetenti, sew bħala riżultat jew le tal-eżerċizzju ta'

xi waħda mis-setgħat ta' hawn fuq.

(12) Dwar il-permessi ta' emissjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkopera mal-korpi kompetenti pubbliċi għas-superviżjoni ta' swieq fil-post u dawk ta' rkant u tal-awtoritajiet Ewropej regolatorji, amministraturi tar-reġistru u korpi pubbliċi oħra inkarigati mis-sorveljanza ta' konformità taħt id-Direttiva 2003/87/KE sabiex jiġi żgurat li dawn jistgħu jakkwistaw ħarsa ġenerali konsolidata tas-swieq tal-permessi ta' emissjoni. *Mižjud: XXXI. 2017.36.*

(13) Dwar id-derivattivi ta' komoditajiet agrikoli, l-awtorità kompetenti għandha tirrapporta lil, u tikkopera ma', il-korpi pubbliċi kompetenti għas-superviżjoni, l-amministrazzjoni u r-regolamentazzjoni tas-swieq agrikoli fiżiċi taħt ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013. *Mižjud: XXXI. 2017.36.*

(14) L-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta ruħha mal-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru jew Stat ŻEE responsabbli għas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' impriżi tal-assigurazzjoni qabel ma tingħata awtorizzazzjoni lil xi operatur tas-suq li jkun: *Mižjud: XXXI. 2017.36.*

(a) sussidjarju ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata fl-Unjoni; jew

(b) sussidjarju ta' impriża prinċipali ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ta' impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata mill-Unjoni; jew

(ċ) kontrollat mill-istess persuna, sew fiżika sew legali, li tikkontrolla istituzzjoni ta' kreditu jew impriża tal-assigurazzjoni awtorizzata fl-Unjoni.

(15) L-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej imsemmija fis-subartikolu (14) għandhom b'mod partikolari jikkonsultaw lil xulxin meta jkunu qegħdin jivvalutaw l-adattabilità tal-azzjonisti jew tal-membri u l-fama u l-esperjenza ta' dawk il-persuni li effettivament jidderieġu l-kummerċ involut fil-ġestjoni ta' xi entità oħra fi ħdan l-istess grupp. Dawn għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha dwar l-adattabilità tal-azzjonisti jew membri u l-fama u l-esperjenza ta' persuni li effettivament jidderieġu l-kummerċ li jkun ta' rilevanza għall-awtoritajiet regolatorji Ewropej l-oħra involuti, biex tingħata awtorizzazzjoni kif ukoll għall-valutazzjoni dejjem għaddejja ta' konformità mal-kondizzjonijiet operattivi. *Mižjud: XXXI. 2017.36.*

(16) Meta Malta tkun l-Istat Membru li jospita suq regolat u l-awtorità kompetenti jkollha raġuni ċara u demonstrabbli għaliex għandha tifhem li dak is-suq ikun qed jikser l-obbligi li joħorġu mid-dispożizzjonijiet adottati bis-saħħa tal-MiFID, Malta għandha tirreferi dawk is-sejbiet lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru domestiku tas-suq regolat. *Mižjud: XXXI. 2017.36.*

(17) Meta, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru domestiku jew għaliex dawk il-miżuri jinstabu li ma jkunux adegwati, dak is-suq regolat jippersisti f'illi jaġixxi b'mod li jkun juri ċar li jippreġudika l-interessi ta' *Mižjud: XXXI. 2017.36.*

investituri Maltin jew il-funzjonament bl-ordni tas-swieq, l-awtorità kompetenti għandha, wara li tgħarraf lill-awtorità regolatorja Ewropea tal-Istat Membru domestiku, tieħu l-miżuri kollha adatti li jkunu meħtieġa biex tipproteġi lill-investituri u l-funzjonament kif dovut tas-swieq, li għandhom jinkludu l-possibbiltà li jipprevjenu lil dak is-suq regolat milli jagħmel l-arranġamenti tagħhom disponibbli għal membri jew parteċipanti remoti stabbiliti f'Malta. L-awtorità kompetenti tista' tirreferi l-kwistjoni lil ESMA li tista' taġixxi kif hemm fis-setgħat mogħtija lilha taħt l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Miżjud: XXXI. 2017.36.

(18) Kull miżura adottata kif hemm fis-subartikolu (16) li tinvolvi sanzjonijiet jew restrizzjonijiet fuq l-attivitajiet ta' suq regolat għandha tkun debitament ġustifikata u komunikata lis-suq regolat involut.

Koperazzjoni fil-funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki jew investigazzjonijiet li jsiru fuq il-post. *Miżjud: XX. 2007.43.*

37A. (1) L-awtorità kompetenti tista' titlob għall-koperazzjoni tal-awtorità regolatorja Ewropea għar-rigward tal-funzjonijiet ta' sorveljanza jew dwar verifiki jew investigazzjonijiet li jsiru fuq il-post, u awtorità regolatorja Ewropea tista' bl-istess mod titlob għall-koperazzjoni tal-awtorità kompetenti fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza li għandha jew fil-verifiki jew investigazzjonijiet tagħha.

(2) Fl-eżerċizzju ta' dik il-koperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtoritajiet regolatorji Ewropej id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17A tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

Kap. 370.

Meta xi ħadd jonqos milli jikkopera. *Miżjud: XX. 2007.43. Emendat: XXXI. 2017.37*

37B. L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta milli taġixxi meta tirċievi talba għal koperazzjoni fit-twettiq ta' funzjonijiet ta' sorveljanza, verifiki jew investigazzjonijiet li jsiru fuq il-post skont l-artikolu 37A jew ta' skambju ta' informazzjoni mal- awtoritajiet regolatorji Ewropej nominati bħala punti ta' riferiment taħt l-Artikolu 79(1) tal-MiFID, fiċ-ċirkostanzi stabbiliti fl-artikolu 17B tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment.

Kap. 370.

Koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin. *Miżjud: XX. 2007.43. Emendat: III. 2009.15; XXXI. 2017.38.*

37Ċ. (1) Pattijiet ta' koperazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li ma jkunx Stat Membru jew Stat ŻEE jistgħu jsiru biss jekk l-informazzjoni żvelata tkun soġġetta għal garanziji ta' segretezza professjonali li jkunu għall-inqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa taħt l-artikolu 38. Dak l-iskambju ta' informazzjoni għandu jkun intiż għat-twettiq tal-funzjonijiet ta' dawk l-awtoritajiet regolatorji barranin jew awtoritajiet oħra, korpi u persuni naturali jew legali:

Iżda t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew lejn Stati ŻEE għandu jsir skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 fuq il-protezzjoni ta' individwi dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u fuq il-moviment liberu ta' dik id-*data*.

(2) Fl-għemil ta' pattijiet ta' koperazzjoni li jipprovdu dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin, ma' awtoritajiet oħra jew ma' korpi u persuni naturali jew legali f'pajjiżi li m'humiex Stati Membri jew Stati ŻEE, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17D(2) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Kap. 370.

(3) Meta l-informazzjoni li l-awtorità kompetenti jkollha fil-pussess tagħha tkun oriġinat minn awtorità regolatorja Ewropea jew minn awtorità regolatorja barranija, din ma tistax tiġi żvelata lill-awtorità regolatorja barranija jew lil terzi oħra mingħajr il-kunsens espress tal-awtorità regolatorja Ewropea jew tal-awtorità regolatorja barranija li tkun ittrasmettietha u, meta jkun adatt, unikament għall-finijiet li dwarhom dik l-awtorità tkun tat il-kunsens tagħha.

(4) Mingħajr ebda preġudizzju għad-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan l-artikolu, fuq talba tal-awtorità regolatorja barranija jew għall-finijiet li din tiġi assistita, l-awtorità kompetenti tista' teżerċita s-setgħat elenkati fl-artikolu 17(11) tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-kliem "l-awtorità regolatorja Ewropea" għandhom jinftiehmu bħala "l-awtorità regolatorja barranija". Kap. 370.

(5) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tagħmel kull ftehim ta' kooperazzjoni li jkun jipprovdi għall-iskambju ta' informazzjoni ma' awtoritajiet regolatorji barranin, ma' korpi u persuni fiżiċi jew ġuridiċi responsabbli għal xi ħaġa jew aktar minn dawn li ġejjin: *Miżjud: XXXI. 2017.38.*

(*a*) is-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, impriżi tal-assigurazzjoni u s-sorveljanza tas-swieq finanzjarji;

(*b*) il-likwidazzjoni u l-falliment ta' ditti ta' investiment u proċeduri oħra bħal dawk;

(*ċ*) it-twettiq ta' verifiki statutorji tal-kontijiet ta' ditti ta' investiment u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra, istituzzjonijiet ta' kreditu u ta' impriżi tal-assigurazzjoni, fil-qadi tal-funzjonijiet superviżorji tagħhom, jew li jamministraw skemi ta' kumpens, fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom;

(*d*) superviżjoni tal-korpi involuti fil-likwidazzjoni u l-falliment ta' ditti ta' investiment u proċeduri oħra bħal dawk;

(*e*) is-superviżjoni ta' persuni inkarigati li jwettqu awditjar statutorju tal-kontijiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni, istituzzjonijiet ta' kreditu, ditti ta' investiment u istituzzjonijiet finanzjarji oħra;

(*f*) is-superviżjoni ta' persuni attivi fis-swieq tal-permessi ta' emissjoni bil-għan li tiġi żgurata ħarsa ġenerali konsolidata tas-swieq finanzjarji u ta' fuq il-post;

(*g*) is-superviżjoni ta' persuni attivi fis-swieq ta' derivattivi ta' komoditajiet agrikoli bil-għan li tiġi żgurata ħarsa ġenerali konsolidata tas-swieq finanzjarji u ta' fuq il-

post.

Medjazzjoni vinkolanti. *Mižjud: XXXI. 2017.39.*

37D. L-awtorità kompetenti tista' tirreferi lil ESMA dawk is-sitwazzjonijiet fejn xi talba li jkollha x'taqsam ma' xi waħda minn dawn l-affarijiet li ġejjin tkun ġiet rifjutata jew ma tkunx ittieħdet azzjoni dwarha fi żmien raġonevoli:

(*a*) l-iskambju ta' informazzjoni kif provdut fl-artikolu 37; jew

(*b*) it-twettiq ta' attività ta' sorveljanza, dwar xi verifika li tkun saret fuq il-post, jew xi investigazzjoni, kif provdut fl-artikolu 37A.

Obbligazzjonijiet ta' kooperazzjoni relatati mas-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti. *Mižjud: IX.2023.10.*

37E. (1) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet li jwettqu s-superviżjoni ġenerali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu f'konformità mal-liġijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea applikabbli għal dawk l-istituzzjonijiet u, fil-każ tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti, mal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni jew mal-awtorità ta' riżoluzzjoni Ewropea rilevanti, skont kif applikabbli.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet fi Stati Membri oħra responsabbli għas-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti skont l-Artikolu 18(2) tas-CBD, inkluż billi jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet b'dak it-tagħrif kollu li jkun rilevanti sabiex iwettqu l-attivitajiet superviżorji tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tagħhom li jittrasponu is-CBD.

(3) Għall-finijiet tas-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika:

(*a*) dak it-tagħrif rilevanti kollu li jintalab minn xi awtorità f'xi Stat Membru ieħor responsabbli għas-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti skont l-Artikolu 18(2) tas-CBD; u

(*b*) b'inizjattiva tagħha stess, kwalunkwe tagħrif essenzjali lill-awtoritajiet fi Stati Membri oħra responsabbli għas-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti skont l-Artikolu 18(2) tas-CBD.

(4) L-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mal-EBA jew, meta jkun rilevanti, mal-ESMA, għall-finijiet tas-CBD.

(5) Fil-każ tar-riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti, l-awtorità kompetenti għandha tikkoopera mal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni jew mal-Awtorità ta' riżoluzzjoni Ewropea rilevanti, skont kif applikabbli, sabiex tiżgura li d-drittijiet u l-interessi tal-investituri fil-bonds koperti jiġu preservati, inkluż mill-inqas ukoll billi tiġi verifikata l-ġestjoni kontinwa u soda tal-programm ta' bonds koperti matul il-perjodu tal-proċess ta' riżoluzzjoni.

(6) Sat-8 ta' Lulju 2024, l-awtorità kompetenti għandha tittrażmetti lill-Kummissjoni Ewropea tagħrif dwar dan li ġej:

(*a*) żviluppi dwar dak li hu l-għadd ta' approvazzjonijiet għall-ħruġ ta' bonds koperti;

(*b*) żviluppi f'dak li hu l-għadd ta' bonds koperti maħruġa b'mod konformi mat-Taqsima IV *bis* u kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha u skont l-Artikolu 129 tas-CRR;

(*ċ*) żviluppi f'dawk li huma l-assi li jikkollateralizzaw il-ħruġ ta' bonds koperti;

(*d*) żviluppi f'dak li hu l-livell ta' sovrakollateralizzazzjoni;

(e) investimenti transkonfini f'bonds koperti, inkluż investiment 'il ġewwa minn, u investiment 'il barra lejn, pajjiżi terzi;

(f) żviluppi f'dak li hu l-ħruġ ta' bonds koperti bi strutturi ta' maturità estendibbli;

(g) żviluppi f'dak li huma r-riskji u l-benefiċċji tal-użu ta' skoperturi kif imsemmija fl-Artikolu 129(1) tas-CRR;

(h) il-funzjonament tas-swieq ta' bond kopert.

(7) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, it-tagħrif għandu jitqies li jkun essenzjali jekk dan ikun jista' jinfluwenza materjament il-valutazzjoni tal-ħruġ ta' bonds koperti f'xi Stat Membru ieħor.

Konfidenzjalità ta' informazzjoni. *Emendat: V. 1992.2. Sostitwit: XVII. 2002.127. Emendat: IV. 2003.20. IV. 2005.30. Sostitwit: XX. 2007.44. Emendat: A.L. 424 tal-2007; X. 2011.18; XLVI.2021.46; IX.2023.11.*

38. (1) Postijiet tan-negozju, depożitarji ċentrali tat-titoli, istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu bonds koperti, l-awtorità kompetenti, il-membri rispettivi, uffiċjali, impjegati jew aġenti tagħhom, kif ukoll l-awdituri, spetturi u esperti, skont il-każ, imqabbda skont u għall-finijiet ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att -

(*a*) għandhom jittrattaw kull dokument u informazzjoni oħra li jkollhom x'jaqsmu mal-post tan-negozju rilevanti jew ma' negozju li jsir miegħu jew fih, jew għall-ħruġ ta' bonds koperti jew għan-negozju tiegħu, jew xort'oħra miksubin għall-finijiet, jew konformement, ma' xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu u li ma jkunux għadhom ġew uffiċjalment imħabbra, bħala li huma ta' xorta kunfidenzjali u li jinsabu protetti bid-dmir ta' segretezza professjonali, u m'għandhom jiżvelaw dawn l-affarijiet lil ħadd;

(*b*) huma projbiti milli jużaw dawk id-dokumenti u dik l-informazzjoni u dawk l-affarijiet l-oħra kollha li huma ta' xorta kunfidenzjali u li jinsabu protetti bid-dmir ta' segretezza professjonali u li jsiru jafu bihom minħabba fil-posizzjoni li jkunu jokkupaw, sabiex jassikuraw xi vantaġġ għalihom infushom jew għal terzi sew jekk dawk it-terzi jkunu jew ma jkunux konnessi mas-suq ta' strumenti finanzjarji.

(2) L-artikolu 26 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment għandu japplika *mutatis mutandis* għal postijiet tan-negozju, istituzzjonijiet ta' kreditu li joħorġu bonds koperti, l-Awtorità dwar l-Elenku, l-awtorità kompetenti, il-membri rispettivi, uffiċjali, impjegati jew Kap. 370.

aġenti tagħhom, kif ukoll l-awdituri, spetturi u esperti mqabbda għall-finijiet ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, li jkunu marbuta bl-obbligazzjoni ta' kunfidenzjalità skont is-subartikolu (1).

Kap. 476.

(3) Persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu tkun, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, ħatja ta' reat kontra dan l-Att, u tista' meta tinstab ħatja teħel multa ta' tnax-il elf euro (€12,000) jew żmien ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kap. 476.

(4) Persuna li ma tkunx waħda minn dawk imsemmija fis-subartikoli (1) u (2) li tikseb xi dokumenti jew kull informazzjoni oħra li dawk is-subartikoli jirrigwardaw u li tuża dawk id-dokumenti jew informazzjoni, bil-ħsieb li tassikura vantaġġ kemm għaliha nnifisha kemm għal xi persuna oħra, tkun, mingħajr preġudizzju għall-Att dwar il-Prevenzjoni ta' Abbuż fis-Swieq Finanzjarji, ħatja ta' reat kontra dan l-Att u tista' meta tinsab ħatja teħel l-istess penali li hemm stabbiliti għal reat kontra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Setgħat tal-Qorti li tagħmel ċerti ordnijiet.
Miżjud: XVII. 2002.128. Emendat: XX. 2007.14, 45; IX.2023.12.

39. (1) Jekk, fuq rikors tal-awtorità kompetenti magħmul fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-imsemmija qorti tkun sodisfatta:

(*a*) li jkun hemm probabbiltà raġonevoli li persuna tkun ser tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew ta' xi *bye-laws* ta' suq regolat jew li tikser jew tonqos li tħares xi obbligu, ħtieġa, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar is-Swieq Kapitali, Regola dwar Bonds Koperti,direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, taħt regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu jew taħt *bye-laws* ta' suq regolat; jew

(*b*) li persuna tkun kisret xi dispożizzjoni bħal dawk jew tkun naqset milli tħares xi obbligi, ħtieġa, direttiva, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar is-Swieq Kapitali, Regola dwar Bonds Koperti Regola dwar is-Swieq Kapitali, Regola dwar Bonds Koperti jew ordni bħal dawk u jkun hemm probabbiltà raġonevoli li l-kontravvenzjoni se tkompli jew se tiġi ripetuta,

il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex trażżan il-kontravvenzjoni.

(2) Jekk, fuq rikors magħmul mill-awtorità kompetenti fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, l-imsemmija qorti tkun sodisfatta -

(*a*) li persuna tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, tal-*bye-laws* ta' suq regolat jew xi obbligu, ħtieġa, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar is-Swieq Kapitali, Regola dwar Bonds Koperti, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew taħt *bye-laws* ta' suq regolat; u

(*b*) li jkun hemm passi li jistgħu jittieħdu biex il-kontravvenzjoni tkun rimedjata,

il-qorti tista' tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa biex teħtieġ lil dik il-persuna u lil kull persuna oħra li tkun tidher lill-qorti li tkun xjentement involuta fil-kontravvenzjoni, biex jieħdu dawk il-passi li l-qorti tista' tordna biex jirrimedjawha, jew biex itaffu l-effett tagħha, skont kif xieraq.

(3) Jekk, fuq rikors mill-awtorità kompetenti magħmul fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, il-Qorti tkun sodisfatta-

(*a*) li persuna tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tar-regolamenti magħmula bis-saħħa tiegħu, tal-*bye-laws* ta' suq regolat jew xi obbligu, ħtieġa, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar is-Swieq Kapitali, Regola dwar Bonds Koperti, direttiva jew ordni magħmula jew mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, taħt ir-regolamenti magħmulin taħtu jew taħt *bye-laws* ta' suq regolat; jew

(*b*) li xi persuna kienet xjentement involuta fil-kontravvenzjoni,

il-qorti tista' tagħmel ordni li jirrestrinġiha milli tiddisponi minn, jew li xort'oħra tittratta dwar, xi assi tagħha, li l-qorti tkun sodisfatta li jkun hemm probabbiltà raġonevoli li dik il-persuna tkun ser tiddisponi minnhom jew tittratta dwarhom.

(4) Jekk, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-qorti tkun ukoll sodisfatta li-

(*a*) profitti jkunu nkisbu minn xi persuna bħala riżultat tal-kontravvenzjoni; jew

(*b*) investitur ikun ġarrab telf jew xort'oħra jkun milqut negattivament bħala riżultat tal-kontravvenzjoni,

il-qorti tista' tordna lill-persuna responsabbli għall-kontravvenzjoni biex tħallas fil-qorti dik is-somma li jidhrilha li tkun ġusta meta tikkunsidra l-limitu tal-profitt, telf jew effett negattiv kif intqal qabel, u tordna li dik is-somma titħallas kif il-qorti tista' tordna lill-persuni li jkunu daħlu f'operazzjonijiet li riżultat tagħhom ikunu saru l-profitti, jew it-telf jew l-effett negattiv ikun iġġarrab kif intqal qabel.

(5) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-qorti tista' tordna l-produzzjoni minn kull persuna ta' dawk il-kontijiet u l-għoti ta' dik l-informazzjoni, u verifikati b'dak il-mod, li l-qorti jidhrilha xierqa.

(6) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha, wara li tisma' l-persuna jew persuni msemmija f'dan l-artikolu u lill-awtorità kompetenti, tiddeċiedi r-rikors magħmul taħt dan l-artikolu b'urġenza.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għal kull jedd ta' xi persuna aggravata biex tibda proċedimenti direttament dwar kull jedd li dik il-persuna jista' xort'oħra jkollha indipendentement mill-awtorità kompetenti.

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jkunu bla ħsara għall-jedd ta' kull persuna li titlob il-ħruġ ta' xi att kawtelatorju taħt it-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Kap. 12.

Il-pieni amministrattivi u miżuri oħra. *Sostitwit: XLVI.2021.47. Emendat: XI.2025.15.*

39A. (1) Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħat oħra mogħtija lilha b'dan l-Att jew b'kull liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-imġiba ta' xi persuna tkun twassal għal xi ksur ta' xi dispożizzjoni tat-Taqsima III jew ta' kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom, jew li persuna tkun kisret jew naqset milli tħares xi kundizzjoni, obbligu, rekwiżit jew direttivi magħmula jew mogħtija mill-awtorità kompetenti taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom, inkluż in-nuqqas ta' kooperazzjoni f'investigazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' b'avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa ta' smigħ fil-qorti timponi fuq dik il-persuna piena amministrattiva ta' mhux iżjed minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' konformità, kif jista' jkun il-każ, jew kull miżura amministrattiva oħra, kif tista' tqis meħtieġa.

(2) Il-pieni amministrattivi li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti, jistgħu jiġu imposti fil-forma ta' piena fissa, piena ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien:

Iżda l-penalitajiet amministrattivi imposti mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 16(4) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis* fir-rigward ta' kull piena amministrattiva imposta mill-awtorità kompetenti taħt is-subartikolu (1).

Kap. 330.

(4) L-impożizzjoni mill-awtorità kompetenti ta' piena amministrattiva jew ta' xi miżura amministrattiva oħra skont dan l-artikolu għandha ssir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe konsegwenza oħra li toħroġ mill-att jew l-ommissjoni tal-ħati taħt il-liġi ċivili jew kriminali:

Iżda fil-każijiet kollha fejn l-awtorità kompetenti timponi piena amministrattiva fir-rigward ta' xi ħaġa li tkun saret jew li ġiet ommessa minn xi persuna u dak l-att jew l-ommissjoni jkunu wkoll jikkostitwixxu reat kriminali, ma jistgħux jiġu istitwiti jew jitkomplew l-ebda proċeduri kontra dik il-persuna dwar tali reat kriminali.

Il-pieni amministrattivi u miżuri oħra għal ksur relatat mal-obbligi ta' trasparenza. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: LXXI.2021.11; XI.2025.16.*

39B. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39A, l-awtorità kompetenti tista' timponi pieni amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra hekk kif imsemmija fis-subartikolu (2), meta din tqis li:

(a) emittent ikun naqas milli jagħmel pubbliku, b'mod korrett u komplet u fit-terminu meħtieġ, kwalunkwe informazzjoni regolata kif meħtieġa f'dan l-Att u fir-Regoli tas-Swieq Kapitali; jew

(b) xi persuna oħra soġġetta għar-Regoli tas-Swieq Kapitali tkun naqset milli tavża, fit-terminu stipulat, l-akkwist jew id-disponiment ta' parteċipazzjoni azzjonarja maġġuri skont ir-Regoli tas-Swieq Kapitali.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39A, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li timponi dawn il-pieni amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra li ġejjin għal kwalunkwe ksur imsemmi fis-subartikolu (1):

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika lill-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli u n-natura ta' ksur;

(b) l-ordni li tkun teħtieġ lill-persuna fiżika jew lill-entità ġuridika responsabbli li tiddeżisti mill-għemil li jkun qed jikkaġuna l-ksur u li tiddeżisti milli tirrepeti dik l-imġiba;

(ċ) fil-każ ta' entità ġuridika, pieni amministrattivi li jkunu:

(i) sa għaxar miljun euro (€10,000,000), jew sa 5% tal-fatturat totali annwali skont l-aħħar kontijiet annwali disponibbli approvati mill-korp ta' tmexxija; meta l-entità ġuridika tkun kumpannija prinċipali jew sussudjarja ta' kumpannija prinċipali li jkollha tipprepara kontijiet finanzjarji konsolidati b'mod konformi mad-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat totali rilevanti għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip ta' dħul insegwitu tad-Direttivi dwar il-kontijiet rilevanti skont l-aħħar kontijiet annwali konsolidati disponibbli approvati mill-korp ta' tmexxija tal-kumpannija prinċipali finali, jew

(ii) sa darbtejn l-ammont ta' profitti li jsiru jew kull telf evitat minħabba fil-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti,

skont liema minnhom ikun l-ogħla;

(d) fil-każ ta' persuna fiżika, pieni amministrattivi:

(i) sa żewġ miljun euro (€2,000,000); jew

(ii) sa darbtejn l-ammont ta' profitti miksuba jew kwalunkwe telf evitat minħabba fil-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti,

skont liema minnhom ikun l-ogħla.

(3) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), l-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-eżerċizzju ta' drittijiet ta' votazzjoni marbuta ma' azzjonijiet fil-każ ta' kull ksur imsemmi fis-subartikolu (1)(a).

(4) Il-pieni amministrattivi u l-miżuri amministrattivi oħra li jittieħdu mill-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Il-pieni amministrattivi u miżuri oħra għal ksur tar-Regolament tal-Prospett. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: LXXI.2021.12.*

39Ċ. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39A, l-awtorità kompetenti tista' timponi l-pieni amministrattivi u l-miżuri amministrattivi oħra msemmija fis-subartikolu (2), meta din tqis li:

(a) l-imġiba ta' xi persuna tkun tammonta għal ksur tal-Artikolu 3, l-Artikolu 5, l-Artikolu 6, l-Artikolu 7(1) sa (11), l-Artikolu 8, l-Artikolu 9, l-Artikolu 10, l-Artikolu 11(1) u (3), l-Artikolu 14(1) u (2), l-Artikolu 15(1), l-Artikolu 16(1), (2) u (3), l-Artikolu 17, l-Artikolu 18, l-Artikolu 19(1) sa (3), l-Artikolu 20(1), l-Artikolu 21(1) sa (4) u (7) sa (11), l-Artikolu 22(2) sa (5), l-Artikolu 23 (1), (2), (3) u (5), u, jew l-Artikolu 27 tar-Regolament tal-Prospett; u, jew

(b) persuna tkun naqset milli tikkoopera jew tikkonforma ma' xi investigazzjoni, jew ispezzjoni jew talba li tinkwadra taħt l-artikolu 32.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39A, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li timponi dawn il-pieni u l-miżuri amministrattivi oħra li ġejjin għal kull ksur imsemmi fis-subartikolu (1):

(a) dikjarazzjoni pubblika li tindika lill-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli u x-xorta tal-ksur;

(b) ordni li tkun teħtieġ lill-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli li tiddezisti mill-għemil li jikkostitwixxi l-ksur;

(ċ) l-ogħla pieni amministrattivi ta' darbtejn l-ammont ta' xi profitti miksuba jew telf evitat minħabba fil-ksur f'każijiet fejn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(d) fil-każ ta' persuna ġuridika, sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi sa ħames miljun euro (€5,000,000), jew sa 3% tal-fatturat annwali totali ta' dik il-persuna ġuridika skont l-aħħar rapporti finanzjarji disponibbli approvati mill-korp maniġerjali; meta l-persuna ġuridika tkun kumpannija prinċipali jew sussudjarja ta' kumpannija prinċipali li hi meħtieġa tipprepara l-kontijiet finanzjarji konsolidati skont id-Direttiva 2013/34/UE, il-fatturat totali rilevanti annwali għandu jkun il-fatturat totali annwali jew it-tip ta' dħul korrispondenti skont il-liġi rilevanti tal-Unjoni

Ewropea fil-qasam tal-kontabbilità skont l-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-korp ta' tmexxija tal-kumpannija prinċipali finali;

(e) fil-każ ta' persuna fiżika, sanzjonijiet pekunjarji amministrattivi sa seba' mitt elf euro (€700,000).

(3) Il-pieni u l-miżuri amministrattivi oħra li jittieħdu mill-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra relatati ma' bonds koperti. *Miżjud: IX.2023.13.*

39ĊA. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew b'xi liġi oħra, meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-imġiba ta' persuna tammonta għal ksur ta' xi dispożizzjoni tat-Taqsima IV *bis* jew ta' xi regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha, jew li persuna tkun kisret jew naqset milli tħares xi kondizzjoni, obbligazzjoni, rekwiżit jew direttivi magħmula jew mogħtija mill-awtorità kompetenti taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu, inkluż ukoll in-nuqqas ta' kooperazzjoni f'xi investigazzjoni, l-awtorità kompetenti tista', b'avviż bil-miktub u mingħajr il-ħtieġa li tirrikorri għal smigħ fil-qorti, timponi fuq dik il-persuna penali amministrattiva li ma tistax tkun ta' iżjed minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' tħaris, kif jista' jkun il-każ u, jew miżura amministrattiva oħra, hekk kif tista' tqis li jkun meħtieġ.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), l-awtorità kompetenti tista' timponi penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi oħra mill-inqas f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin, meta:

(*a*) istituzzjoni ta' kreditu tkun kisbet approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew mezzi irregolari oħra;

(*b*) istituzzjoni ta' kreditu ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet li taħthom tkun ingħatat approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti;

(*ċ*) istituzzjoni ta' kreditu toħroġ bonds koperti bla ma tikseb l-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti b'mod konformi mal-artikoli 31D u 31E;

(*d*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tħares ir-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 31I u fir-regolament 108(1) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni; L.S. 330.09.

(*e*) istituzzjoni ta' kreditu toħroġ bonds koperti li ma jkunux konformi mal-artikolu 31I u mar-regolament 68(7) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni; L.S. 330.09.

(*f*) istituzzjoni ta' kreditu toħroġ bonds koperti li ma jkunux kollateralizzati b'mod konformi mar-regolament 3 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*g*) istituzzjoni ta' kreditu toħroġ bonds koperti li jkunu kollateralizzati b'assi lokalizzati 'l barra mill-Unjoni Ewropea bi ksur tar-regolament 4 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*h*) istituzzjoni ta' kreditu tikkollateralizza bonds koperti fi struttura ta' bond kopert aggregata b'mod intragrupp bi ksur tar-regolament 5 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*i*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-finanzjament konġunt stipulat fir-regolament 6 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*j*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tkun konformi mar-rekwiżiti ta' kompożizzjoni tal-aggregazzjoni ta' kopertura stipulati fir-regolament 7 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*k*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tkun konformi mar-rekwiżiti f'dak li hu kuntratti ta' derivattivi fl-aggregazzjoni ta' kopertura stipulati fir-regolament 8 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*l*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tkun konformi mar-rekwiżiti tas-segregazzjoni ta' assi ta' kopertura f'konformità mar-regolament 9 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*m*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tirrapporta tagħrif jew inkella tipprovdi tagħrif inkomplet jew mhux eżatt bi ksur tar-regolament 11 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

A.L. 59 tal-2023.

(*n*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti ripetutament jew persistentement tonqos milli żżomm riżerva ta' likwidità ta' aggregazzjoni ta' kopertura bi ksur tar-regolament 13 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations;

L.S. 345.27.

(*o*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti bi strutturi ta' maturità estendibbli tonqos milli tissodisfa l-kondizzjonijiet għal strutturi ta' maturità estendibbli stipulati fir-regolament 14 tal-Financial Markets Act (Covered Bonds)

L.S. 345.27.

Regulations;

(*p*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tirrapporta tagħrif jew inkella tipprovdi tagħrif inkomplet jew mhux eżatt dwar l-obbligazzjonijiet tagħha bi ksur tar-rekwiżiti dwar ir-rappurtar stabbiliti fir-regolament 15(3) tal-Financial Markets Act (Covered Bonds) Regulations; L.S. 345.27.

(*q*) jkun ġie stabbilit li istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tkun ikkommettiet xi ksur serju, ripetut jew sistematiku, jew kombinazzjoni tagħhom, tal-Att kontra Money Laundering, ta' regolamenti magħmula taħtu jew ta' proċeduri jew linji gwida maħruġa skont dawk ir-regolamenti; u, jew Kap. 373.

(*r*) istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti tonqos milli tikkoopera mal-awtorità kompetenti.

(3) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), il-miżuri amministrattivi msemmija fih għandhom mill-inqas jinkludu dan li ġej:

(*a*) l-irtirar ta' approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti;

(*b*) dikjarazzjoni pubblika li tindika l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika u x-xorta tal-ksur f'konformità mal-artikolu 39GA;

(*ċ*) ordni li titlob lill-persuna fiżika jew ġuridika twaqqaf l-imġiba tagħha u tieqaf milli tibqa' għaddejja b'dik l-imġiba; u, jew

(*d*) direttiva maħruġa skont l-artikolu 39K.

(4) Kwalunkwe penalitajiet amministrattivi u l-miżuri amministrattivi l-oħra imposti mill-awtorità kompetenti skont dan l-artikolu għandhom ikunu effettivi, proporzjonali u dissważivi.

(5) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-penalitajiet amministrattivi u l-miżuri amministrattivi l-oħra imposti minnha skont dan l-artikolu għandhom jiġu implimentati effettivament.

(6) Meta tiddetermina x-xorta ta' penalitajiet amministrattivi jew il-miżuri amministrattivi l-oħra u l-ammont tal-penalitajiet amministrattivi li għandhom jiġu imposti, l-awtorità kompetenti għandha tqis dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin, meta jkun rilevanti:

(*a*) il-gravità u d-durata tal-ksur;

(*b*) il-grad ta' responsabbiltà tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(*ċ*) is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur, inkluż b'referenza għall-fatturat totali tal-persuna ġuridika jew l-introjtu annwali tal-persuna fiżika;

(*d*) l-importanza tal-profitti miksuba jew telf evitat minħabba fil-ksur mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur, sakemm dawk il-profitti jew telf ikunu jistgħu jiġu determinati;

(*e*) it-telf kaġunat lil partijiet terzi mill-ksur, sakemm dak il-telf ikun jista' jiġi determinat;

(*f*) il-livell ta' kooperazzjoni mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur mal-awtorità kompetenti;

(*g*) każijiet ta' ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(*h*) konsegwenzi sistemiċi reali jew potenzjali tal-ksur.

(7) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), meta d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV *bis*, jew ta' xi regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha, ikunu japplikaw għal persuni ġuridiċi, il-penalitajiet amministrattivi u l-miżuri amministrattivi l-oħra msemmija f'dan l-artikolu jistgħu jiġu wkoll imposti mill-awtorità kompetenti fuq membri tal-bord ta' diretturi ta' tali persuna ġuridika u fuq individwi oħra li jkunu responsabbli għall-ksur taħt il-liġi nazzjonali.

(8) Penalitajiet amministrattivi li jistgħu jiġu imposti mill-awtorità kompetenti taħt dan l-artikolu, jistgħu jiġu imposti fil-forma ta' penali fissi, penali għal kull ġurnata, jew it-tnejn flimkien.

(9) Meta l-awtorità kompetenti timponi penali amministrattiva skont dan l-artikolu dan għandu jsir mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe konsegwenzi oħra tal-att jew ommissjoni tal-awtur tar-reat taħt id-dritt ċivili jew kriminali:

Iżda f'dawk il-każijiet kollha meta l-awtorità kompetenti timponi penali amministrattiva fir-rigward ta' xi ħaġa li ssir jew tonqos milli ssir minn persuna u dak l-att jew ommissjoni jkun jikkostitwixxi wkoll reat kriminali, ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew l-ebda proċedimenti kontra dik il-persuna fir-rigward ta' dak ir-reat kriminali.

Il-pieni amministrattivi u miżuri oħra li japplikaw fir-rigward ta' membri ta' entità ġuridika. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: IX.2023.14.*

39D. Meta l-obbligi imposti skont ir-Regolament tal-Prospett, dan l-Att, jew kwalunkwe regolamenti, jew Regoli tas-Swieq Kapitali maħruġa taħthom, ikunu japplikaw għall-emittent jew għal xi entità ġuridika oħra, fil-każ ta' ksur ta' xi dispożizzjoni relattiva, jistgħu jiġu wkoll imposti pieni amministrattivi u miżuri oħra, bla ħsara għall-kundizzjonijiet stipulati fil-liġi nazzjonali, fuq il-membri tal-korpi amministrattivi, ta' ġestjoni jew superviżorji tal-entità ġuridika konċernata, u fuq individwi oħra responsabbli għall-ksur taħt il-liġi nazzjonali:

Iżda dan l-artikolu ma għandux japplika għal xi ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV *bis* jew tar-regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha.

Iċ-ċirkostanzi rilevanti. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: IX.2023.15.*

39E. Fil-każ ta' pieni amministrattivi jew miżuri imposti mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti għandha tqis iċ-ċirkostanzi kollha rilevanti, inklużi fejn xieraq:

(a) il-gravità u d-durata tal-ksur;

(b) il-grad ta' responsabilità tal-persuna fiżika jew tal-entità ġuridika responsabbli;

(ċ) il-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew tal-entità ġuridika responsabbli, bħala eżempju kif indikat bil-fatturat totali tal-entità ġuridika responsabbli jew id-dħul annwali tal-persuna fiżika responsabbli;

(d) l-importanza ta' xi profitti miksuba jew telf evitat mill-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli, sakemm dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(e) kull telf imġarrab minn terzi kaġun tal-ksur, inkwantu dawn ikunu jistgħu jiġu stabbiliti;

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew l-entità ġuridika responsabbli quddiem l-awtorità kompetenti;

(g) kull ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew entità ġuridika responsabbli;

(h) l-impatt tal-ksur fuq l-interessi tal-investitur bl-imnut;

(i) miżuri li jittieħdu wara l-ksur mill-persuna responsabbli għall-ksur biex jipprevjenu ir-ripetizzjoni tiegħu:

Iżda dan l-artikolu ma għandux japplika għal penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi imposti skont l-artikolu 39ĊA.

Avviż dwar pieni amministrattivi. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: LXXI.2021.13.*

39F. (1) Jekk l-awtorità kompetenti tipproponi li timponi xi piena amministrattiva fuq xi persuna taħt kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, hija għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub li għandha l-intenzjoni li tagħmel dan, filwaqt li telenka r-raġunijiet għad-deċiżjoni li tkun qiegħda tipproponi li tieħu.

(2) Kull avviż li jingħata taħt is-subartikolu (1), għandu jispeċifika li r-riċevitur tal-avviż jista', fi żmien ħmistax-il (15) jum minn meta jingħata s-servizz, iressaq rappreżentazzjonijiet bil-miktub lill-awtorità kompetenti fejn jagħti r-raġunijiet tiegħu għaliex ma għandhiex tittieħed id-deċiżjoni proposta, u l-awtorità kompetenti għandha tqis kull tali rappreżentazzjoni qabel ma tasal għal deċiżjoni finali.

(3) L-awtorità kompetenti għandha malajr kemm jista' jkun prattikabbli tavża d-deċiżjoni finali tagħha bil-miktub lil kull persuna li għandu jingħatalha avviż taħt is-subartikolu (1).

Avviż ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri relatati ma' bonds koperti.

39FA. (1) Jekk l-awtorità kompetenti tipproponi li timponi xi penali amministrattiva jew xi miżura amministrattiva oħra fuq persuna skont l-artikolu 39ĊA, hija għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub li tkun beħsiebha tagħmel dan, li fih tistabbilixxi r-raġunijiet dwar id-deċiżjoni li tkun qiegħda tipproponi li tieħu u tispeċifika żmien li jkun żmien ta' mhux inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa u mhux iżjed minn tletin (30) jum tal-kalendarju, li matulhom ir-riċevitur tal-avviż jista' jressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu bil-miktub quddiem l-awtorità kompetenti u fihom jagħti r-raġunijiet kontra t-teħid ta' dik id-deċiżjoni proposta, u l-awtorità kompetenti għandha tqis ir-rappreżentazzjonijiet li jsiru b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali:

Iżda l-awtorità kompetenti ma tkunx meħtieġa tavża li tkun beħsiebha timponi xi miżura amministrattiva li ma tkunx penali amministrattiva meta jkun meħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti biex tipprevjeni telf sinifikanti lil partijiet terzi jew ħsara sinifikanti fis-sistema finanzjarja:

Iżda wkoll, meta l-awtorità kompetenti ma tavżax li tkun beħsiebha timponi xi miżura amministrattiva skont dan is-subartikolu, il-persuna involuta għandha, kemm jista' jkun malajr wara li tiġi adottata l-miżura amministrattiva, tingħata l-opportunità li tressaq ir-rappreżentazzjonijiet tagħha bil-miktub quddiem l-awtorità kompetenti u fihom tagħti r-raġunijiet kontra t-teħid ta' dik id-deċiżjoni u, meta jkun meħtieġ, dik il-miżura għandha tiġi riveduta.

(2) L-awtorità kompetenti għandha malli jkun prattikabbli tavża bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub lil kull min tkun ġiet imposta penali amministrattiva jew miżura amministrattiva fuqu skont l-artikolu 39ĊA. Deċiżjonijiet bħal dawk għandhom ikunu motivati kif suppost.

Avviż ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri relatati ma' bonds koperti. *Miżjud: IX.2023.16.*

39FA. (1) Jekk l-awtorità kompetenti tipproponi li timponi xi penali amministrattiva jew xi miżura amministrattiva oħra fuq persuna skont l-artikolu 39ĊA, hija għandha tagħti lil dik il-persuna avviż bil-miktub li tkun beħsiebha tagħmel dan, li fih tistabbilixxi r-raġunijiet dwar id-deċiżjoni li tkun qiegħda tipproponi li tieħu u tispeċifika żmien li jkun żmien ta' mhux inqas minn tmienja u erbgħin (48) siegħa u mhux iżjed minn tletin (30) jum tal-kalendarju, li matulhom ir-

riċevitur tal-avviż jista' jressaq ir-rappreżentazzjonijiet tiegħu bil-miktub quddiem l-awtorità kompetenti u fihom jagħti r-raġunijiet kontra t-teħid ta' dik id-deċiżjoni proposta, u l-awtorità kompetenti għandha tqis ir-rappreżentazzjonijiet li jsiru b'dan il-mod qabel ma tasal għal deċiżjoni finali:

Iżda l-awtorità kompetenti ma tkunx meħtieġa tavża li tkun beħsiebha timponi xi miżura amministrattiva li ma tkunx penali amministrattiva meta jkun meħtieġ li tittieħed azzjoni urġenti biex tipprevjeni telf sinifikanti lil partijiet terzi jew ħsara sinifikanti fis-sistema finanzjarja:

Iżda wkoll, meta l-awtorità kompetenti ma tavżax li tkun beħsiebha timponi xi miżura amministrattiva skont dan is-subartikolu, il-persuna involuta għandha, kemm jista' jkun malajr wara li tiġi adottata l-miżura amministrattiva, tingħata l-opportunità li tressaq ir-rappreżentazzjonijiet tagħha bil-miktub quddiem l-awtorità kompetenti u fihom tagħti r-raġunijiet kontra t-teħid ta' dik id-deċiżjoni u, meta jkun meħtieġ, dik il-miżura għandha tiġi riveduta.

(2) L-awtorità kompetenti għandha malli jkun prattikabbli tavża bid-deċiżjoni tagħha bil-miktub lil kull min tkun ġiet imposta penali amministrattiva jew miżura amministrattiva fuqu skont l-artikolu 39ĊA. Deċiżjonijiet bħal dawk għandhom ikunu motivati kif suppost.

Il-pubblikazzjoni ta' deċiżjonijiet. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: IX.2023.17; XI.2025.17.*

39G. (1) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika kull deċiżjoni li timponi piena amministrattiva jew kwalunkwe miżura amministrattiva oħra fuq is-sit elettroniku tagħha minnufih wara li l-persuna soġġetta għal dik id-deċiżjoni tkun ġiet mgħarrfa b'dik id-deċiżjoni.

(2) L-informazzjoni pubblikata b'mod konformi mas-subartikolu (1), għandha tispeċifika t-tip u n-natura tal-ksur, l-identità tal-persuna soġġetta għad-deċiżjoni u kull informazzjoni oħra li l-awtorità kompetenti tqis rilevanti.

(3) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx japplikaw għal deċiżjonijiet tal-awtorità kompetenti meta din timponi miżuri li jkunu ta' natura investigattiva.

(4) Meta l-awtorità kompetenti tqis, wara valutazzjoni ta' kull każ għalih, li l-pubblikazzjoni tal-identità tal-persuna ġuridika soġġetta għad-deċiżjoni, jew l-informazzjoni personali ta' persuna fiżika, ikunu sproporzjonati, jew meta tali pubblikazzjoni tkun se tipperikola xi investigazzjoni pendenti jew l-istabilità tas-swieq finanzjarji, l-awtorità kompetenti:

(a) għandha ddewwem il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni sakemm ir-raġunijiet għal dak l-aġġornament ma jibqgħux jeżistu; jew

(b) għandha tippubblika d-deċiżjoni fuq bażi anonima fejn

dik il-pubblikazzjoni tiżgura protezzjoni effettiva tal-informazzjoni personali involuta u, fejn xieraq, tipposponi l-pubblikazzjoni tal-informazzjoni rilevanti għal perjodu ta' żmien raġonevoli meta jkun prevedibbli li r-raġunijiet għal pubblikazzjoni anonima ma jibqgħux jeżistu matul dak il-perjodu; jew

(ċ) ma għandhiex tippubblika d-deċiżjoni jekk l-awtorità kompetenti tkun tal-fehma li l-pubblikazzjoni skont il-paragrafi (a) jew (b) ma tkunx biżżejjed biex tiżgura:

(i) li l-istabilità tas-swieq finanzjarji ma tkunx preġudikata; jew

(ii) il-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni ta' tali deċiżjonijiet dwar miżuri li jitqiesu għandhom inċidenza minuri.

(5) Meta jsir appell minn deċiżjoni quddiem xi awtorità nazzjonali ġudizzjarja, amministrattiva jew ta' xort'oħra, l-awtorità kompetenti għandha minnufih tippubblika wkoll fuq is-sit elettroniku tagħha dik l-informazzjoni u kull informazzjoni sussegwenti fuq l-eżitu ta' dak l-appell. Għandha tiġi ppubblikata wkoll kwalunkwe deċiżjoni li tannulla deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li timponi penali amministrattiva jew kwalunkwe miżura amministrattiva oħra.

(6) Kull deċiżjoni li tiġi ppubblikata skont dan l-artikolu għandha tibqa' aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames (5) snin wara li din tiġi ppubblikata;

Iżda l-informazzjoni personali li tkun tinsab f'kull tali deċiżjoni għandha tinżamm fuq is-sit elettroniku tal-awtorità kompetenti għal dak il-perjodu meħtieġ, skont il-liġijiet applikabbli dwar il-ħarsien tad-*data*.

(7) Dan l-artikolu ma għandux japplika għal penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi imposti skont l-artikolu 39ĊA.

Pubblikazzjoni ta' penalitajiet amministrattivi u miżuri amministrattivi relatati ma' bonds koperti.
Miżjud: IX.2023.18.

39GA. (1) L-awtorità kompetenti għandha tippubblika deċiżjoni li tkun timponi penali amministrattiva jew xi miżura amministrattiva oħra skont l-artikolu 39ĊA fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha mingħajr l-ebda dewmien wara li l-persuna li tiġi imposta fuqha l-penali amministrattiva jew il-miżura amministrattiva tkun ġiet mgħarrfa b'dik id-deċiżjoni kif ukoll bil-pubblikazzjoni tagħha fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-awtorità kompetenti.

(2) It-tagħrif pubblikat skont is-subartikolu (1) għandu jkun jinkludi tagħrif dwar it-tip u x-xorta tal-ksur u l-identità tal-persuna fiżika jew ġuridika li fuqha tkun ġiet imposta l-penali amministrattiva jew il-miżura amministrattiva.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) u (2), id-

deċiżjonijiet li jimponu xi penali amministrattiva jew xi miżura amministrattiva oħra skont l-artikolu 39ĊA għandhom, fi kwalunkwe ċirkostanza minn dawn li ġejjin, jiġu pubblikati fuq bażi anonima u f'konformità mal-liġi ta' Malta:

(a) meta l-penali amministrattiva jew il-miżura amministrattiva jiġu imposti fuq persuna fiżika u l-pubblikazzjoni ta' data personali tirriżulta li tkun waħda sproporzjonata;

(b) meta l-pubblikazzjoni tipperikola l-istabbiltà tas-swieq finanzjarji jew xi investigazzjoni kriminali li tkun għaddejja;

(ċ) meta pubblikazzjoni tikkaġuna, sakemm tkun tista' tiġi determinata, ħsara sproporzjonata lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jew lill-persuni fiżiċi involuti:

Iżda f'każijiet bħal dawk il-pubblikazzjoni tad-data rilevanti tista' tiġi posposta.

(4) Meta d-deċiżjoni li tiġi imposta xi penali amministrattiva jew miżura amministrattiva oħra tkun soġġetta għal appell quddiem xi awtorità ġudizzjarja nazzjonali, amministrattiva jew oħra, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr l-ebda dewmien, tippubblika wkoll fuq is-sit elettroniku uffiċjali tagħha tagħrif fuq l-istat tal-appell u fuq l-eżitu tiegħu. Għandhom jiġu pubblikati wkoll deċiżjonijiet li jannullaw deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li jkunu jimponu penali amministrattiva jew xi miżura amministrattiva oħra.

(5) Kull deċiżjoni li tiġi pubblikata f'konformità ma' dan l-artikolu għandha tibqa' tidher fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-awtorità kompetenti għal perjodu ta' mill-inqas ħames (5) snin mid-data meta tiġi pubblikata:

Iżda d-data personali li tkun tinsab f'xi deċiżjoni bħal dik għandha biss tinżamm fuq is-sit elettroniku uffiċjali tal-awtorità kompetenti għall-perjodu meħtieġ f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Dak il-perjodu ta' żamma għandu jiġi determinat filwaqt li jitqiesu l-perjodi ta' limitazzjoni li hemm provdut dwarhom taħt il-liġi ta' Malta, imma fl-ebda każ ma għandhom ikunu iżjed minn għaxar (10) snin.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-EBA bil-penalitajiet amministrattivi u l-miżuri amministrattivi l-oħra imposti skont l-artikolu 39ĊA, kif ukoll, meta jkun rilevanti, l-appelli li jsiru fir-rigward tagħhom u l-eżitu tagħhom.

(7) L-awtorità kompetenti għandha, minn żmien għal żmien, tikkuntattja l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija biex tikseb tagħrif dwar dawk il-pieni kriminali li jkunu

setgħu ġew imposti għal xi ksur tad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima IV *bis* jew ta' xi regolamenti jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha. Il-Kummissarju tal-Pulizija u, jew l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, skont kif applikabbli, għandhom jikkooperaw u jipprovdu r-risposta tagħhom lill-awtorità kompetenti kemm jista' jkun malajr, biex hekk jipprovdu tagħrif u dettalji dwar il-ġudizzju finali skont ma jkun meħtieġ u, meta jkun rilevanti, għandhom jibagħtu lill-awtorità kompetenti kopja tal-ġudizzju finali relatat ma' dawk il-pieni kriminali li jkunu ġew imposti. L-awtorità kompetenti għandha tippreżenta dak it-tagħrif u dawk id-dettalji u, meta jkun rilevanti, kopji rilevanti tal-ġudizzji finali, lill-EBA.

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 41A.

Is-sospensjoni u t-tneħħija ta' strumenti finanzjarji mill-elenku min-negozjar f'suq regolat awtorizzat. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: IX.2023.19.*

39H. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra lilha mogħtija b'dan l-Att, jew b'kull liġi oħra, l-awtorità kompetenti tista':

(a) tissospendi, jew teħtieġ is-sospensjoni mill-elenku, ta' strumenti finanzjarji fl-elenku u, jew negozjar f'suq regolat awtorizzat għal żmien ta' mhux iżjed minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol konsekuttivi, f'kull okkażjoni waħda; u

(b) tneħħi, jew teħtieġ li jitneħħew mill-elenku strumenti finanzjarji fl-elenku u, jew negozjar f'suq regolat awtorizzat:

Iżda meta l-awtorità kompetenti tissospendi jew tneħħi, jew teħtieġ is-sospensjoni jew it-tneħħija, mill-elenku u, jew negozjar ta' xi strument finanzjarju fl-elenku skont dan is-subartikolu, hija għandha tissospendi jew tneħħi wkoll, jew teħtieġ is-sospensjoni jew tneħħija mill-elenku u, jew negozjar fuq dak is-suq regolat awtorizzat, id-derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I mal-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju fl-elenku meta s-sospensjoni jew it-tneħħija ta' dawk id-derivati tkun meħtieġa biex issostni l-għanijiet tas-sospensjoni jew tat-tneħħija tal-istrument finanzjarju fl-elenku sottostanti:

Iżda wkoll meta l-awtorità kompetenti tissospendi jew teħtieġ is-sospensjoni mill-elenku u, jew negozjar ta' xi strument finanzjarju fl-elenku skont dan is-subartikolu, l-obbligi stipulati f'dan l-Att, u kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu dwar strumenti finanzjarji fl-elenku għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-istrument finanzjarju fl-elenku li kien sospiż.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), operatur fis-suq li jkun qed jopera f'suq regolat awtorizzat jista' jissospendi jew ineħħi strumenti finanzjarji fl-elenku min-negozjar fuq is-suq regolat awtorizzat hekk operat, jekk dawk l-istrumenti finanzjarji fl-elenku ma jibqgħux jikkonformaw ma' kull *bye-law* tas-suq regolat awtorizzat,

sakemm tali sospensjoni jew tneħħija x'aktarx tikkaġuna ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew l-operat ordnat tas-suq.

(3) L-operatur fis-suq ta' suq regolat awtorizzat li jissospendi jew ineħħi min-negozjar xi strument finanzjarju fl-elenku skont is-subartikolu (2) għandu wkoll jissospendi jew ineħħi min-negozjar fuq dak is-suq regolat awtorizzat id-derivati kif msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I mal-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju fl-elenku meta s-sospensjoni jew it-tneħħija ta' dawk id-derivati tkun meħtieġa biex issostni l-għanijiet tas-sospensjoni jew tat-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti.

(4) Meta operatur fis-suq li jkun qed jopera suq regolat awtorizzat jissospendi jew ineħħi strumenti finanzjarji u xi derivati relatati skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3), dak l-operatur fis-suq għandu minnufih jippubblika d-deċiżjoni tiegħu u javża lill-awtorità kompetenti tiegħu, kif ukoll jipprovdiha b'kull informazzjoni rilevanti li jkollha x'taqsam ma' dan.

(5) Meta operatur fis-suq li jkun qed jopera suq regolat awtorizzat jissospendi jew ineħħi min-negozjar fuq dak is-suq regolat awtorizzat strument finanzjarju fl-elenku u xi derivati relatati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ swieq regolati awtorizzati oħra, lil MTF, lil OTF u l-internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I mal-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju fl-elenku hekk sospiż jew imneħħi, li ukoll jissospendu jew ineħħu dak l-istrument finanzjarju fl-elenku jew derivati min-negozjar, meta s-sospensjoni jew it-tneħħija tkun dovuta għal xi abbuż suspettat fis-suq, offerta ta' *takeover,* jew in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni interna dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jiksru l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, ħlief meta tali sospensjoni jew tneħħija jistgħu jikkaġunaw ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew l-operat ordnat tas-suq:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tippubblika minnufih u tikkomunika dik id-deċiżjoni lil ESMA u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej tal-Istati Membri l-oħra jew tal-Istati ŻEE.

(6) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi notifikazzjoni minn xi awtorità regolatorja Ewropea ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 32(2) tal-MiFID, hija għandha teħtieġ lis-swieq regolati awtorizzati oħra, lill-MTF, lill-OTF u l-internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha, u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew id-derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I mal-MiFID li jirrelataw, jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju sospiż jew imneħħi mis-suq regolat barrani, li wkoll jissospendu jew ineħħu dak

l-istrument finanzjarju jew id-derivati min-negozjar, meta s-sospensjoni jew it-tneħħija tkun dovuta għal xi abbuż suspettat fis-suq, offerta ta' *takeover,* jew nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni interna dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jikser l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, ħlief meta tali sospensjoni jew tneħħija jistgħu jikkaġunaw ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-operat ordnat tas-suq:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lil ESMA u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej tal-Istati Membri l-oħra jew l-Istati ŻEE, inkluża spjegazzjoni jekk id-deċiżjoni kienet li ma ssirx is-sospensjoni jew it-tneħħija min-negozjar tal-istrument finanzjarju jew id-derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju sospiż jew imneħħi mis-suq regolat barrani.

(7) Is-subartikoli (2) sa (6) għandhom japplikaw ukoll meta titneħħa s-sospensjoni min-negozjar ta' strument finanzjarju jew xi derivati relatati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dawk l-istrumenti finanzjarji sospiżi mis-suq regolat.

(8) Ir-rekwiżiti ta' notifikazzjoni stipulati fis-subartikoli (2) sa (6) għandhom japplikaw ukoll fil-każ meta d-deċiżjoni ta' sospensjoni jew it-tneħħija min-negozjar ta' xi strument finanzjarju fl-elenku jew xi derivati relatati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju fl-elenku, tittieħed mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

Is-sospensjoni u t-tneħħija ta' strumenti finanzjarji min-negozjar f'xi MTF jew OTF. *Miżjud: XLVI.2021.48. Emendat: IX.2023.20.*

39I. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa oħra lilha mogħtija b'dan l-Att jew kull liġi oħra, l-awtorità kompetenti tista':

(a) tissospendi, jew teħtieġ is-sospensjoni ta' strumenti finanzjarji min-negozjar f'xi MTF jew OTF għal żmien ta' mhux iżjed minn għaxart (10) ijiem tax-xogħol konsekuttivi, f'kull okkażjoni waħda: u

(b) tneħħi, jew teħtieġ it-tneħħija ta' strumenti finanzjarji minn negozjar f'xi MTF jew OTF:

Iżda meta l-awtorità kompetenti tissospendi jew tneħħi, jew teħtieġ is-sospensjoni jew it-tneħħija, min-negozjar ta' xi strument finanzjarju skont dan is-subartikolu, hija għandha wkoll tissospendi jew tneħħi, jew teħtieġ is-sospensjoni jew it-tneħħija, min-negozjar ta' dak l-MTF jew l-OTF, id-derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju meta s-sospensjoni jew it-tneħħija ta' dawk id-derivati tkun meħtieġa biex issostni l-għanijiet tas-sospensjoni jew tat-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti:

Iżda wkoll meta l-awtorità kompetenti tissospendi jew teħtieġ is-sospensjoni min-negozjar ta' xi strument finanzjarju skont dan is-subartikolu, l-obbligi stipulati f'dan l-Att, u kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtu dwar strumenti finanzjarji għandhom jibqgħu japplikaw fir-rigward tal-istrument finanzjarju li kien sospiż.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), operatur fis-suq jew kumpannija tal-investiment li jkunu qegħdin joperaw MTF jew OTF jistgħu jissospendu jew ineħħu strumenti finanzjarji min-negozjar f'xi MTF jew OTF hekk operat, jekk dawk l-istrumenti finanzjarji ma jibqgħux jikkonformaw mal-*bye-laws* tal-MTF jew l-OTF, sakemm tali sospensjoni jew tneħħija x'aktarx tikkaġuna ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-operat ordnat tas-suq.

(3) Operatur fis-suq jew ditta tal-investiment li jkunu qegħdin joperaw MTF jew OTF li jissospendu jew ineħħu min-negozjar ta' xi strument finanzjarju skont is-subartikolu (2) għandhom ukoll jissospendu jew ineħħu min-negozjar f'dak l-MTF jew l-OTF id-derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju meta s-sospensjoni jew tneħħija ta' dawk id-derivati tkun meħtieġa biex issostni l-għanijiet tas-sospensjoni jew tat-tneħħija tal-istrument finanzjarju sottostanti.

(4) Meta operatur fis-suq jew ditta tal-investiment li jkunu qegħdin joperaw MTF jew OTF jissospendu jew ineħħu strumenti finanzjarji u xi derivati relatati skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3), dak l-operatur fis-suq għandu jippubblika d-deċiżjoni tiegħu minnufih u javża lill-awtorità kompetenti dwar dan, kif ukoll jipprovdiha b'kull informazzjoni rilevanti li jkollha x'taqsam ma' dan.

(5) Meta operatur fis-suq jew ditta tal-investiment li jkunu qegħdin joperaw l-MTF jew l-OTF jissospendu jew ineħħu min-negozjar f'dak l-MTF jew l-OTF, xi strument finanzjarju u xi derivati relatati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti għandha teħtieġ swieq regolati awtorizzati oħra, l-MTF, l-OTF u l-internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew id-derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw, jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju hekk sospiż jew imneħħi, li dawn ukoll jissospendu jew ineħħu dak l-istrument finanzjarju jew id-derivati min-negozjar, meta s-sospensjoni jew it-tneħħija tkun dovuta għal xi abbuż suspettat fis-suq, offerta ta' *takeover* jew in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni interna dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jikser l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, ħlief meta tali sospensjoni jew it-tneħħija jistgħu jikkaġunaw ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-operat ordnat tas-suq:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tippubblika dik id-deċiżjoni minnufih u tikkomunikaha lill-ESMA u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej tal-Istati Membri l-oħra jew tal-Istati ŻEE.

(6) Meta l-awtorità kompetenti tirċievi notifikazzjoni minn xi awtorità regolatorja Ewropea ta' xi Stat Membru ieħor jew Stat ŻEE skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 32(2) tal-MiFID, hija għandha teħtieġ lis-swieq regolati awtorizzati oħra, l-MTF, l-OTF u l-internalizzaturi sistematiċi, li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tagħha u jinnegozjaw l-istess strument finanzjarju jew derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju sospiż jew imneħħi mill-MTF jew l-OTF barrani, li dawn ukoll jissospendu jew ineħħu dak l-istrument finanzjarju jew derivati min-negozjar, meta s-sospensjoni jew it-tneħħija tkun dovuta għal xi abbuż suspettat fis-suq, offerta ta' *takeover* jew in-nuqqas ta' żvelar ta' informazzjoni interna dwar l-emittent jew l-istrument finanzjarju li jikser l-Artikoli 7 u 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, ħlief meta tali sospensjoni jew tneħħija jistgħu jikkaġunaw ħsara sinifikanti lill-interessi tal-investituri jew lill-operat ordnat tas-suq:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lill-ESMA u lill-awtoritajiet regolatorji Ewropej tal-Istati Membri l-oħra jew lill-Istati ŻEE, inkluża spjegazzjoni jekk id-deċiżjoni kienet li ma ssir l-ebda sospensjoni jew tneħħija min-negozjar tal-istrument finanzjarju jew derivati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju sospiż jew imneħħi mill-MTF jew l-OTF barrani.

(7) Is-subartikoli (2) sa (6) għandhom japplikaw ukoll meta titneħħa s-sospensjoni min-negozjar ta' strument finanzjarju u xi derivati relatati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dawk l-istrumenti finanzjarji sospiżi mill-MTF jew l-OTF.

(8) Ir-rekwiżiti ta' notifikazzjoni stipulati fis-subartikoli (2) sa (6) għandhom japplikaw ukoll fil-każ meta d-deċiżjoni ta' sospensjoni jew it-tneħħija min-negozjar ta' xi strument finanzjarju u xi derivati relatati msemmija fil-punti (4) sa (10) tas-Sezzjoni Ċ tal-Anness I għall-MiFID li jirrelataw jew għandhom referenza għal dak l-istrument finanzjarju, tittieħed mill-awtorità kompetenti skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

L-avviż ta' sospensjoni jew it-tneħħija ta' strumenti finanzjarji fl-elenku. *Miżjud: XLVI.2021.48.*

39J. (1) Meta l-awtorità kompetenti tipproponi li tneħħi jew teħtieġ it-tneħħija ta' strument finanzjarju fl-elenku mill-elenku f'suq regolat awtorizzat, din għandha tagħti lill-emittent ta' tali strument finanzjarju avviż bil-miktub dwar dan.

(2) L-avviż li jingħata skont is-subartikolu (1) għandu:

(a) jipprovdi dettalji dwar it-tneħħija proposta tal-istrument finanzjarju fl-elenku mill-elenku f'suq regolat awtorizzat;

(b) jiddikjara r-raġuni tal-awtorità kompetenti għat-tneħħija proposta ta' dak l-istrument finanzjarju fl-elenku mill-elenku f'suq regolat awtorizzat, sakemm l-interess ta' suq regolat awtorizzat, tal-pubbliku ġenerali jew tal-investituri jikkostitwixxi raġuni suffiċjenti għal dan;

(ċ) jgħarraf lill-emittent ta' tali strument finanzjarju fl-elenku li huwa jista' jressaq rappreżentazzjonijiet quddiem l-awtorità kompetenti f'dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fl-avviż; u

(d) jispeċifika l-perjodu li fih tkun se sseħħ it-tneħħija proposta ta' tali strument finanzjarju fl-elenku mill-elenku f'suq regolat awtorizzat.

(3) L-awtorità kompetenti tista' ttawwal il-perjodu li fih ikunu jistgħu jsirulha rappreżentazzjonijiet.

(4) Jekk, wara li tkun qieset ir-rappreżentazzjonijiet li jkunu sarulha mill-emittent tal-istrumenti finanzjarji fl-elenku, l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tneħħi strument finanzjarju fl-elenku mill-elenku f'suq regolat awtorizzat, l-awtorità kompetenti għandha tagħti lill-emittent ta' tali strument finanzjarju fl-elenku, avviż bil-miktub dwar id-deċiżjoni tagħha.

(5) It-tneħħija ta' strument finanzjarju fl-elenku mill-elenku f'suq regolat awtorizzat għandu jkollu effett mid-data li tista' tiġi speċifikata fl-avviż taħt is-subartikolu (4).

Is-setgħa li toħroġ direttivi.
Miżjud: XLVI.2021.48.

39K. (1) Mingħajr preġudizzju għal kull setgħa mogħtija lilha taħt dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista', kull meta tqis li jkun hekk meħtieġ, tagħti b'avviż bil-miktub, dawk id-direttivi li tista' tqis li jkunu xierqa fiċ-ċirkostanzi; u kull persuna li jingħatalha l-avviż għandha tobdi, tikkonforma u xort'oħra tagħti effett lil dik id-direttiva fiż-żmien u bil-mod imsemmi fid-direttiva jew f'direttivi sussegwenti.

(2) Is-setgħa li toħroġ direttivi taħt dan l-artikolu tinkludi wkoll is-setgħa li tvarja, tibdel, iżżid ma' jew tirtira xi direttiva, kif ukoll is-setgħa li toħroġ direttivi ġodda sussegwenti.

(3) Meta l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li ċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu, din tista' f'kull żmien tippubblika kull direttiva li tkun ħarġet taħt xi dispożizzjoni ta' dan l-artikolu.

Ħatra ta' amministratur speċjali. Kap. 371. *Miżjud: IX.2023.21.*

L.S. 330.09.

39L. (1) Fil-każ tal-insolvenza jew riżoluzzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ bonds koperti, li jkollha liċenzja skont l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju, jew meta jiġi determinat li istituzzjoni ta' kreditu bħal dik tkun qiegħda tfalli jew x'aktarx li tfalli skont ir-regolament 32(1) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni jew, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta l-awtorità kompetenti tiddetermina li l-funzjonament xieraq ta' dik l-istituzzjoni ta' kreditu jkun f'riskju serju, l-awtorità kompetenti tista' taħtar amministratur speċjali biex tiżgura li l-jeddijiet u l-interessi tal-investituri fil-bonds koperti jiġu preservati, mill-inqas ukoll billi tiġi verifikata l-ġestjoni kontinwa u soda tal-programm ta' bonds koperti matul il-perjodu tal-proċess ta' riżoluzzjoni:

Iżda, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe setgħa oħra mogħtija lill-awtorità kompetenti taħt dan l-Att jew kwalunkwe liġi applikabbli oħra, l-awtorità kompetenti għandu jkollha s-setgħa li tordna lill-istituzzjoni ta' kreditu tħallas ir-remunerazzjoni dovuta lill-amministratur speċjali, inklużi l-ispejjeż kollha li setgħu saru minn tali amministratur speċjali.

(2) L-awtorità kompetenti għandha toħroġ Regoli dwar Bonds Koperti li jkunu jistipulaw il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-amministratur speċjali mill-inqas f'dak li jirrigwarda:

(a) il-kwittanza tal-obbligazzjonijiet marbuta mal-bonds koperti;

(b) il-ġestjoni u realizzazzjoni ta' assi ta' kopertura, inkluż it-trasferiment tagħhom flimkien mal-obbligazzjonijiet ta' bond kopert lil istituzzjoni ta' kreditu oħra li toħroġ bonds koperti;

(ċ) it-tranżazzjonijiet legali meħtieġa għall-amministrazzjoni xierqa tal-aggregazzjoni ta' kopertura, għall-monitoraġġ kontinwu ta' kopertura ta' obbligazzjonijiet marbuta mal-bonds koperti, biex jingħata bidu għall-proċedimenti sabiex jerġgħu jiddaħħlu lura assi fl-aggregazzjoni ta' kopertura u għat-trasferiment tal-assi li jifdal għall-patrimonju tal-insolvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu li tkun ħarġet il-bonds koperti wara li jiġu sodisfatti l-obbligazzjonijiet kollha ta' bond kopert:

Iżda għall-finijiet ta' paragrafu (ċ), l-amministratur speċjali għandu jiġi permess li jopera, fil-każ tal-insolvenza tal-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ il-bonds koperti taħt l-awtorizzazzjoni miżmuma minn dik l-istituzzjoni ta' kreditu, bla ħsara għall-istess rekwiżiti operattivi.

(3) L-awtorità kompetenti, l-amministratur speċjali maħtur skont is-subartikolu (1) u l-Kumitat ta' Riżoluzzjoni għandhom, għall-finijiet tal-insolvenza jew proċess ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni ta'

kreditu li toħroġ bonds koperti, jikkoordinaw u jiskambjaw tagħrif bejniethom.

Reati.
Miżjud: XVII. 2002.128. Emendat: XX. 2007.14, 47; IX.2023.22.

40. (1) Kull persuna li tikser jew tonqos li tħares xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 32 jew xi ordni tal-qorti magħmul taħt l-artikolu 39 jew li tonqos li tħares xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, ordni, direttiva, Regola ta' Suq Finanzjarju, Regola dwar is-Swieq Kapitali jew Regola dwar Bonds Koperti jew regolamenti magħmula, li jkun hemm provdut dwarhom jew mogħtija taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

(2) Persuna li xjentement jew bi traskuraġni tagħti lill-awtorità kompetenti, lil xi persuna maħtura minnha taħt l-artikolu 32(1)(*ċ*) jew lil xi spettur maħtur taħt l-artikolu 33, informazzjoni li tkun falza jew qarrieqa tkun ħatja ta' reat.

(3) Persuna li tneħħi, tiddistruġġi, tikxef jew b'qerq tibdel xi ktieb, dokument jew karta oħra, inkluża informazzjoni li tinħażen f'format elettroniku, li jkunu jew x'aktarx ikunu rilevanti għal talba għal informazzjoni jew dokumentazzjoni jew ispezzjon jew investigazzjoni skont dan l-Att, tkun ħatja ta' reat.

(4) Kull persuna li tfixkel persuna milli teżerċita drittijiet mogħtija b'dan l-Att, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att.

Proċedimenti kriminali.
Miżjud: XVII. 2002.128. Emendat: A.L. 424 tal-2007; X. 2011.20.

41. (1) Persuna misjuba ħatja ta' reat taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 40 tista' teħel, meta tinsab ħatja, erba' mija sitta u sittin elf euro (€466,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Ma jinbdew ebda proċedimenti għal reat taħt dan l-Att mingħajr il-kunsens tal-Avukat Ġenerali.

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att ma għandhomx jolqtu xi proċedimenti kriminali li jistgħu jittieħdu taħt xi liġi oħra.

Ħruġ ta' dikjarazzjoni pubblika.
Miżjud: XX. 20007.48. Emendat: XIX. 2016.12; XLVI.2021.49.

41A. Jekk l-awtorità kompetenti jkun jidhrilha li persuna tkun kisret xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-Att jew li tkun kisret jew naqset milli tikkonforma ruħha ma' xi kondizzjoni, obbligu, ħtieġa, Regoli ta' Swieq Finanzjarji, Regoli tas-Swieq Kapitali jew direttivi magħmulin jew mogħtijin taħt xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-awtorità kompetenti tista' tippubblika dikjarazzjoni li tkun tgħid dan u li tindika l-persuna fiżika jew l-entità legali responsabbli u x-xorta tal-ksur, u, jew timponi ordni li tenħtieġ lill-persuna fiżika jew lill-entità legali responsabbli biex itemmu l-imġiba li twassal għall-ksur u sabiex jieqfu milli jtennu dik il-kondotta.

Appell kontra deċiżjoni tal-Awtorità dwar l-Elenku.
Miżjud: XIX. 2016.13.

41B. (*Imħassar bl-Att XLVI.2021.50*).

TAQSIMA VI

Tribunal dwar Servizzi Finanzjarji

Regoli tas-Swieq Kapitali.
Sostitwit: XLVI.2021.51.
Emendat: IX.2023.23; XI.2025.18.

42. (1) Kull persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-awtorità kompetenti:

(a) li tiċħad prospett jew ammissibilità fl-elenku;

(b) li tiċħad milli tagħti approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti;

(ċ) li tiċħad applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li persuna tipprovdi s-servizzi ta' suq regolat f'Malta jew minn ġewwa Malta;

(d) li tissospendi jew tneħħi strumenti finanzjarji fl-elenku mill-elenku u, jew min-negozjar f'post tan-negozjar;

(e) li tiċħad applikazzjoni għal awtorizzazzjoni li persuna taġixxi bħala depożitorju ċentrali tat-titoli;

(f) li tirrevoka awtorizzazzjoni li persuna taġixxi bħala depożitorju ċentrali tat-titoli meta din tiġi revokata mill-awtorità kompetenti skont l-artikolu 27;

(g) dwar kwalunkwe spejjeż u dawk inċidentali dwar l-investigazzjoni taħt l-artikolu 33;

(h) li toħroġ xi direttiva;

(i) li timponi piena amministrattiva jew xi miżuri amministrattivi oħra;

(j) li tirtira approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti;

(k) li tirrifjuta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sponsor; jew

(l) li tħassar jew tissospendi r-reġistrazzjoni ta' sponsor,

tista' tappella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal f'dak il-perjodu u taħt dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

(2) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), kwalunkwe persuna li tħoss ruħha aggravata bin-nuqqas tal-awtorità kompetenti milli tieħu deċiżjoni dwar:

(a) xi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' prospett jew talba għal bidliet jew informazzjoni supplimentari fit-termini stipulati fl-Artikolu 20(2), (3) u (6) tar-Regolament tal-Prospett dwar dik l-applikazzjoni;

(b) xi applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni li taġixxi bħala depożitorju ċentrali tat-titoli li jkun fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt id-dispożizzjonijiet li jkunu fis-seħħ fi żmien sitt (6) xhur minn meta ressaq l-applikazzjoni tagħha; jew

(ċ) xi applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' programm ta' bonds koperti,

tista' tappella minn dak in-nuqqas ta' deċiżjoni quddiem it-Tribunal f'dak il-perjodu u taħt dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti taħt l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Kap. 330.

(3) Kwalunkwe persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni ta' operatur fis-suq li jkun qed jopera suq regolat awtorizzat, MTF jew OTF li tissospendi jew tneħħi strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji fl-elenku, fejn applikabbli, min-negozjar fuq is-suq regolat awtorizzat, l-MTF jew l-OTF hekk operat, tista' tappella minn dik id-deċiżjoni quddiem it-Tribunal f'dak il-perjodu u taħt dawk il-kundizzjonijiet stabbiliti skont l-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (1) sa (3) għandhom ikunu bla preġudizzju għad-dritt ta' kull persuna li tħossha aggravata bid-deċiżjoni jew in-nuqqas ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti jew tal-operatur fis-suq ta' suq regolat awtorizzat li tappella minnhom skont kwalunkwe regolamenti maħruġa taħt dan l-Att.

L-operat ta' deċiżjoni. *Sostitwit; XLVI.2021.52. Emendat: IX.2023.24.*

43. L-appell fil-konfront ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti jew l-operatur fis-suq ta' suq regolat awtorizzat ma għandux jissospendi l-operat ta' dik id-deċiżjoni:

Iżda d-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti jew tal-operatur fis-suq li jkun qed jopera suq regolat awtorizzat li tneħħi strumenti finanzjarji fl-elenku mill-elenku u, jew negozjar, fejn applikabbli, f'suq regolat awtorizzat, jew deċiżjoni tal-awtorità kompetenti li tirtira approvazzjoni għal programm ta' bonds koperti, ma għandhomx ikunu operattivi qabel ma jiskadi l-perjodu li fih ikun jista' jsir appell taħt dan l-artikolu u, jekk f'dak il-perjodu jiġi ppreżentat appell, id-deċiżjoni ssir waħda operattiva fid-data tad-deċiżjoni tat-Tribunal li tiċħad l-appell jew fid-data meta jiġi ċedut l-appell.

Applikabilità tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta. *Miżjud: XVII. 2002.128. Sostitwit: XX. 2007.51. Emendat: XLVI.2021.53.* Kap. 330.

44. Bla ħsara għall-artikoli 42 u 43, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 21 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli li jistgħu jinġiebu quddiem it-Tribunal taħt dan l-artikolu.

TAQSIMA VII

Mixxellanji

Negozju barra mis-swieq regolati. *Miżjud: XVII. 2002.128. Emendat: IV. 2005.30. Sostitwit: XX. 2007.52. Emendat: XIX. 2016.14.*

45. (1) Strumenti finanzjarji kwotati jistgħu jiġu negozjati barra mis-suq regolat meta dawn ikunu kwotati, jew ammessi bħala Faċilità Kummerċjali Multilaterali jew ammessi għal xi Faċilità Kummerċjali Organizzata:

Iżda, għall-finijiet ta' dan is-subartikolu, il-kelma "ammessi" għandha tkun tfisser ammessi għall-elenkar wara proċess ta' ammissjoni approvat mill-Faċilità Kummerċjali Multilaterali jew mill-Faċilità Kummerċjali Organizzata, jew ammessi għall-elenkar u l-kummerċ wara proċess ta' ammissjoni approvat mill-Faċilità Kummerċjali Multilaterali jew mill-Faċilità Kummerċjali Organizzata.

(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti biex jistabbilixxi

kondizzjonijiet u proċeduri li taħthom strumenti finanzjarji kwotati jistgħu jiġu negozjati barra mis-swieq regolati meta dawk l-istrumenti finanzjarji kwotati jkunu elenkati u mhux permezz ta' faċilitajiet li jiġu provduti minn xi swieq regolati bħal dawk.

Trasferiment ta' strumenti finanzjarji. *Miżjud: XVII. 2002.128. Emendat: IV. 2005.30.*

46. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, it-trasferiment ta' strumenti finanzjarji kwotati f'kumpanniji kwotati ma għandhomx għalfejn isiru bi strument bil-miktub.

Is-setgħat tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni. Miżjud: *XLVI.2021.54. Emendat: IX.2023.25.* Kap. 330.

46A. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u kwalunkwe regolamenti jew Regoli tas-Swieq Kapitali jew Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħthom għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kumitat ta' Riżoluzzjoni taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, kwalunkwe regolamenti maħruġa taħtu u kull liġi oħra applikabbli.

Il-Kodiċi Ċivili. *Miżjud: XVII. 2002.128. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.53.* Kap. 16.

47. Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1966(3) u (4) tal-Kodiċi Ċivili ma japplikawx dwar strumenti finanzjarji kwotati u l-privileġġ imsemmi fit-Titolu XXI tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-imsemmi Kodiċi jinqala' meta l-pleġġ ikun reġistrat kif imiss ma' suq regolat skont il-*bye-laws*.

Sospensjoni temporanja ta' strumenti finanzjarji fl-elenku mill-elenku u, jew min-negozjar f'suq regolat awtorizzat. *Emendat: V. 1992.2. Sostitwit: XVII. 2002.129. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14; XLVI.2021.55.*

48. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39I, l-awtorità kompetenti jkollha s-setgħa li tissospendi temporanjament it-tqegħid fl-elenku u, jew in-negozjar ta' strumenti finanzjarji fl-elenku f'xi suq regolat awtorizzat, jekk fil-fehma tagħha, l-operazzjoni b'mod ordinat tan-negozju tkun qed tinżamm, jew x'aktarx tinżamm milli ssir minħabba f'xi:

(*a*) emerġenza jew diżastru naturali;

(*b*) kriżijiet ekonomiċi, finanzjarji jew politiċi; jew

(*ċ*) avveniment ieħor li jħarbat in-negozju.

(2) Il-Ministru jista' jirrakkomanda lill-awtorità kompetenti s-sospensjoni temporanja tat-tqegħid fl-elenku u, jew in-negozjar ta' strumenti finanzjarji fl-elenku f'xi suq regolat awtorizzat jekk ikun tal-fehma li l-operazzjoni b'mod ordinat tan-negozju ta' suq regolat tkun tista' titħarbat minħabba xi waħda mill-ġrajjiet imsemmija fis-subartikolu (1)(*a*), (*b*) jew (*ċ*) li fil-fehma tal-Ministru tagħti lok għal dik is-sospensjoni temporanja.

(3) L-awtorità kompetenti tista' tordna li għal dak iż-żmien li tista' tistabbilixxi, ebda negozju ta' ebda xorta ma jkun jista' jiġi operat f'xi titolu wieħed jew iktar speċifikati ta' kumpanniji kwotati jekk ikollha għaliex taħseb li jkun fl-aħjar interess tas-suq regolat, tal-pubbliku jew tal-investituri ġeneralment li jsir dan:

Iżda sospensjoni temporanja ordnata mill-awtorità kompetenti taħt dan l-artikolu ma tistax tkun għal aktar minn tletin jum f'perijodu ta' tliet xhur kemm-il darba l-Ministru ma japprovax sospensjoni itwal.

(4) Ebda operazzjoni ma tkun tista' titwettaq fil-waqt ta' xi sospensjoni temporanja ta' xi tqegħid fl-elenku u, jew negozjar taħt

dan l-artikolu. Kull operazzjoni li titwettaq b'dan il-mod bi ksur ta' dan is-subartikolu tkun invalida.

Setgħa għall-għemil ta' regolamenti. *Miżjud: XVII. 2002.130. Sostitwit: IV. 2003.22. Emendat: IV. 2005.30; XX. 2007.14, 54; XIX. 2010.26; XX. 2013.33; XXXI. 2017.42; XLVI.2021.56; LXXI.2021.14; XI.2025.19.*

49. (1) Il-Ministru, li jaġixxi fuq il-parir tal-awtorità kompetenti, jista' jagħmel regolamenti:

(*a*) sabiex jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, inklużi regolamenti għar-regolamentazzjoni aħjar ta' depożitarji ċentrali tat-titoli, provdituri ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-data, aġenziji li jiggradaw il-kreditu u swieq regolati u, jew l-ammissibbiltà għall-elenku ta' strumenti finanzjarji fihom u sabiex jipprovdu għal sħubija diretta jew indiretta ta', jew aċċess għal, swieq regolati fit-termini u skont obbligi internazzjonali ta' Malta;

(*b*) sabiex jirregolaw it-trasferiment tal-proprjetà u, jew il-kunsinna ta' strumenti finanzjarji kwotati fuq suq regolat, *clearing* u konklużjoni ta' operazzjonijiet imwettqa fuq suq regolat, ħlas għal trasferiment ta' strumenti finanzjarji kwotati fuq suq regolat, rahan ta' strumenti finanzjarji kwotati fuq suq regolat;

(*ċ*) sabiex jirregolaw l-applikazzjoni tal-artikolu 50 għal swieq regolati, u għal soċjetajiet kummerċjali barra minn kumpanniji;

(*ċa*) sabiex jirregolaw l-attivitajiet ta' sponsors maħtura fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-ammissibbiltà fl-elenku ta' titoli f'suq regolat lokali, inkluż il-ħatra u r-reġistrazzjoni ta' tali sponsors, it-tħassir jew is-sospensjoni ta' tali reġistrazzjoni u kwalunkwe rekwiżiti, restrizzjonijiet u kondizzjonijiet fir-rigward tal-istess, u sabiex tiġi regolata kwalunkwe ħaġa li hija inċidentali għal, jew konnessa ma' tali ħwejjeġ;

(*d*) sabiex jirregolaw it-traspożizzjoni, l-implimentazzjoni u jagħtu effett lid-dispożizzjonijiet, ħtiġiet, obbligi u rabtiet dwar ir-regolamentazzjoni ta' aġenziji li jiggradaw il-kreditu, provdituri ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-data, swieq regolati u, jew l-ammissibbiltà għall-elenku ta' strumenti finanzjarji fihom li jinqalgħu minn sħubija, affiljazzjoni jew relazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew reġjonali jew gruppi ta' pajjiżi jew taħt xi trattat, konvenzjoni jew ftehim internazzjonali ieħor sew jekk bilaterali, reġjonali jew multilaterali, li Malta tkun parti fih;

(*e*) sabiex jittrasponi, jimplimenta u jagħti seħħ lid-dispożizzjonijiet u ħtiġiet ta' Direttivi, Regolamenti u kull miżura amministrattiva oħra tal-Unjoni Ewropea li tkun teħtieġ li tiġi trasposta u, jew implimentata, hekk kif dawn jistgħu jkunu emendati minn żmien għal żmien, inkluża kull miżura ta' implimentazzjoni li tkun inħarġet jew li tista' tinħareġ taħtha u inklużi dawk li jkollhom x'jaqsmu ma' detenturi ta' liċenza, aġenziji li jiggradaw il-kreditu, swieq regolati, swieq ta' komoditajiet,

kontropartijiet ċentrali, depożitarji ta' titoli ċentrali, provdituri ta' servizzi ta' rappurtaġġ tad-data, *market making*, *short selling*, operazzjonijiet f'derivattivi OTC, repositorji kummerċjali u, jew l-ammissibbiltà għall-elenkar ta' strumenti finanzjarji dwarhom u oħrajn kif jista' jiġi speċifikat fihom jew ma' xi ħaġa oħra li taqa' taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att; regolamenti magħmulin taħt dan il-paragrafu, u li strettament ikollhom x'jaqsmu mat-traspożizzjoni jew l-implimentazzjoni kif imsemmija qabel, jistgħu jkunu jipprovdu li kull dispożizzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra m'għandhiex tkun tapplika għal materji li jaqgħu taħt ir-regolamenti, u li sa fejn id-dispożizzjonijiet tar-regolamenti jkunu inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra, dawk id-dispożizzjonijiet f'dawk it-tali regolamenti għandhom jipprevalu;

(*f*) sabiex jirregola l-operazzjoni u, jew ir-reġistrazzjoni tal-kontropartijiet ċentrali li joperaw f'Malta jew minn Malta; u, jew

(*g*) sabiex jeżenta lil xi persuna minn xi dispożizzjoni waħda jew aktar ta' dan l-Att u minn kull regolamenti maħruġa taħtu, bla ħsara għal tali varjazzjonijiet, żidiet, adattamenti u modifiki li jistgħu jiġu preskritti, u bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet jew rekwiżiti oħra, inklużi forom oħra ta' awtorizzazzjoni u proċeduri ta' notifika, li jistgħu jiġu preskritti.

(2) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jsiru bla ħsara għal dawk l-eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet li jistgħu jiġu speċifikati fihom, jistgħu jagħmlu provvedimenti differenti għal każijiet, ċirkostanzi jew finijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-awtorità kompetenti dawk is-setgħat ta' adattament tar-regolamenti skont ma jista' wkoll jiġi hekk speċifikat.

Miżjud: XXXI. 2017.42

(2A) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jimponu:

(*a*) penalitajiet amministrattivi li ma jistgħux ikunu ta' iżjed minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) għal kull ksur jew nuqqas ta' osservanza, skont il-każ;

(*b*) pieni jew penalitajiet oħra fir-rigward ta' kwalunkwe kontravvenzjoni jew nuqqas ta' osservanza ta' mhux iżjed minn multa ta' erba' mija sitta u sittin elf euro (€466,000) jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin, jew dik il-piena u priġunerija flimkien;

(*ċ*) penalitajiet amministrattivi u multi ogħla minn mija u ħamsin elf euro (€150,000) u multi ogħla minn erba' mija sitta u sittin elf euro (€466,000), meta dan jitqies meħtieġ jew xieraq għal kwalunkwe kontravvenzjoni jew nuqqas ta' osservanza ta' kwalunkwe Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE jew ta' kwalunkwe regolamenti magħmula taħt dan l-artikolu biex jittrasponu jew jagħtu effett lil kwalunkwe Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE.

(2B) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jippreskrivu penalitajiet u multi kif previst fis-subartikolu (2A)(*ċ*), għal kwalunkwe ksur ta' kwalunkwe dispożizzjoni tal-Att jew għal kwalunkwe ksur tar-Regoli ta' Swieq Finanzjarji, li jittrasponu u, jew jimplimentaw kwalunkwe Direttiva tal-UE jew Regolament tal-UE. *Miżjud: XXXI. 2017.42*

(3) Meta jkunu nħarġu regolamenti skont dan l-artikolu, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ Regoli ta' Swieq Finanzjarji fil-kuntest tat-tifsir tal-artikolu 4 sabiex ikunu jistgħu jitwettqu bl-aħjar mod u jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.

Eżenzjonijiet mit-taxxa fuq dokumenti. *Emendat: V. 1992.5; XVI. 1994.14; XVII. 2002.110; 131; IV. 2005.30. Sostitwit: XX. 2007.55. Emendat: XIX. 2010.27.* Kap. 364.

50. Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti jew f'kull Att ieħor li jissostitwixxi dak l-Att, ebda taxxa ma għandha titħallas bis-saħħa ta' dak l-Att dwar kull trasferiment ta' xi strumenti finanzjarji ta' kumpannija kwotata, jew it-trasferiment ta' xi strumenti finanzarji tal-Gvern jew ta' xi enti morali stabbilit bil-liġi, meta dak it-trasferiment isir jew fuq suq regolat jew barra mis-suq regolat meta dawn ikunu kwotati skont l-artikolu 45 jew fuq sistema multilaterali regolata jew fuq suq regolat jew sistema multilaterali ekwivalenti fi Stat mhux Membru jew Stat mhux ŻEE.

Titolu eżekuttiv. *Miżjud: XVII. 2002.132. Emendat: XX. 2007.56.* Kap. 12.

51. (1) Ordni għall-ħlas ta' spejjeż ta', u inċidentali għal, investigazzjoni taħt l-artikolu 33(5) għandom jikkostitwixxu titolu eżekuttiv kif imfisser u għall-finijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Jekk l-ammont kollu jew parti mill-ammont li għandu jitħallas taħt ordni skont l-artikolu 33(5) jibqa' ma jitħallasx fi tmiem il-perijodu speċifikat, l-awtorità kompetenti tista' tipproċedi biex tinforza l-ħlas wara jumejn min-notifika lid-debitur ta' intimazzjoni għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.

Esklużjoni ta' responsabbiltà. *Miżjud: XVII. 2002.132. Emendat: XX. 2007.57.*

52. *Imħassar bl-Att V.2020.12.*

Għan. *Miżud: XX. 2007.58.*

53. *Imħassar bl-Att IX.2023.26.*

Miżuri tranżitorji.

L.S. 330.09.

54. (1) Bonds koperti maħruġa qabel it-8 ta' Lulju 2022 li jkunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli dwar Servizzi ta' Investiment, kif applikabbli fid-data tal-ħruġ tagħhom, ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-artikolu 31D u fl-artikolu 31I(2) għar-rigward tal-kondizzjonijiet stipulati fir-regolament 68(7) tar-Regolamenti dwar Rkupru u Riżoluzzjoni, iżda jistgħu jibqgħu jiġu msemmija bħala bonds koperti f'konformità ma' dan l-Att sakemm jilħqu l-maturità tagħhom.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja l-konformità ta' bonds koperti maħruġa qabel it-8 ta' Lulju 2022 mar-rekwiżiti stipulati fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regoli dwar Servizzi ta' Investiment, kif dawn ikunu japplikaw fid-data tal-ħruġ tagħhom, kif ukoll mar-

rekwiżiti tat-Taqsima IV *bis* u kwalunkwe regolamenti u Regoli dwar Bonds Koperti maħruġa taħtha, sakemm dawn ikunu japplikaw b'mod konformi mas-subartikolu (1).

(3) Is-subartikoli (1) u (2) għandhom japplikaw għall-kontinwazzjonijiet ta' ħruġ ta' bonds koperti li fir-rigward tagħhom il-ftuħ tal-International Security Identification Number (ISIN) ikun qabel it-8 ta' Lulju 2022 sa erbgħa u għoxrin (24) xahar wara dik id-data, sakemm dik il-kontinwazzjoni ta' ħruġ tkun konformi mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) id-data tal-maturità tal-bond kopert tkun qabel it-8 ta' Lulju 2027;

(b) id-daqs tal-ħruġ totali ta' kontinwazzjonijiet ta' ħruġ li jsiru wara t-8 ta' Lulju 2022 ma jkunx jeċċedi d-doppju tad-daqs ta' ħruġ totali tal-bonds koperti pendenti f'dik id-data;

(ċ) id-daqs tal-ħruġ totali tal-bond kopert fid-data ta' maturità ma jkunx jeċċedi s-sitt biljun euro (€ 6,000,000,000);

(d) l-assi kollaterali jkunu jinsabu f'Malta.

Disposizzjoni transitorja - Att XX tal-2007.

Disposizzjonijiet transitorji.

155. (1) B'seħħ minn dik id-data* li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'ordni, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "id-data operattiva", Malta Stock Exchange plc għandha tkompli fil-personalità tal-Borża ta' Malta stabbilita taħt it-Taqsima IV tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji qabel it-tħassir ta' dik it-Taqsima b'dan l-Att; u bla ħsara għall-esklużjoni tal-proprjetà deskritta fis-subartikolu (3), il-Borża ta' Malta plc għandha skont dan tissuċċiedi f'dak li hu l-attiv, drittijiet, passiv u obbligazzjonijiet kollha tagħha, inklużi l-ordni ta' rikonoxximent maħruġa għall-Borża ta' Malta skont it-Taqsima II tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, li, kemm-il darba ma tiġix speċifikament kanċellata jew imħassra, għandha tibqa' fis-seħħ sad-data operattiva.

(2) Sad-data operattiva:

(*a*) l-awtorità kompetenti għandha toħroġ favur Malta Stock Exchange plc awtorizzazzjoni skont ma hemm fit-Taqsima II tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji. Malli tinħareġ dik l-awtorizzazzjoni, l-ordni ta' rikonoxximent imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jiskadi awtomatikament;

(*b*) Malta Stock Exchange plc għandha titqies li tkun issodisfat il-ħtiġiet tat-Taqsima IV tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji u l-awtorità kompetenti għandha toħroġ awtorizzazzjoni favur il-kumpannija b'seħħ minn dik id-data.

(3) Kull awtorizzazzjoni, deċiżjoni, liċenza, *warrant*, approvazzjoni, avviż u att ieħor jew obbligazzjoni oħra magħmula jew meħuda mill-Borża ta' Malta, inkluża kull sħubija jew dħul fil-lista uffiċjali u ma' kull lista rikonoxxuta oħra u kull Avviż tal-Kunsill jew *Bye-law*, kif ukoll kull ftehim, kuntratt ta' impjieg u ħatriet u kondizzjonijiet relattivi għall-persunal, għandhom jitqiesu mid-data operattiva li jkunu saru jew ittieħdu u ġew assunti minn Malta Stock Exchange plc, u għandhom, kemm-il darba ma jiġux speċifikament kanċellati jew imħassra, jibqgħu fis-seħħ skont dan, b'dawk il-modifiki u adattazzjonijiet li jistgħu jkunu strettament meħtieġa sabiex tiġi implimentata għal kollox u b'mod korrett is-

*1 ta' Novembru, 2007 - ara l-Avviż Legali 319 tal-2007.

suċċessjoni u d-devoluzzjoni tan-negozju u d-drittijiet u l-obbligi kif hawn qabel imsemmija tal-Borża ta' Malta lil u favur il-Borża ta' Malta plc skont din it-Taqsima.

(4) Il-proprjetà immobbli u drittijiet pertinenti għaliha kif deskritti fl-Iskeda li tinsab ma' din it-Taqsima għandha tiddevolvi għal għand id-Dipartiment tal-Artijiet jew entità li l-Gvern għandu l-ishma kollha tagħha li għandha fi żmien xahar mid-data operattiva tara li jiġi pubblikat att pubbliku dikjaratorju li jkun fih deskrizzjoni dettaljata tal-allokazzjoni u d-devoluzzjoni favur tagħha u tas-suċċessjoni tagħha għall-proprjetà immobbli u drittijiet pertinenti għaliha li qabel id-data operattiva kienu vestiti fil-Borża ta' Malta, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima, u għandha tiġi iskritta nota dwar dan kif imiss fir-Reġistru Pubbliku u fir-Reġistru tal-Art, skont il-każ.

(5) Is-suċċessjoni, mid-data operattiva, ta' kull attiv, dritt, passiv u obbligu favur Malta Stock Exchange plc u d-Dipartiment tal-Artijiet jew entità li l-Gvern għandu l-ishma kollha tagħha, skont il-każ, deskritti f'din it-Taqsima, għandhom ikunu wkoll validi u effettivi għar-rigward ta' terzi bis-saħħa tal-liġi mingħajr il-ħtieġa għal ebda formalità oħra, ħlief għal att pubbliku u n-noti meħtieġa taħt dan l-artikolu, u għandhom ikunu eżenti mill-ħlas tat-taxxa fuq l-*income*, it-taxxa fuq id-dokumenti u kull ħlas fiskali ieħor, minkejja kull dispożizzjoni oħra tal-liġi.

(6) Kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ mod ieħor, kull riferenza f'kull liġi għall-Borża ta' Malta għandha wara d-data operattiva titqies bħala riferenza għall-Borża ta' Malta plc; u kull riferenza għall-Kunsill, membru tal-Kunsill jew xi uffiċjal jew impjegat tal-Borża ta' Malta għandha wara d-data operattiva titqies bħala riferenza għall-Bord tad-Diretturi, direttur tal-kumpannija u l-uffiċjali jew l-impjegati tal-kumpannija, rispettivament.

SKEDA

Emendata: XVII.2017.83.

(Artikolu 155)

Il-proprjetà immobbli li tiddevolvi għal għand MSE (Holdings) Limited li tikkonsisti fl-uffiċċji u l-fondi magħrufin bħala "Il-Borża ta' Malta" jew "Borża ta' Malta", b'kull bini u kull benefikat li sar fiha, inklużi d-drittijiet u l-pertinenzi kollha li jappartjenu għaliha, qabel magħrufa bħala l-"Post Office Central Mailing Room", aktar qabel magħrufa wkoll bħala l-"Barrakka Garrison Church", li tinsab fi Pjazza Kastilja, Valletta, mingħajr ma għandha ebda numru uffiċjali, flimkien mal-ġnien li jiċċirkondaha, ta' madwar elf mija u tletin metru kwadru (1130 m^2) u li tmiss minn kullimkien mill-Grigal u mill-Majjistral ma' Pjazza Kastilja u mix-Xlokk mal-Barrakka ta' Fuq, kif aħjar deskritta fil-kiri b'enfitwesi bejn il-Borża ta' Malta u l-Awtorità tal-Artijiet għan-nom tal-Gvern ta' Malta, iffirmat fil-11 ta' Diċembru 2007 fl-Atti ta' Vincent Miceli, Nutar Pubbliku f'Malta fid-Dipartiment tal-Artijiet.

Arranġamenti transitorji - Att XIX tal-2010

Sostitwiti: XI.2019.3.

59. (1) L-irwol mogħti lill-Kumitat Eżekuttiv bl-artikolu 14 tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji kif emendat b'dan l-Att għandu jkun kontinwazzjoni tal-Kumitat tal-Elenkar imwaqqaf bl-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, kif kien fis-seħħ qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.

(2) Kwalunkwe regoli maħruġa skont Taqsima II ta' dan l-Att għandhom japplikaw għal strumenti diġà elenkati fuq lista rikonoxxuta, kif stabbilit fir-Regoli dwar l-Elenku.
